# ACHILLE MIZZI

STUDJI
TA'
BERNARD MICALLEF

Bernard Micallef

# ACHILLE MIZZI

COLOUR IMAGE
MALTA
1996

227591

© Bernard Micallef

Issettjat: R.B. Typesetting

Stampat: Colour Image, Mġarr, Malta 1996

**It-Tiġrib Oġġettiv-Suġġettiv f'Dinja Moderna** 1
L-Għażla ta' l-Oġġetti 2
Minn Għażla għal Reazzjoni 4
L-Oġġett bħala Suġġett 7
L-Oġġett u l-Essenzjali 9

**Ir-Ritmu tal-Ħolqien fl-Imħabba** 13
Il-Parteċipazzjoni fil-Ħolqien 14
Mit-Temporali għall-Etern 20
Melodija Universali 23
L-Ambjent 26
Il-Mara bħala Omm u Bint 30
Il-Falliment – il-Gost Immedjat 33

**Iż-Żmien Għaddej u l-Identità** 37
"Il-Ħolqien b'Demm Wieħed Issensel" 37
L-Espressjoni ta' l-Individwu 41
Definizzjoni tal-Bniedem 44

**Alla** 47
It-Taqbida bejn id-Dlam u d-Dawl 47
Alla fin-Natura Umana 64

**Il-Konfront mal-Mewt** 73
Il-Ħajja fil-Mewt 73
Sforz lejn Tmiem 80
Il-Mewt bħala Maturità 86
Il-Memorja u l-Mistoqsija 91

**L-Arti fin-Natura** 101

**Is-Setgħa tal-Ħajja fin-Natura** 117

**Il-Mument Introspettiv f'Dinja Bierda** 133
Id-Duwaliżmu 133
"Ix-Xejn ta' Xejni" 149
L-Ansjetà 156

**Il-Qari ta' Poeżija** 161
Qabel il-Qari tal-Poeżija 163
1.0 Impressjonijiet Ewlenin sa Xbiha Ċentrali 167
2.0 Il-Vokabularju 174
3.0 Metafori u Similitudnijiet 184
4.0 Il-Poeżija bħala Arranġament ta' Ħoss 188
5.0 Konklużjoni 192

**Indiċi tal-Poeżiji Kkwotati** 193

# It-Tiġrib Oġġettiv-Suġġettiv f'Dinja Moderna

Waqt li fit-trattament xjentifiku l-bniedem ibiegħed l-oġġett mis-sensittività tiegħu, fil-burdata artistika ma jqisx li teżisti fruntiera bejn l-emozzjoni u l-oġġett. L-għan tax-xjenzjat hu li kemm jista' jkun jifhem l-oġġett fih innifsu, mingħajr l-indħil ta' ħwejjeġ li jaffettwaw il-perċezzjoni b'mod suġġettiv. L-għan tal-poeta hu li jġarrab l-oġġett, kif wara kollox jiġġarrab mill-bniedem ta' kuljum, bħala element li fin-nisġa tiegħu diġà hemm passjoni u xewqat umani. Din id-differenza tixhed differenza aktar serja fil-kunsiderazzjoni umana dwar x'inhu veru. Hemm min iqis bħala aktar veru dak li hu statiku, li ma jitbiegħedx mill-istennija tagħna ta' l-istess forma u kontenut. Hemm min iqis aktar veru dak li jinbidel, li hu relattiv għall-qagħda tagħna u li jissuġġerixxi mument f'kuxjenza miexja.

Il-poeta modern issejjaħ hekk għax, fost ħwejjeġ oħra, kellu l-ħila jgħaqqad l-oġġett modern u d-dinja xjentifika ma' l-arti. F'dan is-sens għamel dak li għamlu bosta movimenti qablu: aġġorna l-poeżija. Iżda l-modern, li jinkludi l-bomba atomika, l-inġinerija ġenetika u l-industrijalizzazzjoni, jindika wkoll li l-għaqda mhix komda. B'riżultat id-dinja moderna hi pprezentata permezz ta' reazzjoni jew permezz ta' tweġiba emottiva. Il-konsegwenza artistika hi poeżija bi stil li jaħsad billi jżarma s-sens ta' kontinwità u ta' stabilità.[1]

Kemm l-oġġett isir tiġrib suġġettiv jiddependi fuq is-sensittività tal-poeta. Iżda fil-poeżija moderna, ikkaratterizzata bl-espressjoniżmu (il-bżonn li wieħed jesprimi qabel jirranġa l-istqarrija f'ordni loġiku) u bis-simboliżmu (il-kunsiderazzjoni ta' oġġett bħala firxa ta' assoċjazzjonijiet) l-oġġett ma jibqax materja b'konfini riġidi u distinti. Mizzi hu modernist tipiku f'dan ir-rigward. L-għażla ta' l-oġġett mid-dinja moderna, it-trattament tiegħu u l-mod kif sensiela ta' oġġetti turi mixja ġewwiena ta' ruħ, jindikaw li l-poeta jqis il-materjali bħala spiritwali, il-konkret bħala stat psikiku flessibbli, l-esterjuri bħala qagħda interjuri.

Waqt li r-romantiku japplika emozzjoni umana kemxejn fissa fuq l-oġġetti madwaru permezz ta' l-empatija, fil-modern l-oġġett hu diġà parti mill-emozzjoni. L-immaġiżmu, jew l-estrem ta' dan l-aspett tal-moderniżmu, isostni li l-immaġni tal-poeżija moderna tinbet fil-moħħ b'mod awtomatiku mill-impatt li l-ħajja moderna għandha fuq il-bniedem.[2] Il-poeżija hi trattament awtomatiku ta' l-oġġett li hu kumplessità intellettwali u emottiva għax jissarraf f'immaġni.[3]

## L-GĦAŻLA TA' L-OĠĠETTI

Diversi poeżiji ta' Mizzi jixhdu x-xettiċiżmu tal-moderniżmu billi jinqdew b'reġistru ta' kliem mid-dinja moderna biswit reġistru ieħor ta' kliem klassiku jew li jirrelata man-naturali. Ix-xena tipika li tirriżulta minn dawn l-għażliet hi ta' instabilità li l-ħwejjeġ moderni joħolqu fl-ordni eżistenti. Fi *Xjenza* t-tqabbil bejn il-«ħġieġa ċassa tan-nuċċali» u l-«oraklu», it-tqabbil tad-«daħna roża tal-gass» ma' «meraq taċ-ċirasa» u l-metafora «magna għarqana»

huma eżempji ta' inkongruwenza bejn il-bruda xjentifika u n-natura jew l-uman. F'*Kennierja* t-«traffiku» u l-«važetti tal-ħġieġ» bil-«formalina» huma applikati fuq l-ispiritwali. Is-suġġeriment hu ta' telfien fit-triq u nuqqas ta' wasla. Il-kliem li hu rrelatat mal-qasam xjentifiku jintuża bħala allegorija għall-vjaġġ mill-finit għall-infinit. Il-falliment tal-vjaġġ hu rifless f'għażla ta' kliem li jaħsad bin-nuqqas ta' qbil mal-kuntest spiritwali. L-istess tifsira (ta' materjal li ma jservix għall-ħajja spiritwali) hi ssuġġerita bis-sinifikat allegoriku kif ukoll bil-kuntrast bejn reġistri differenti.

*Inġiniera Ġenetiċi* hi eżempju ieħor ta' l-istess argument. Kliem bħal «inġiniera» u «matriċi» jsegwi l-frażijiet «ġisem tat-tafal», «infaħt nifsek» u «ġnien ta' l-Għeden» biex bl-għażla u bil-post tal-kliem il-bidla minn fażi reliġjuża għal waħda materjalista u xjentifika tiġġarrab. F'*Ġenetika* l-istess sekwenza mill-attitudni tradizzjonali għal oħra moderna hi ppreżentata bl-għażla tal-kelma «nannuk» segwita wara ftit bil-kliem «pakkett kromożomi»:

> X'logħba hi din
> tal-kumbinazzjoni
> li nannuk wassallek ġo fik
> miż-żmien imbiegħed
> pakkett kromożomi.

Fil-kwotazzjoni l-ħasda b'dak li ilu jseħħ iżda li issa għandu għarfien xjentifiku, u kelma għalih, tindika li l-oġġett modern jista'jiddisturbana anki meta jikkonferma x'aħna. Il-kelma «kromożomi» taħsad bl-ispeċifiċità tagħha wara kliem li ma jindikax trattament xjentifiku, u titfa' lill-qarrej f'ambjent modern ta' studju avvanzat wara ż-«żmien imbiegħed». Iżda fl-istess waqt il-kelma hi tkom-

plija loġika mas-sens ta' ereditá li ġie żviluppat qabel. Il-ħasda hi aktar bl-attitudni xjentifika li tirriduċi l-ereditá naturali għal ġo studju biered milli bil-proċess innifsu ta' wirt ġenetiku.

## MINN GĦAŻLA GĦAL REAZZJONI

Il-frekwenza ta' din is-sekwenza, jew ta' l-għaqda kuntrastanti bejn il-qadim u r-riċenti, tixhed li l-osservazzjoni tal-ġdid isseħħ dejjem f'sistema, f'emozzjoni, f'xewqat u f'dinja sħiħa li ilhom aktar mill-oġġett innifsu. Il-qadim hu t-tħaddim tal-ġdid. Iżda l-oġġett modern jikkomprometti s-sistema eżistenti u x-xewqat umani ġenerali, għax ma jistax jeżisti mingħajr reazzjoni mal-qadim li biha jingħaraf bħala ġdid.

F' *Inġiniera Ġenetiċi* l-esperimenti u l-avvanz fil-qasam ta' l-istudju tal-ġenetika ma humiex iżolati. Huma msarrfa f'mistoqsijiet serji dwar l-eżistenza ta' ħallieq u dwar l-inġustizzja li tista' tinħoloq. L-avvanz hu problematika dejjiema, mistoqsija dwar il-fidi u dubju ġdid. Ix-xjenza ma tibqax xjenza biss iżda ssir kunsiderazzjoni morali u reliġjuża. F' *Olympus* l-assoċjazzjoni tal-kliem kemm mal-logħob olimpiku kif ukoll mad-dinja mekkanika tixhed li l-«ingaġġ u l-ħelsien» fid-dinja moderna hu bejn bniedem u magna mhux bejn bniedem u ieħor. Il-magna tidħol f'sistema stabbilita ta' logħob iżda ma tindikax logħob. Il-ġdid hu dejjem f'għajnejn qodma fil-poeżija ta' Mizzi. Il-qadim iservi ta' funzjoni jew ta' metafora tal-ġdid.

*Ħġieġ* tippreżenta l-għaqda bejn is-sagru, jew l-assolut, u s-sejba xjentifika li b'xi mod trid issib sehemha fih. Il-«mewġ priżmatiku» ta' «baħar Ġenażaret», il-«mikroskopju» u t-«teleskopju» bħala suġġerimenti tar-

relattività fit-tiftixa tagħna għall-verità, u l-fatt kostanti li «l-ħġieġ jiċċajta» jikkorrispondu ma' l-indikazzjoni li l-oġġett modern joħloq viżjonijiet ġodda kkaratterizzati bid-dubju u bid-diffikultà:

U kif niffukaw fuq tiftixa allija
fl-univers mudlam
mingħajr teleskopju tal-ħġieġ?

L-essenzjali, jew it-tweġibiet għall-mistoqsijiet il-kbar, ma jinstabux bl-oġġett modern. Iżda fl-istess waqt ix-xjenza u l-ġdid joħolqu relazzjoni ġdida ma' l-essenzjali. Mizzi ma jindikax li l-ġdid tana t-tweġibiet li nfittxu daqskemm li tana kuntradizzjoni fil-mistoqsijiet.

*Awtobijografija Ta' «Bniedem 2000 A.D.»* tippreżenta lill-bniedem maħruġ 'il barra mill-oriġini u mill-ambjent naturali tiegħu. Id-dinja moderna, anki f'dal-każ, tintrabat mal-passat u hu permezz tal-paragun li l-ironija tinħoloq. Il-ġdid ma jingħaqadx mal-qadim u l-identità umana tintilef f'sekwenza ta' oġġetti bierda:

Jien wild il-kalkoli
tal-fradal bojod
f'laboratorji sterilizzati.

Il-parodija ma tiġix apprezzata mingħajr allużjoni għat-telfien ta' kulma hu naturali. L-oġġett il-ġdid jispikka meta jkompli l-qadim mingħajr il-mezzi qodma:

Intgħażilt darba
mis-super-suq ta' l-isperma
inġazzata għal tul ta' żmien ġo siringa
sa ma tlaqqajt ma' l-ovum
ġo tubu tal-ħġieġ kristalli.

It-trattament ta' l-oġġett xjentifiku jissuġġerixxi aġġornament skomdu u kontinwu li x-xjenza titlob mill-

bniedem. Id-disturbanza bil-ġdid isseħħ għax il-ġdid jikkomprometti l-viżjonijiet reliġjużi u umanisti tagħna. Ma hemmx l-introduzzjoni sempliċi ta' element ġdid fil-poeżija ta' Mizzi, hemm dan l-element bħala reazzjoni umana, għax l-avvanz jirripeti lill-bniedem f'qagħda ġdida. Ix-xjenza tissarraf f'mistoqsija eżistenzjali rripetuta mill-ġdid u l-mistoqsija tindika essri inkomplet. *Awtobijografija Ta' «Bniedem 2000 A.D.»* tinqeda bl-anafora biex tenfasizza n-nieqes fid-dinja xjentifika. Il-frażi «jien ma nafx», segwita minn dak li hu naturali għall-bniedem, hija l-istqarrija rikorrenti tal-poeżija. Il-kuntrast bejn ħwejjeġ naturali rotob u ħwejjeġ xjentifiċi iebsa jippreżenta l-bidla bħala bidla fl-attitudni umana daqskemm konkreta.

Min-natura tiegħu l-bniedem juża l-ħwejjeġ madwaru biex jestendi l-ħakma tiegħu ta' l-ambjent. Il-konkret iservi mhux biss ta' estensjoni fiżika li żżid il-kapaċità umana, iżda wkoll bħala għadd ta' metafori applikati fuq l-astratt jew fuq l-intanġibbli. Il-karatteristiċi tal-konkret spiss jintużaw biex l-astratt jidher viċin. L-oġġett hu estensjoni kemm fiżika kif ukoll emottiva u kwalitattiva. Il-warda, bħala eżempju komuni fil-poeżija ta' kull żmien, mhix biss it-trasferenza tas-sbuħija fuq element ieħor (bħall-mara) iżda hi wkoll ir-rabta emottiva (bħal-ammirazzjoni, imħabba) li s-soltu jkollna ma' l-oġġett. Meta l-oġġett hu ġdid, u jinstab biswit ħwejjeġ qodma, ma jinvolvix estensjoni immedjata daqskemm ħasda u skantament bil-fatt li l-bniedem irid juża dil-forma ġdida bħala tkomplija tiegħu. Il-poeżija moderna telabora dan l-istat ta' ħlejqa intelliġenti li ssir konxja ta' l-applikazzjoni metaforika tagħha meta tinħasad b'oġġett ġdid. Il-poeżija ta' Mizzi tissuġġerixxi l-arbitrarjetà u l-fraġilità fil-mod kif il-bniedem iġarrab l-essenzjali f'dinja kontemporanja.

L-OĠĠETT BHALA SUĠĠETT

Il-bniedem hu kkostitwit mill-oġġetti li jġarrab għax dawn huma l-informazzjoni senswali u l-għaqda perċettiva ta' ġo fih. L-oġġett innifsu ma jistax jeżisti mingħajr il-formazzjoni li l-perċezzjoni umana tagħtih. Ir-relazzjoni bejn l-oġġett u s-suġġett iżżomm l-eżistenza tat-tnejn għax is-suġġett hu kkonfermat bl-eżistenza ta' l-oġġetti li juża jew iġarrab senswalment, u l-oġġett irid suġġett biex jinftiehem bil-kwalitajiet li jagħmluh l-element partikulari li hu. Karl Theodor Jaspers jgħaqqad is-sens sħiħ meta jgħid li ma hemmx oġġett mingħajr suġġett u viċi versa.[4]

F'Mizzi l-oġġett xjentifiku u modern joħloq is-suġġett ifframmentat. L-inkongruwenza bejn l-istabbilit u l-element xjentifiku mhix bejn il-ħwejjeġ fihom infushom iżda ġo kuxjenza li trid tgħaqqad il-qadim u l-ġdid biex ikollha sens ta' ħajja waħda. Fi *Xjenza* x-xjenzjat isir materja bla ħajja («xofftejh kisħin tal-bronż») assoċjata mal-qerda. Ir-referenza għall-«kaxxa ta' Pandora» tixhed li anki meta x-xjenza tingħaqad mal-qadim il-kwalità komuni hi l-ħsara. L-għaqda bejn l-emozzjoni umana u d-direzzjoni xjentifika wkoll tixhed sfiduċja permezz ta' l-ironija: «Xi ħlewwa d-daħna roża tal-gass». Ir-riżultati tax-xjenza, il-Lhud maqtula u Ħiroxima, huma msarrfa f'qagħda psikika li wkoll tinqeda bl-oġġett biex tiġi deskritta. Id-dinja moderna hi vjolenza mentali daqskemm fiżika:

> Iwerżaq it-trapan jgħawwar u jdur
> fil-qorriegħa tal-Bniedem.

*Vesuvius-Fujiyama* hija eżempju ieħor. Il-kelma «uranju» tispikka għax tissuġġerixxi l-wasla tal-qerda fl-avvanz uman. Il-kelma hi fl-aħħar ta' poeżija b'referenza kontinwa għall-ħassieba klassiċi u għall-kulturi ta' żewġ

naħiet tad-dinja. Il-qarrej iġarrab il-ġdid wara l-passi l-kbar ta' l-umanità. Għal darba oħra l-kelma hi segwita minn allużjoni ċara għall-feriment fiżiku li jsofri l-bniedem: «u l-qamar/iddardar ħesrem bit-tiċpis tad-dmija».

L-istess trattament tematiku jinstab f'*Ġudizzju*. Alla u t-tmiem tad-dinja huma mifhuma minn essri li jgħix fl-era atomika. Il-ġdid u x-xjentifiku huma marbuta mat-twemmin stabbilit permezz ta' referenza għat-tmiem u għall-ħsara. Is-sejbiet il-ġodda huma vjolenza immedjata fuq bniedem u natura biex il-profezija klassika ta' l-apokalissi sseħħ. Hekk «ir-radjazzjoni/nixxfet l-ovarji», «tħatteb iċ-ċedru» u «truf il-bżieżel tal-baqar xegħlu x-xafra/ta' l-uranju». Il-konklużjoni mhix biss ta' «traġedja Griega» li «fiha tmiem wieħed», jew ta' tmiem klassiku u inevitabbli li se jiġi rrealizzat fid-dinja moderna. L-argument aħħari hu dwar xjenza li, bħal f'*Inġiniera Ġenetici*, tikkomprometti t-twemmin tagħna u l-viżjoni li l-kultura, jew l-arti, tradizzjonali tatna dwar l-etern:

> Twerreċ il-Missier Etern li waqa'
> xkora mxarrba mill-għoli fejn tellgħu
> Michelangelo.

Mhix koinċidenza li fid-diversi eżempji msemmija l-konfront max-xjenza u ma' l-invenzjoni kontemporanja jiġi segwit minn talba lil Alla. Hija aktar konferma tal-fatt li l-poeta, bħala bniedem komplut permezz ta' tfulija fi twemmin, f'kultura u f'moralità stabbiliti, hu inkomplet meta ħwejjeġ ġodda jġegħluh ifittex l-istess ċertezzi f'qagħdiet differenti jew kuntrarji. F'*In Vitro* t-talba lil Alla tixhed l-ammirazzjoni tal-poeta lejn il-ħajja. L-għajnuna li x-xjenza tista' toffri lill-ħajja hi ssuġġerita. Iżda l-fatt li biex iseħħ dan il-bniedem irid jitbiegħed min-naturali,

jew mill-ħajja kif jafha, iwassal għall- preferenza tal-mewt:

> Ħabbejt il-ħajja, Mulej, iżda aħsadni
> f'dak il-jum meta jitwieldu jibdew
> bnedmin ġol-vażetti.

L-istess feriment fiżiku-morali jinstab f'*Emikranja*. Ir-radjoattività hija rrelatata mal-ħtija. Il-poeżija hi sekwenza ta' ferimenti ġewwiena fil-moħħ iżda l-firxa radjoattiva mhix biss ħsara fiżika. Tikkorrispondi wkoll ma' firxa ġenerali ta' responsabbiltà u ħtija ġodda li jissarrfu f'emikranja.

## L-OĠĠETT U L-ESSENZJALI

Il-mistoqsija ewlenija f'dan it-trattament ta' Mizzi hi dwar kemm huma kompatibbli x-xjenza u l-essenzjali. Suġġeriment wieħed hu li l-bniedem modern tilef l-essenzjali meta waqaf ifittxu għax aljena ruħu bl-avvanz tiegħu stess. Il-problema hi dwar kemm jistgħu l-mistoqsijiet li jinvolvu l-fidi u l-emozzjoni tagħna jibqgħu kif inhuma bl-invenzjoni bierda tax-xjenza. U jekk ma jibqgħux il-bniedem se jkun rebaħ tweġiba bix-xjenza, jew tilef l-essenzjali għax tilef il-mistoqsija? Il-preokkupazzjoni ġġiegħel lil Mizzi jfittex is-sens ta' l-oġġett modern anki f'mistoqsijiet dejjiema bħal dik dwar il-mewt. Il-bniedem jista' jkollu l-impressjoni li t-tiġrib tat-traxxendentali jintlaħaq «b'siringa li tobżoq fil-vini/qarnita tad-dija tisplodi fil-moħħ» (*Id-Dawl*), iżda d-dawl maħluq f'dimensjoni finita hu wkoll it-telfa ta' Alla u t-telfa tal-paradoss kristjan ta' mewt li hi ħajja:

meta għalija wkoll tinżel ix-xemx sogħbiena
. . .
liema alla sa jippumpjani
bil-vultaġġ tal-kurrenti tad-dawl
biex nibqa' nara
imqar fin-negattiva t'għadira
l-eklissi
tar-rebħa tad-dawl
fuq id-dlam.

F'*Depożizzjoni* r-referenza għal Kristu u għall-mewt bħala triq essenzjali u inevitabbli huma segwiti mit-«turist Amerikan» li jrid jaqbad il-ġrajja tal-fidwa «bil-kamera». Il-parodija tal-modern tinħoloq permezz tat-tbegħid mill-paradoss kristjan ta' ċediment u ħajja. Id-diffikultà biex is-suġġett jibqa' sħiħ, biex l-essenzjali jiġġarrab, u biex it-twemmin ma jintilifx, ma tfissirx li l-oġġett modern ma jistax ikun poetiku daqskemm li dan jirrikjedi proċess li jinvolvi disturbanza tal-qadim u tal-memorja umana.

L-oġġett modern isib postu fil-poeżija ta' Mizzi għax it-theddida li joffri hi wkoll konferma tar-rabta li l-bniedem għandu mal-qadim. L-uman jibqa' l-punt ta' referenza kontinwu. Id-dinja tiegħu, kif jissuġġerixxi l-poeta, hi dejjem moderna għax fil-prattika hi din id-dinja li tagħtih mod ta' għajxien. Iżda bosta ħwejjeġ interjuri u intimi, fosthom it-twemmin f'Alla, għandhom oriġini passata u naturali. L-oġġett modern jaħsad għax jagħmilna konxji ta' ħlejqa li trid tgħix in-natura tagħha, u viċin l-essenzjali, billi l-ħin kollu titbiegħed minnhom f'dinja kontemporanja.

NOTI

1. Għal din id-deskrizzjoni tal-poeżija moderna ara M. Bradbury u J. McFarlane (edi.), *Modernism 1890–1930*, New York, Penguin Books Ltd., 1976, p. 24.
2. Ara S. Spender, *The Struggle of the Modern*, California, University of California Press, 1963, p. 190.
3. Id-definizzjoni ta' Ezra Pound hija parti mill-manifest imaġista. Ara J. Hollander, *Modern poetry – Essays in Criticism*, Oxford, Oxford University Press, 1968, p. 3.
4. Ara S. Samay, *Reason Revised – The Philosophy of Karl Jaspers*, Ireland, Gill and Macmillan Ltd., 1971, p. 14.

# Ir-Ritmu tal-Ħolqien fl-Imħabba

Mizzi ma għandux dinja tas-sensi u oħra spiritwali. Id-dinja immedjata tas-sensi tirreferi għal tiġrib spiritwali. Il-qagħda tal-bniedem f'dinja konkreta, fost oġġetti li jintmessu, issir rabta ma' l-universali u ma' Alla. L-imħabba ma tibqax tiġrib fiżiku bejn tnejn min-nies u tisfa f'esperjenza ta' ħwejjeġ li huma 'l hinn mill-fehma umana. Issir id-dħul tal-finit f'dimensjoni infinita għax il-bniedem li jħobb jipparteċipa fi pjan diviń. Fil-poeżija ta' Mizzi l-imħabba tgħaqqad lill-bniedem mal-ħolqien għax hi att essenzjali li bih il-bniedem jingħaqad man-nisġa tan-natura. Is-sens ġenerali ta' mħabba li tressaqna eqreb l-oriġini tagħna jwassal għal suġġeriment rikorrenti: l-intimità fiżika tqawwi s-sensittività umana sal-punt fejn il-bniedem jifhem id-dinja madwaru fi pjan ieħor u bla wisq kliem. L-attitudni f'dawn il-mumenti hi aktar reliġjuża milli materjalista.

Dawn il-kwalitajiet kollha jixhdu li għall-poeta l-att sesswali ma jissarrafx f'tiġrib ta' gost immedjat iżda f'għaqda bejn il-partikulari (l-individwu) u l-universali (dak li jseħħ dejjem u kullimkien). Is-sens hu li l-bniedem ma jirrikjedix kliem biex jifhem l-essenzjali ladarba fih hemm lingwaġġ primittiv li hu tiegħu u tal-ħolqien. Waqt li l-kliem jifred f'kunċetti, il-lingwaġġ primittiv hu fil-forma ta' mġiba sesswali li tagħmilna fiżikament u spiritwalment sħaħ. L-imħabba ssir ritwal tal-ħolqien

sħiħ li l-bniedem jipparteċipa fih b'mod naturali. Id-dinja nnifisha tieħu s-sura ta' ġabra ta' elementi ħajjin li jridu jsegwu r-ritwal biex jiġġeddu.

IL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-ĦOLQIEN

Meta jersqu tnejn min-nies lejn xulxin fl-intimità ta' l-imħabba jagħrfu kompletezza li weħidhom ma jġarrbux. *Frater* tindika li din il-kompletezza mhix emottiva biss iżda divina wkoll. Il-bniedem ma jifhimx lil Alla bl-intellett. Il-ħsieb riflessiv hu meqjus bħala tbegħid minn Alla u f'kuntrast mal-passjoni:

Bl-imqass ta' fehmti
allat foloz bil-bosta qasqast,
u quddiemhom irkobbti tnejt.

L-imħabba hi t-triq lura lejn id-divin, tidentifika lill-bniedem ma' Alla u tagħmel dan bla kliem u bla fehma. Waqt li l-intellett jagħti xbihat ta' Alla, u dawn huma foloz, l-imħabba twaħħad man-natura divina:

Imma meta ma' marti
ninseġ flimkien il-misteru ta' l-imħabba
minn ġewwa ninxtegħel bis-setgħa ta' missier.
Ħallieq taħtarni
b'ħuk, ja Mulejja.

L-għaqda mal-mara ma toffrix ħsieb ċar dwar x'inhu jseħħ u tibqa' «misteru» għalkemm dal-misteru hu minsuġ mill-bniedem stess. Id-differenza kruċjali hi li dal-misteru joriġina minn ġewwa waqt li l-figuri ta' l-allat foloz huma esterjuri. Fl-imħabba l-bniedem isawwar l-istess misteru li l-eżistenza tiegħu tinsab fih. Il-misteru jinvolvi lill-bniedem għax joriġina minnu. Waqt li l-fehma hi nieqsa t-tiġrib tal-misteru jġiegħel lill-bniedem

jara kollox b'mod aktar drammatiku. Għalkemm ma jifhemx il-bniedem xorta joħloq permezz ta' l-imħabba. Il-kuntrast ovvju bejn l-«imqass» li jaqta' figuri artifiċjali u l-imħabba li tagħmel lill-bniedem divin hu parallel għall-kuntrast bejn il-ħsieb ċar u l-emozzjoni vaga iżda vera. Id-«dnubiet» huma r-riżultat ta' l-ewwel attitudni bierda waqt li x-xebh veru ma' Alla jsegwi l-imħabba. L-imħabba hi l-proċess tal-ħolqien li jingħax bla ma jiġi spjegat.

Ħarsa mill-qrib lejn il-kliem tagħti l-livell kemm konkret kif ukoll spiritwali li l-imħabba tinvolvi simultanjament. L-għaqda bejn il-poeta u l-mara toħloq bidla fil-poeta li jsir missier. Il-ħatra għal-livell divin hija marbuta ma' din in-natura ġdida ta' missier iżda ġejja minn Alla. L-imħabba hi pjan divin biex l-uman jikkonferma n-natura tiegħu ta' uman u fl-istess waqt jara l-qrubija bejn din in-natura temporali u l-etern. F'dan is-sens l-imħabba hi l-mezz kif iċ-ċokon u l-immedjatezza tat-tiġrib fiżiku jidhru f'qisien universali, u kif l-universali jiġġarrab f'natura partikulari. Hi l-punt fejn jingħaqdu l-estremi tal-kobor u taċ-ċokon.

L-istess trattament jinstab f' *Bidla*. It-tixjin taż-żgħożija permezz ta' l-imħabba mhux telfa daqskemm gwadann ġdid. Iż-żagħżugħ li jsib il-milja tiegħu nnifsu billi jiskopri l-irġulija hu «għajxien fi pjan ieħor». Ir-relazzjoni ma tibqax waħda sempliċi bejn poeta u mara, iżda hi waħda bejn il-bniedem u l-ħolqien. L-uman li jħobb hu mqabbel mal-ħolqien biex jitkejjel il-qies il-ġdid tiegħu:

> U għax ħabbejtek, jien Achille Mizzi
> ksibt għajxien fi pjan ieħor
> 'il fuq mill-ħxejjex, mill-bhejjem u l-bnedmin.
> U bik il-frotta ta' żgħożiti
> issajret fl-irġulija.

Id-dettal ifjen hu li l-bniedem ma jittraxxendix biss il-ħolqien li permezz tiegħu hu mkejjel, iżda anki n-natura ta' bniedem. Dan iseħħ waqt li jsir raġel jew uman matur. Is-sens doppju, ta' bniedem li hu uman u 'l fuq mill-uman, jikkorrispondi ma' l-għaqda bejn il-partikulari u l-universali. Mill-ġdid l-imħabba ssir livell ta' għajxien ieħor li jippermetti l-għaqda ta' l-opposti jew tad-differenti, li jġiegħel lill-bniedem jipparteċipa f' misteru ta' tiġdid komuni għall-ħlejjaq kollha u li jagħti s-sens ta' kompletezza bil-maturità fiżika.

Il-bniedem ta' Mizzi ma għandux oqsma ta' għarfien differenti għas-sagru u għas-senswali. Il-passjoni ċċajpar il-fruntiera bejn is-senswali u l-mistiku għax waqt li hi marbuta mat-tiġrib fiżiku, li hu limitat u temporali, ma għandhiex qisien materjali biss u mhix limitata bħalma hu l-ħsieb irraġunat. Il-perspettiva reliġjuża f'*Lill-Madonna Gotika* tinkludi d-dinja senswali bħala apprezzament sħiħ tas-sagru. It-taħlit ta' kliem senswali (bħal «fawra», «ħames sensi» u «ħawħa senswali») ma' kliem sagru jew reliġjuż (bħal «post konċiljari», «kisba t'Alla» u «klarissi»), is-sekwenza rripetuta mill-materjali għall-mistiku, u r-referenza għal Ġesù bħala l-għaqda tad-divin ma' l-uman («Alla magħmul Bniedem mill-ġdid/biex isiru Allat il-Bnedmin»), huma sfond għal argument ċentrali:

Illum tinstab il-ġenna
fl-għanja muta tad-demm
sultan fuq il-meraq veġetali,
fuq istint il-bhima,
l-għanja tad-demm
imsoffi mill-filtri fini
ta' l-imħabba.

Il-«ġenna» mhix post ġdid iżda hi s-sejba ta' l-etern permezz tad-«demm». Id-«demm» bħala simbolu ta' l-impulsi naturali, hu mutu iżda jgħanni, jew hu espressjoni bla kliem. L-«għanja» hi ġenerali jew tinstab kemm fil-ħajja veġetali kif ukoll fil-ħajja annimaleska. U l-«għanja» toriġina mill-imħabba. Is-sekwenza loġika hi din: l-imħabba toħloq espressjoni ġewwiena li ma għandhiex bżonn kliem, li tinstab f'kull forma ta' ħajja u li fiha tħaddan l-eternità.

Minn siltiet bħal dawn il-poeta jidher qiegħed jagħmel ħafna aktar milli sempliċiment jidealizza l-imħabba. Qiegħed fil-fatt isib l-ideali fl-immedjat, il-perfezzjoni f'dinja li minn bosta movimenti oħra ġiet meqjusa imperfetta. Qiegħed jirrealizza, f'linja ma' karatteristika ewlenija tal-moderniżmu, li l-meraviljuż u s-sagru jinstabu viċin ħafna tal-bniedem kif inhu.[1] Fuq kollox qiegħed jifhem li l-ħolqien mhux ġrajja li aħna sseparati minnha jew li naraw isseħħ, iżda ġrajja li hi fina u li nħossu sseħħ. Din il-ġenna intima tiġġarrab meta l-imħabba ssaffi l-istint bil-«filtri fini» jew meta permezz ta' l-imħabba d-demm isir espressjoni melodjuża.

It-talba li ssegwi d-deskrizzjoni tal-ġenna f'*Lill-Madonna Gotika* tixhed mill-ġdid l-assoċjazzjoni bejn l-imħabba u l-apoteosi ta' l-uman. L-għanja tad-demm tisfa f'talba biex Alla jsir bniedem mill-ġdid u «biex isiru Allat il-Bnedmin». Il-«kisba t'Alla» għandha sseħħ «permezz ta' l-għejun/tal-ħames sensi» u hi kisba taż-żmien modern li l-poeta jqis bħala maturità fuq l-attitudni medjevali dommatika. Ix-xbiha ċentrali tal-Madonna hi senswali daqskemm spiritwali tant li l-misteru u l-aspett fiżiku tagħha jisfumaw f'xulxin. Il-firda bejn il-misterjuż u l-immedjat ma teżisti fl-ebda aspett tat-tema u b'konsegwenza

ma hemmx argument reliġjuż u ieħor materjalist. Is-sopranaturali hu ppreżentat fil-qalba tan-naturali:

Mill-ħarifa ta' ġismek magħlub
f'mummja ta' mistiċiżmu
ħa tiftaħ il-warda misjura
f'misteru matern.

Bħalma fi *Frater* id-dnub hu marbut maċ-ċaħda ta' l-imħabba u l-użu eskluživ ta' l-intellett, f'*Lill-Madonna Gotika* t-trażżin tan-natura sesswali u prokreattiva hu ppreżentat bħala żball ta' «żmien l-għafis ta' dras iċ-ċilizju,/tal-ħqir u t-tbiċċir tas-sawt». It-talba lill-Madonna hi wkoll biex fid-dehra tagħha tħalli lill-mara tidher bħala parti mis-sagru:

Ħalli r-riħ iperpirlek ma' koxxtok
il-mant ta' l-organdin.
Ħalli f'ħaddejk klarissi mixruba
tiżboċċja l-ħawħa senswali
ta' Leonardo.

L-indikazzjoni ġenerali mill-poeżiji analizzati hi li l-imħabba u s-senswali jsiru awtomatikament tiġrib spiritwali għax jinkludu fihom il-misteru tal-ħolqien. Dal-misteru jibqa' argument bla konklużjoni meta hu ttrattat b'mod verbali jew loġiku, għax il-verbali u l-loġiku ma jipparteċipawx fil-ħolqien b'mod dirett. Mizzi jissuġġerixxi li l-essenzjali ma jinqabadx f'espressjoni verbali li hija ifjen minn oħrajn iżda fit-tiġrib tas-sabiħ permezz tas-sensi u qabel il-kliem. Jimplika wkoll li d-differenzi li l-bniedem ħoloq bejn il-partikulari u l-universali, bejn it-temporali u l-etern, u bejn il-fiżiku u s-sagru ġew permezz ta' lingwaġġi differenti li fl-imħabba huma l-istess lingwaġġ. L-imħabba fil-perspettiva tal-poeta hi mezz

espressiv li jħalli l-misteru bla definizzjoni iżda li jinvolvi fih lill-bniedem bħala ġisem. F'diversi poeżiji l-ġisem uman jesprimi l-ħolqien waqt li l-moħħ razzjonali ma jifhmux.

*Vespri* wkoll tinqeda bi kliem li ġej minn oqsma ta' tiġrib differenti. Kliem bħal «żejt», «debħa», «qassis il-kbir» u «inċens» jagħti xena sagra. Iżda kliem bħal «bewsti», «ġismi» u «xaba'» jindika tiġrib fiżiku. Il-kliem li jirreferi għall-imħabba mhux isseparat mix-xena sagra iżda hu parti mid-deskrizzjoni tagħha. Ix-xena sagra hi mbagħad analoġija ta' l-att sesswali. Minħabba li l-kliem dwar is-sagru u l-kliem dwar l-imħabba jkomplu u jżommu s-sens ta' xulxin l-impressjoni aħħarija hi li l-imħabba hi ritwal sagru li bħat-talb («vespri») iqarribna lejn Alla. Il-paragun metaforiku bejn iż-żejt tas-sagrament u l-bews jindika li r-relazzjoni bejn mara u raġel hi sagramentali:

> Biż-żejt il-lewż
> ta' bewsti nidilkek.

Iżda x-xena ċentrali ta' sagrifiċċju tagħti kwalifiki aktar dettaljati lill-imħabba. Bħalma «l-bhima tad-debħa» ma sservix ta' sagrifiċċju bla «altar», u l-«altar» ma jkunx definit bħala tali mingħajr l-annimal tas-sagrifiċċju, il-mara u r-raġel ma jistgħux jiġu definiti u ma jagħmlux sens mingħajr għaqda:

> Int il-bhima tad-debħa:
> ġismi l-altar.

Mizzi jissuġġerixxi ħafna bi ftit kliem imqiegħed sew. L-annimal tas-sagrifiċċju għandu l-kumplament tas-sinifikat tiegħu fl-«altar» u viċi versa. Is-sagrifiċċju ma jistax jiġi offrut jekk ma jkunx hemm l-annimal jew l-altar. L-

annimal tas-sagrifiċċju jieħu din it-tifsira meta jitqiegħed fuq l-altar. L-altar isir altar meta fuqu hemm annimal li se jiġi offrut. L-eżistenza tat-tnejn hi relattiva. Id-definizzjoni tagħhom toħroġ minn korrispondenza bejniethom. Il-mara hi kompluta bir-raġel u viċi versa. Id-definizzjoni tat-tnejn tinstab fir-relazzjoni bejniethom.

Barra minn hekk l-analoġija tindika wkoll li l-għaqda tressaq lill-uman lejn l-assolut. Il-«bhima tad-debħa» u l-«altar» ma joffrux biss allużjoni għall-għaqda bejn raġel u mara, iżda wkoll indikazzjoni ta' l-għaqda maddivin. Id-dehra tal-«qassis il-kbir» li se jwettaq is-sagrifiċċju u r-ripetizzjoni tal-kelma «ħmura» joħolqu metafora estiża li tissuġġerixxi li l-imħabba mhix gost bl-immedjat. Hi forza li tgħaqqad lill-uman mat-traxxendentali wara li l-bniedem joffri lilu nnifsu lis-sieħeb jew lis-sieħba tiegħu.

MIT-TEMPORALI GĦALL-ETERN

Is-sess fil-poeżija ta' Mizzi hu espressjoni dwar l-etern bit-temporali u bil-konkret. Il-ħajja temporali titkompla minn ġenerazzjoni għal oħra permezz ta' l-imħabba. L-imħabba tagħti s-sens ta' tkomplija wara l-mewt għax tindika futur li l-individwu ħa sehem fil-ġenerazzjoni tiegħu bla ma se jkun fih. F'dan is-sens l-ulied huma indikazzjoni kemm ta' tmiem (tal-missier) kif ukoll ta' tkomplija (ta' l-umanità), jew tat-temporali u ta' l-etern. F'*Lil Ulied Uliedi* l-paradoss hu ppreżentat permezz ta' dehra tal-poeta «għarwien», «imżaqqaq» u «redikolu», u l-fatt li fih jiġbor «il-matriċi tas-seħer» jew it-tkomplija tal-ħajja:

> Imma ġo ġismi
> hemm il-matriċi tas-seħer.

Is-sess
bħal miraklu divin
li jfaqqas iċ-ċikli
jitbiegħdu fiż-żmien,
u jirradja
strateġija ta' ċrieki
jitwessgħu
f'għadira
ta' wisa' bla qies.

Is-sess, mifhum bħala forza ġewwiena u misterjuża li fiha diġà hemm il-futur hu «bħal miraklu divin». Mill-ġdid ir-resqien ta' l-uman lejn id-divin iseħħ permezz tal-forza prokreattiva. Ir-ripetizzjoni tal-kelma «ċrieki», u l-fatt li s-sess joħloq «strateġija» jindikaw li l-forza misterjuża u ġewwiena tevita l-waqfien. Il-verbi «jfaqqas», «jitbiegħdu», «jirradja» u «jitwessgħu» jirripetu s-sinifikat ta' ħajja tinfirex sakemm il-poeżija tagħlaq b'referenza għall-etern: il-«wisa' bla qies». Ħarsa lejn il-bidu u t-tmiem tal-poeżija tlaqqa' l-estremi li joħolqu l-argument: il-poeta hu individwu b'forza fiżika li qiegħda tispiċċa, il-poeta hu «strateġija» li ma tħallix dil-forza tispiċċa. L-imħabba tlaqqa' t-transitorju (l-individwu) mal-perpetwu. Ir-redikolu jew iċ-ċkejken jingħeleb bil-proċess li hu stess jiġġenera.

Dan it-trattament iwassal għall-argument dwar il-ħajja wara l-mewt. Jekk ma hemmx fruntiera ċara bejn is-senswali u l-ispiritwali fit-tema ta' l-imħabba aktarx li l-poeta jifhem li s-sensittività, it-tiġrib fiżiku u l-misteru ta' ħajja li tkompli jmorru flimkien. Il-bniedem iġarrab sens ta' tkomplija eterna anki tal-fiżiku meta hu viċin l-omm (bħala figura li ġieli tieħu post is-sieħba) jew viċin is-sieħba. Hekk fl-*Irxoxt* ir-«riħa taż-żebbuġ» tfakkar f'«sider l-omm li tradda' 'l binha» waqt li «tiggosta t-

tnixxija/tal-pjuma senswali/f'ħalibha jinsaqa». Din l-għaqda bejn l-apprezzament tas-sagru u l-kuntentizza bil-fiżiku twassal għall-għarfien li l-ispiritwali u l-etern jistgħu jkunu wkoll tkomplija tat-tiġrib fiżiku:

U nistejqer naħseb
jekk
fl-aħħar randan li għad jasal
hemmx ukoll
il-kxif u t-tinżigħ
fl-irxoxt
tal-ħames sensi.

F'*Katavri* l-imħabba tibdel l-attitudni umana minn waħda fatalista għal waħda ta' tama. Il-bidla bejn iż-żewġ strofi tal-poeżija mhix bidla minn stat ta' dillierju bil-mewt għal twemmin biss. Il-katavri jibqgħu katavri iżda «mill-iġsma» jfiġġ («il-ward». L-intimità bejn il-poeta u l-maħbuba ma twarrabx il-mewt mill-ħsieb iżda tikkwalifikaha mill-ġdid bħala qawmien («il-katavri stenbħu») li hu pożittiv, «f'benniena mfewħa») u divin («bl-imħabba ta' l-allat»). Is-suġġeriment li l-imħabba ma tibdilx il-qagħda tal-bniedem u s-suġġeriment li l-uman hu etern fit-tiġrib ta' l-imħabba jindikaw, għal darba oħra, li l-għaqda bejn il-maskil u l-femminil mhix bidla ta' l-istat konkret daqskemm hi s-sejba ta' l-essenzjali u d-dejjiemi f'dan l-istat.

Mill-eżempji jingħaraf li l-imħabba tissarraf f'argument dwar l-eżistenza umana. Mizzi jixref kemm-il darba 'l barra mill-fiżiku permezz tal-fiżiku, u jindika li l-mistoqsijiet il-kbar dwar l-eżistenza huma fformulati permezz ta' ġisem f'dinja daqskemm bl-intellett. It-transizzjoni mill-intimità bejn il-poeta u l-mara għal sens ta' tkomplija eterna ma ddumx. Ġieli sseħħ fi stqarrija waħda

bħalma jiġri f'*Għanqud*:

Ħajti mgħoddija miegħek,
ħanina,
bħal għanqud għeneb trasparenti
imkebbes bir-raġġi tax-xemx
jaħżen benna zokkrija
għall-qdumijiet ġejjiena.

L-għaqda tal-qadim mal-ġejjieni, jew il-ħila li l-poeta jara l-ġejjieni permezz tal-qadim, issegwi l-għaqda bejn il-poeta u l-mara għax f'din il-kompletezza intima l-bniedem jikkonferma dak li ġara dejjem u li se jiġri dejjem. L-imħabba ssir il-passat irripetut jew il-ġrajja inevitabbli li hi mniżżla fil-passat u fil-futur. Hija l-kwalità tal-ħajja li dwarha nistgħu nkunu storiċi u profetiċi f'salt. F'dan is-sens l-imħabba tidentifika żmenijiet differenti fi preżent etern. L-ossimoro «qdumijiet ġejjiena» toffri żewġ perspettivi fid-definizzjoni ta' l-imħabba: hi l-qadim li se jseħħ fil-ġejjieni u hi l-ġejjieni li b'xi mod diġà hu qadim. It-tiġrib intimu jissarraf f'kontinwità temporali.

MELODIJA UNIVERSALI

Ma hemmx il-mara bħala dehra attraenti daqskemm hemm ir-relazzjoni bejn mara u raġel f'Mizzi. Din ir-relazzjoni tidher magħġuna ma' forza binarja tal-ħolqien. Il-maskil u l-femminil huma polaritajiet universali li bejniethom joħolqu ritmu omnipreżenti. Is-sens pitagorjan ta' univers magħmul min-numri jsir f'idejn Mizzi ritmu ta' mħabba: ġabra ta' elementi differenti jew opposti li b'regolarità jersqu lejn xulxin u jipproduċu jew iwettqu.[2] Diversi poeżiji għandhom termini mużikali jew li jindikaw ritmu biex jissuġġerixxu ħolqien magħmul u miżmum b'għaqda regolari.

Metafori rikorrenti jixhdu kif l-imħabba tissarraf f'mużika, kif partijiet mill-ġisem tar-raġel jew tal-mara jsiru strumenti mużikali u kif l-imħabba umana taqbel ma' melodija universali. Xi eżempji huma: «bl-arpa f' xuxti ntiru flimkien» f'*L-Għanja ta' Mara*; «l-għanja muta ta' demmi» u «vjolin għaxi bil-passjoni» f'*El Poema Sin Musica*; «għanja muta tad-demm» f'*Lill-Madonna Gotika*; «it-tperpira sesswali/li jdoqq/bijambò» f'*Les Fleurs Du Mal*; «il-kordi tiegħi jissikkaw/intunati» f'*Namur* ; «l-arpa ddoqq bil-kordi» u «ħalqek minn ġewwa/kien idoqq bħall-għerien» f'*Wara Ħamsa u Għoxrin Sena.*

*Moħħ Programmat* tfisser kif l-għaqda bejn l-opposti u l-estremi universali hi l-għaqda bejn il-maskil u l-femminil. Il-moħħ għandu l-istess programm ta' univers li jeżisti permezz ta' l-opposti. L-oriġini ta' l-għaqda bejn l-opposti hi mużikali («korda») u sesswali («orgażmu»):

Ħalluni nħoss it-tperpira
ta' korda tistira u tiżżaqqaq
u tinħeles f'orgażmu
titriegħed amplitudni
lejn xellug u lemin
lejn 'vant u punent
lejn ġenna u 'nfern
polarità ta' żewġ estremi;
maskil u femminil.

Wieħed jista' jinnota kif għal Mizzi l-mużika tagħti gost senswali («nħoss it-tperpira») u tgħaqqad elementi li loġikament inqisuhom opposti. Fi kliem ieħor tissodisfa kemm l-aspett fiżiku kif ukoll l-aspett intellettwali tal-bniedem. Il-ġenna u l-infern, flimkien ma' estremi oħra, jiġġarrbu f'salt minn moħħ li jingħaqad mal-polz ta' l-univers. Dan għax in-nota mużikali tinfirex f'opposti li bejniethom jiġġeneraw il-ħolqien. Il-ħelsien ta' forza

sesswali-mużikali tisfa f' «amplitudni» jew f'ħolqien ikkaratterizzat b'riġenerazzjoni u tkabbir permezz tad-differenza. Id-differenza (bħal «maskil u femminil») toffri l-possibbiltà ta' għaqda u ta' tkomplija. Għalhekk l-individwu dejjem hu parti, jew naħa waħda, tal-firxa sesswali-mużikali u jġarrab is-sħuħija tiegħu jew permezz tas-sess oppost jew meta jagħraf in-nisġa sħiħa ta' ħolqien ritmiku.

It-terminu mużikali jista' jintuża f'metafora estiża u, bħalma jiġri f' *Masculum Et Feminam Creavit Eos*, joħloq analoġija għad-differenza bejn raġel u mara bil-kuntrast bejn strument u ieħor. Hekk ir-raġel «leħen trumbun» waqt li l-mara hi

arpa mitluqa fl-ilma ċar tax-xmajjar
għanja tislet bis-serqa maħlula
mill-ħarir bajdan
taħt is-swaba' tal-kurrent li jaf idoqqha.

F' *Iż-Żifna* r-ritmu tal-qalb hu r-ritmu taż-żifna li tgħaqqad lill-bniedem mal-ħolqien. Permezz ta' sensiela ta' metafori l-poeta jgħaddi mill-fiżiku għad-divin. Il-ħdan huma qlugħ li jimtela bir-riħ. Ir-riħ hu f' «bomblu» li jiġbor fih fwejjaħ li jitlestew biex jindilek «Ħanini Divin». Id-divin jikkonferma li s-senswali hu triq lejh. Alla jsir esperjenza fiżika ta' ritmu ġewwieni daqskemm universali. L-assolut ma jibqax essri sseparat iżda hu forza li titlibbes bl-uman:

Ilbisni Mulej
u ġildi mattarli minxur
fuq tanbur jitriegħed briju senswali
tad-demm.

Il-bniedem, maħkum mir-ritmu tal-ħajja, isofri ż-«żifna

vjolenti» ta' l-«Għaxwa Divina» u jfittex l-għajnuna ta' Alla biex id-divin irieġi dil-forza. It-tressiq ta' l-esperjenza fiżika lejn id-divin jissarraf fl-indikazzjoni li l-għaqda bejn uman, ritmu tal-ħajja u Alla tneħħi kull differenza bejn il-bniedem u l-assolut. Il-poeta jindika dan waqt li jindirizza lil Alla:

> titriegħed żifna li Lilek bniedem tagħmlek
> u lilna allat.

L-eżempji jixhdu kif l-attrazzjoni mhix biss bejn mara u raġel. Il-bniedem donnu hu attirat lejn ritmu li l-oriġini tiegħu hi primordjali. Il-konkordanza mad-daqqa universali tenfasizza l-eqreb aspetti bejn l-uman u d-divin. Ladarba r-ritmu jinstab kullimkien il-bniedem ma jistax jiżbalja meta jissieħeb miegħu.

L-AMBJENT

L-ambjent ma jistax jibqa' ġabra ta' oġġetti mbiegħda mill-ħsus meta poeta jittratta t-tema ta' l-imħabba. Il-bniedem li jħobb jiskopri lis-sieħba u magħha jiskopri wkoll l-ambjent b'sensazzjoni ġdida jew aktar qawwija. Il-mument ta' l-imħabba mhux bħall-perċezzjoni fil-ħajja ta' kuljum li titlob konformità ma' rutina u tmewwet l-oriġinali bl-effiċjenza. Fl-imħabba nġarrbu l-ambjent iżda nkunu aktar konxji tas-senswalità tagħna. L-oriġinalità tat-tieni qagħda hi kkawżata minn ambjent li issa hu madwar bniedem emottiv u b'viżjoni ta' l-etern. L-imħabba hi interessanti għax tħalli perċezzjoni tad-dinja madwarna waqt li tiffoka l-attenzjoni fuqna stess jew fuq ħwejjeġ li donnhom qegħdin 'l hinn mid-dinja oġġettiva. U minħabba li l-istess sensi jservu għal tiġrib ta' mħabba u ta' ambjent, hu faċli li s-sens ta' kompletezza li tagħti l-mara

jestendi ruħu f'dak li hemm madwar ir-raġel. Hu faċli li f'mumenti l-poeta ma jagħrafx differenza bejn applikazzjonijiet differenti ta' l-istess senswalità.

Eżempji ovvji ta' l-estensjoni huma l-poeżiji li fihom il-poeta jifhem il-mara permezz ta' l-ambjent. Is-similitudni u l-metafora huma l-aspetti tekniċi l-aktar komuni f'dan it-trattament. «Għajnejk oasi kaħlanija/fejn jitbandlu mal-mewġ il-kwiekeb koħol» (*Għanja*), «bħal żewġ għenbiet f'għanqud marsusa/bżieżel is-sider jixxenglu . . .» (*Masculum Et Feminam Creavit Eos*), «Ixxagħar t'għajnejk/bħal bizzilla tar-ragħwa» (*Bewsa*) huma eżempji tipiċi. F'dawn il-każi l-mara mhix deumanizzata daqskemm hi deskritta b'dettal ifjen, u emottiv, permezz ta' elementi naturali.

F'waqtiet oħrajn il-proċess hu bil-kontra: il-mara tibqa' l-kawża ewlenija ta' senswalità intensifikata iżda r-rabta tal-poeta ma tibqax magħha u minflok isseħħ ma' l-ambjent. Hawnhekk hi l-mara li tislef kwalitajiet femminili lill-ambjent, jew li tenfasizza aspetti mill-ambjent li f'għajnejn raġel jistgħu jidhru femminili. Fl-ewwel strofa ta' *Kont Żagħżugħ* . . . il-forza sesswali hi ppreżentata bħala ħakma ġewwiena li tgħaqqad liż-żagħżugħ ma' elementi naturali bħal «bettieħa» u «bajja». Id-differenza fid-daqs ta' dawn l-elementi tikxef dettal siewi: l-imħabba ma għandhiex qisien oġġettivi. Iż-żagħżugħ hu msarraf f'ġisem li kontinwament jingħaqad ma' dak li jsib madwaru. L-enfasi fuq il-ġibda fiżika tissuġġerixxi li l-bniedem jifhem il-ħolqien permezz ta' mħabba attwata b'ġisem:

> U kont żagħżugħ . . .
> f'bajja mxemmxa li tgħammex bil-bjuda
> ta' xoqqa minxura tinxef
> ġismi għarwien tmattar fir-ramel

bil-laqx jobrox tal-melħ xkatlat,
bil-melħ li jsaffi u jħares
u jżomm bla mittiefes
mill-qrusa mnawra taż-żmien.

L-għażla tal-kliem, li l-ħin kollu titlob l-immaġinazzjoni tal-fiżiku, flimkien ma' l-effett ta' l-alliterazzjoni (bħal bix-«x») li toħloq gost senswali (għax tinstema') aktar milli intellettwali, jindikaw ix-xejra li tingħata lill-poeżiji li jittrattaw il-bniedem bħala forza sesswali f'ambjent.

F'*Namur* id-deskrizzjoni hi ta' kamra u tal-poeta nnifsu. Il-mara tissemma ftit tant li t-«tifkiriet» huma ta' għadd ta' tiġribiet senswali ta' elementi mill-ambjent. Kliem pożittiv bħal «fwieħa» u «bjuda» jagħżel it-tiġrib u jissuġġerixxi ambjent li jieħu post is-sbuħija tal-mara. Is-sens ta' fertilità u l-esperjenza tan-namur huma ppreżentati permezz ta' elementi li jindikaw tiġrib senswali ieħor – it-togħma (ta' «larinġa») u d-dehra (tad-dawl):

Ġol-meraq ta' larinġa magħsura
x-xemx tinqabad
f'bikkerin mislut.

Wieħed jista' jinnota wkoll l-użu tal-metafora sinestetika. Is-sinestesija hija d-deskrizzjoni ta' tiġrib senswali (bħax-xamm: «fwieħa») f'termini ta' tiġrib senswali ieħor (bħall-ħars: «bjuda»). L-għaqda ta' żewġ sensazzjonijiet differenti f'waħda tgħaqqad żewġ elementi mill-ambjent f'tiġrib wieħed. L-ambjent jiġġarrab b'mod intensifikat u l-għaqda bejn is-sensi tixhed perċezzjoni rraffinata:

Fwieħa ta' bjuda
mit-tvalja ta' l-għażel.

Waqt li l-«melħ» f'*Kont Żagħżugħ* ... iħares «mill-qrusa mnawra taż-żmien», l-esperjenza sħiħa f'*Namur*

tagħlaq bl-identifikazzjoni tal-poeta ma' strument mużikali:

> Stirati
> minn idejn il-vjolinist
> il-kordi tiegħi jissikkaw
> intunati.

Il-mara, u l-estensjoni tagħha f'ambjent, jissarrfu f' intunazzjoni. L-intunazzjoni tista' titqies bħala qbil mal-polz ta' l-univers minħabba li din hi l-implikazzjoni li jagħti Mizzi b'mod ġenerali.

Il-mara hi n-nieqes f'raġel u bħala l-bżonn tiegħu tiddetermina liema karatteristiċi jfittex fl-ambjent. Ir-raġel jiskopri l-ambjent madwaru waqt li jħoss il-ħin kollu, b'mod naturali, li l-femminilità hi l-kompletezza l-aktar valida tiegħu. Il-bżonn ta' mara jista' jiġi mifxul ma' bżonnijiet oħra. Il-bżonn li r-raġel jiskopri, il-bżonn li jattwa l-possibbiltajiet u l-bżonn li jesprimi ruħu, jistgħu jinġabru fil-bżonn ta' rabta sesswali ma' mara li tissodisfa t-tiftixa, l-avventura u l-espressjoni tiegħu. F'*Agħtuni Karta Bajda* l-poeta jitlob għal «karta verġni» mifruxa quddiemu waqt li xufftejh «jaħarqu bid-dehwa» u l-fomm għandu «xewqat/t'għajdut li għadu ma ntqalx». Il-poeżija nnifisha hija parti mis-sudisfazzjon issuġġerit u t-«tqala», jew il-fertilità li tirriżulta, hi «ta' sisien il-ħolqien». L-espressjoni poetika hi deskritta f'termini ta' relazzjoni sesswali li tgħaqqad lill-bniedem mal-ħolqien.

Huwa ċar minn eżempju metaforiku bħal dan li l-mara għal Mizzi taffettwa kull relazzjoni li jista' jkollu raġel. Dan jgħodd ukoll għall-waqtiet meta l-imħabba ma tirnexxix. L-ambjent isir ġabra ta' oġġetti li fosthom is-sensittività u s-senswalità umani huma barra minn posthom. F'*Naħla* l-qrubija inutli bejn il-poeta u s-sieħba tissarraf mill-ewwel f'qagħda skomda «ġo soddti». Il-

mara li ma tissudisfax lill-poeta tisfa f'esperjenza li hi bejn il-poeta u l-kutri jew il-liżar: «Inbraxt bil-kutri ħorox./Liżar għannaqni kiesaħ daqs katavru». Fl-aħħar l-għira tal-poeta hi «għan-naħla/li togħdos fl-irtubija tal-ġeranju» biex «issoff il-għasel bnin». Id-deskrizzjoni mhix analoġija sempliċi ta' relazzjoni ma' mara għax l-istqarrija «ġismek ma xaħxaħnix» hi indikazzjoni ċara li tieħu post l-analoġija. Fi kliem ieħor hemm aktar it-trasferenza reali (mhux metaforika biss) tat-tiġrib senswali minn mara għal elementi fl-ambjent immedjat. Ir-relazzjoni mara-raġel hi estiża anki meta ma hemmx tiġrib emottiv intensifikat għax il-falliment ta' l-imħabba ma jissarrafx f'nuqqas ta' ambjent iżda f'nuqqas ta' tiġrib senswali qawwi u pożittiv ta' l-ambjent.

IL-MARA BĦALA OMM U BINT

Il-qrubija tal-mara bħala bżonn sesswali għall-mara bħala omm hija aspett ieħor tal-poeżiji ta' l-imħabba. Poeta li jirrelata s-sess femminili ma' argumenti universali bħalma huma ż-żmien, il-ħajja wara l-mewt u Alla, ma jħallix firda bejn is-sieħba u l-omm għax ma jarax differenza bejn l-imħabba u t-tnissil. L-argument dwar l-imħabba bħala parteċipazzjoni fil-ħolqien diġà jissuġġerixxi li l-poeta se joqrob lejn l-oriġini tiegħu stess meta jħobb. Il-mara fil-poeżija ta' Mizzi hi omm daqskemm hi maħbuba, u ħafna drabi hi din in-natura ta' omm li tqarribha lejn il-misteru tal-ħolqien u r-ritmu ta' l-univers.

F' *Masculum Et Feminam Creavit Eos* id-deskrizzjoni tal-mara, bħala l-ħlejqa li «Tilqa' dejjem,/passiva/ tintrikeb, tixxejjen, tintrebaħ . . .», hi segwita minn deskrizzjoni ta' l-istess figura b'«ġuf benniena jitkagħweġ għatxan/bħall-pjanuri t'Axkelon» li jistennew ix-xita biex

«il-ħajja tiftaħ». Il-bżonn sesswali tal-mara hu li twelled daqskemm li tingħaqad mar-raġel. Is-similitudni xxebbah dal-bżonn mal-forza misterjuża tal-ħajja li tiġġedded. Mill-ġdid, f'*Lill-Madonna Gotika* l-Madonna hi apprezzata bħala «misteru matern» wara sensiela ta' deskrizzjonijiet fiżiċi. Is-sekwenza mit-tiġrib fiżiku tal-mara sa l-omm tinstab ukoll f'*Alter Ego.* L-isforz biex il-poeta jsib il-mara fih u jemanċipa ruħu minnha jispiċċa f'tiftixa għall-omm. Is-sekwenza ma tħallix firda ċara bejn ir-raġel, il-mara bħala n-nuqqas li jidderiġih u l-omm bħala l-oriġini tiegħu. It-trattament jissuġġerixxi li l-bniedem ma jinftihemx meta hu sseparat f'individwu għalih, jew permezz ta' definizzjonijiet sempliċi, għax hu binja relattiva. Parti mit-tifsira ta' raġel tinstab fis-sieħba u fl-omm:

Idejja deffist
sa l-ovarji jaħarqu
infittex lil Eva femminili
nfittex 'l ommi.

Forsi *Lil Marti* hi l-aħjar eżempju ta' dan l-iżvilupp tematiku. Omm il-poeta hi riflessa fid-dehra tal-mara («tfakkarni f'ommi») u l-qrubija tal-mara tisfa fi treġġigħ lura lejn il-protezzjoni tal-ġuf:

Tfakkarni f'ommi . . .
sidirha emisferi ta' sħana
u fietel nistenbaħ
minn dir-raqda waħxija
ta' deni rqiq
nistenbaħ f'ġisimha
mill-ġdid.

Ir-relazzjoni bejn raġel u mara hija qrib ir-relazzjoni bejn missier u bint ukoll. Il-mara tikkonferma n-natura ta' missier, bħalma tagħmel il-bint li għandha l-kwalita-

jiet femminili jiżviluppaw fiha. Il-bint tfakkar lill-missier f'dak li hu misterjuż għalih għax femminili, waqt li timmotiva rabta intima bejnha u bejnu.

Dir-rabta hi differenti mir-relazzjoni bejn ir-raġel u s-sieħba f'aspetti oħra. Ir-raġel hu diġà missier fir-relazzjoni mal-bint u f'dan is-sens diġà jgawdi ċerta sħuħija. Il-bint għadha mhix mara waqt li s-sieħba hi matura. Dawn l-aspetti joħolqu paradoss bejniethom: waqt li l-bint tindika li r-raġel hu diġà missier u jgawdi ċerta kompletezza, tindika wkoll li l-ġejjieni jibqa' «mara mimlija misteru» (*Lil Binti Tarbija*). Is-suġġeriment hu li l-bint tirrappreżenta l-passat bħala att komplut ta' mħabba, iżda tippreżenta wkoll il-futur bħala dan l-att mhux mifhum jew mitmum:

U issa
b'gidma u bewsa
inżoqqok u nlaqqmek
biex tonfoħ xbubitek fi djulek
u mara mimlija misteru
issir.

Kemm l-omm kif ukoll il-bint jappartienu għall-misteru ta' ħajja li ma tiqafx. L-għaqda tal-passat mal-ġejjieni, ta' l-oriġini mat-tiġdid, hi marbuta mal-figura femminili, li toffri lir-raġel esperjenza ikbar minnu waqt li fl-istess ħin iġġiegħlu jirrealizza n-natura tiegħu. Il-misteru li se ġġedded il-bint hu, f'dan is-sens, ġdid u qadim. Il-poeta diġà ħabb mara biex imbagħad, bl-attenzjoni ta' missier, iwassal fil-futur il-misteru femminili. Il-poeta ġarrab il-femminilità biex jestendi n-nuqqas ta' fehma u l-attrazzjoni li tinkludi.

Il-FALLIMENT – IL-GOST IMMEDJAT

Anki l-falliment ta' l-imħabba hu msarraf f'ambjent korrelattiv f'Mizzi. Iżda f'dan il-każ l-ambjent jieħu post il-mara biex jibqa' ġabra ta' oġġetti li ma jestendux emozzjoni u ma jistednux rabta intima. Għal poeta li jara l-mara f'kollox u li jqisha bħala l-ispirtu misterjuż tal-ħolqien, it-telfa tagħha hi t-telfa ta'l-irtubija, tal-misteru u ta' l-universali fl-oġġett. Mizzi ma jitlifx mara biss fil-falliment ta' l-imħabba, jitlef fehma ta' dinja għax jitlef attitudni spiritwali. Il-gost immedjat u l-utilità materjalista huma l-fatturi li jeqirdu l-mara anki fil-mara.

F' *On The Rocks* il-mara li f'waqt wieħed tiġbed lill-poeta għandha aspetti oħra li jixhdu l-«bhima» fiha. Fi *Żwieġ '70* l-essenzjali jissarraf f'oġġetti bla importanza u l-poeżija ssir parodija bl-imħabba superfiċjali:

> Nittama li għamilt kontrapiż
> fis-sodda biex twieżen
> in-nuqqas tiegħi min-naħa tal-lemin.
>
> . . .
>
> Jekk jaqa' l-ajruplan taqlax il-pumi
> u ftakar li jekk tibki tħassar it-terra.

Kliem bħal «kontrapiż» u «terra» jispikka għax waqt li jieħu post il-bniedem fl-imħabba jew jagħti dehra ifjen, ma jiżviluppa l-ebda relazzjoni. L-essenzjali hu mitluf mhux għax il-bniedem jagħti kas l-oġġett, iżda għax l-oġġett ma jibqax estensjoni ta' l-uman. Hekk f'*Lola* l-mara ssir oġġett li għandu apparenza attraenti, iżda l-oġġett ma jestendix il-femminilità:

> Lola toħroġ fuq palk timmolla l-poppa
> fuq it-takkuna biż-żeglig t'artista
> enfasizzata bl-isbaħ rix ta' l-ostriċ.

Id-dehra ta' l-oġġett («rix ta' l-ostriċ»), li jieħu post kemm il-mara kif ukoll is-sinifikat universali tagħha, tibqa' dehra biss. Iżda bħalma r-raġel ma jinftihemx 'il barra mir-relazzjoni ta' mħabba, il-mara vera hi dir-relazzjoni mifhuma f'qisien universali. Meta d-deskrizzjoni hi tas-sura femminili fiha nnifisha, bħal f'*Lola* u f'*Manikin*, il-mara ssir oġġett bla rabta mal-misteru universali li jista' jinstab f'elementi oħra mill-ambjent. *Manikin* hi eżempju tad-differenza essenzjali bejn l-oġġett li għandu d-dehra ta' mara bla ma għandu femminilità, u l-elementi li għandhom is-sinifikat proprju tal-femminilità għax jissuġġerixxu l-fertilità, il-misteru u l-passjoni. Dawn l-elementi ma għandhomx dehra femminili bħalma għandha l-«pupa vestali/tal-vetrina», iżda għandhom il-kwalitajiet essenzjali ta' mara fl-imħabba:

Is-silta ta' ġismek
nieqsa mit-tikmixa ġeoloġika
ta' pruna msajra mix-xmux tal-misteru,
nieqsa mill-fawra ta' frotta,
mix-xquq nieqsa,
mix-xquq ta' rummiena xpakkata
li tlebleb ġamriet ta' vulkan.
W anqas ma ddawrek l-awra
mfawra bir-riħa tarija
tal-lewż u l-prinjol
jistqarr l-att ta' l-imħabba fi qrara.

NOTI

1. Wieħed mill-għanijiet tal-modernisti kien li jerġgħu jinkludu d-dinja reali fil-poeżija, iżda li jagħmlu dan billi jiskopruha mill-ġdid jew billi jagħtuha forom oriġinali. Il-modernisti ma ħarbux mid-dinja konkreta iżda użawha l-ħin kollu għall-invenzjonijiet artistiċi tagħhom. Il-poeżija kellha ssib is-sinifikat ta' l-oġġett, kultant l-aktar oġġett sempliċi, mill-ġdid. Is-surrealisti nfushom ma qisux lilhom stess bħala astratti iżda bħala poeti li qawwew it-tifsira tar-realtà konkreta. Ara A. Balakian, *Surrealism: The Road to the Absolute*, London, George Allen and Unwin Ltd., 1959, p. 172.
2. Pitagora sostna li s-sies ta' l-univers hu n-numri. Kien jemmen li n-numri kellhom eżistenza fihom infushom u ma kinux jappartienu għall-ħsieb biss. Is-sens ta' univers matematiku kien reliġjuż għad-dixxipli ta' Pitagora. In-numri kienu marbuta wkoll mas-saħħa għax uħud min-numri kienu meqjusa bħala aktar ibbilanċjati u puri minn oħrajn. In-numru l-perfett kien jagħti armonija lin-natura umana. Il-mużika kienet mezz kif in-numri jiġu mġarrba għax ir-ritmu kien esperjenza diretta tagħhom. Ara S. E. Stumpf, *Philosophy – History and Problems*, New York, McGraw-Hill Inc., 1994, pp. 9–10.

# Iż-Żmien Għaddej u l-Identità

Fit-tiftixa għall-essenzjali wieħed ikollu jqis li ż-żmien jinbidel. Il-bidla mhix temporali biss għax wara kollox iż-żmien hu mmarkat b'bidliet li jseħħu fl-ambjent madwarna u fina. Il-ħin għaddej ifisser bidla minn individwi li jgħixu u jmutu għal oħrajn. Ifisser bidla sustanzjali minn oġġetti għal oħrajn. Ifisser li xejn ma jżomm l-identità tiegħu jew in-natura tiegħu għal dejjem. Mizzi jgħarbel din ir-rabta taż-żmien ma' l-identità tal-ħwejjeġ u tal-bnedmin.

F'mumenti l-poeta jqis lill-bniedem bħala waqt wieħed fost oħrajn. Jifhem ukoll li d-dinja sħiħa hi proċess li ma jitlobx tiftixa għal identità daqskemm sens ta' tkomplija. Il-ħolqien hu ppreżentat, f'dan l-argument, bħala mixja li ma tippermettix waqfien f'natura fissa. Il-kontinwità u ċ-ċaqliq silenzjuż ta' l-evoluzzjoni jitolbu mentalità differenti minn dik ta' min jinjora l- irbit ma' l-oriġini tiegħu, u jqis lilu nnifsu 'l barra mill-proċess evoluttiv.

«IL-ĦOLQIEN B'DEMM WIEĦED ISSENSEL»

Il-bidla minn identità għal oħra, minn forma għal forom ġodda, mhix telfien ta' l-essenzjali. *L-Għanja tal-Ħajja* tistħarreġ il-kunċett u tippreżenta l-idea ġenerali u bikrija tal-poeta: aħna ninsabu f'ħolqien li jibdel il-forma tiegħu biż-żmien iżda li essenzjalment hu forza waħda ta' ħajja. Din-natura essenzjali tibqa' għax issib forom ġodda. Il-ħolqien hu msejjes fuq ħarba dejjiema mill-waqfien. Il-

forza hi misterjuża għax waqt li donnha ma tixhedx ħsieb irraġunat xorta tevita t-tmiem. Il-ħajja hi t-tkomplija u mhux l-oġġett jew il-ħlejqa individwali:

Minn xiex tfittex il-ħelsien il-fula
li mill-qoxra tinħeles taħt it-trab?
Minn xiex jaħrab is-serp li qoxortu f'għar iħalli?
Liema għaġla d-dudu tal-ħarir iġġennen
biex min-niċċa tal-fosdqa jinħeles?

Ir-ripetizzjoni tal-preposizzjoni «fi», ix-xebh kontinwu tal-forza tal-ħajja ma' «għanja waħda» li jgħannu l-ħlejjaq kollha, u s-sekwenza ħafifa minn ħlejqa għal oħra, jindikaw poeta li jfittex element waħdieni u perenni fid-diversità. Mizzi jaċċetta ż-żewġ perspettivi ta' dinja f'evoluzzjoni u ta' forza fissa, ta' apparenza tinbidel u ta' essenza li diġà hi eterna. F'dan is-sens diġà tinstab implikazzjoni bikrija ta' dak li ġej f'poeżiji oħrajn. Iż-żmien jibdel l-apparenza iżda l-proċess sħiħ ta' tiġdid jegħleb iż-żmien.

L-għaqda ta' l-opposti, jew it-tqegħid tat-temporali fi proċess etern, twassal biex il-poeta aktar ikun affaxxinat bil-ħolqien paradossali milli jqisu minn lenti pessimista jew ottimista. Waqt li l-ħajja hi instabilità kontinwa f'*Motu Perpetwu*, u «l-folji (huma) miblula bil-għaraq u d-dmugħ», in-nuqqas mhux fil-ħolqien li jkompli daqskemm fir-ruħ li «tittama tifhem/sigriet bla għarfien». Mill-banda l-oħra l-bżonn li l-bniedem jifhem il-bidla hu marbut direttament mal-fatt li hu nnifsu hu parti minnha. Il-qagħda hi ta' min qiegħed ġo proċess u ma jistax joħroġ minnu biex janalizzah mill-bogħod. L-identità umana, għalkemm magħġuna ma' ruħ li tħoss u li tfittex l-essenzjali, tintilef x'ħin il-bniedem jagħraf li bħal kull oġġett ieħor hu kien u se jkun ħwejjeġ differenti. It-temporali donnu hu formazzjoni momentarja ta' identità li terġa' tiżżarma bil-mewt:

Demmi kien il-meraq tad-deheb ġo l-għenieqed.
Demmi jaf iċ-ċafċifa ta' l-ibħra.
Demmi ħareġ abjad minn sider ommi
u għada x'sa jkun?
Sa jkun iċ-ċpar li jkebbeb iċ-ċipress fil-midfen.
Sa jkun il-gomma li ċċarċar dmugħ mas-siġar.

L-istess bidla ma tħallix oġġetti inanimati f'natura statika. Il-poeżija tagħmel lill-qarrej konxju tar-relattività ta' kollox permezz taż-żmien: kull oġġett joriġina minn ħwejjeġ oħra u jerga' jintilef. Ma jagħmilx sens, f'dan id-dawl, li niddefinixxu l-oġġett ladarba dan hu mument aktar milli natura fissa. Il-ħolqien isir ġabra ta' elementi li donnhom jixħtu d-definizzjoni tagħhom fuq elementi oħra f'sekwenza waħda:

Is-silġ tal-lum il-bieraħ kien sħab
u għada ħamla jkun fil-widien ħadrana.
B'daqshekk?

Is-suġġeriment li f'natura dinamika xorta hemm il-persistenza ta' kwalità waħdiena (il-ħajja) jissarraf f'dettal ieħor. Il-ħolqien hu, fl-istess waqt, dehra u ħabi ta' l-essenzjali. L-essenzjali jieħu forma permezz tad-diversità li tinkorporah f'bidla. Il-fruntiera bejn l-apparenza u l-essenza, bejn id-divers u l-waħdieni, tidjieq. L-essenzjali, bħala l-ħajja, jidher fil-bidla minn forma għal oħra anki waqt li dil-bidla tesebixxi ħwejjeġ li ma humiex l-istess:

Kollox benniena tal-bajda,
tal-bajda li tiswa, li ssaltan u ttul.
Mill-imluħa tat-tajn telgħet il-bajda żerriegħa
miljuni ta' miljuni fil-mixja tas-snin.
Fuq l-umbrella tat-tfief imtajra,
ġol-ġandra mħabbla mas-suf tal-ħarufa . . .
Il-bajda żerriegħa
li tgħum fuq l-ilma tax-xmajjar

u ma' l-irjieħ fuq l-għadajjar ittir
miljuni u miljuni.
U waħda titkattar
tixxettel u ġisem issir għammiel taż-żerriegħa.

Il-ġisem jinħaqar, jitkasbar, jistaħam
fil-għaraq u d-dmija.
Jinħela u jmut
biex il-bajda-żerriegħa triqtha tofroq fix-xkiel
u ddoqq ir-rebħa tal-ħajja
fuq ir-raqda tal-mewt.

*(Il-Bajda Żerriegħa)*

Id-diversità hi «benniena» tal-forza li «ssaltan u ttul». Il-«mixja tas-snin» hija msarrfa fi proċess evoluttiv u prokreattiv. Il-qrubija bejn kulma hu ħaj («tfief», «ġandra» u «ġisem») u l-essenzjali («il-bajda-żerriegħa») tixhed il-qrubija bejn il-forom apparenti u l-forza misterjuża tal-prokreazzjoni. Il-misteru joriġina minn materjal inanimat («tajn») u juri l-forza tiegħu fil-forom ħajjin li jsegwu. Ħwejjeġ oħra inanimati («ilma tax-xmajjar» u «l-irjieħ fuq l-għadajjar») jipparteċipaw fil-firxa tal-forza waħdiena u għandhom is-sehem tagħhom fit-tkomplija ta' l-essenzjali.

Mizzi ma jgħaqqadx biss l-animat u l-inanimat. Iż-żmien jifforma l-opposti u d-differenzi. Iżda min jagħraf il-proċess sħiħ ikun ħareġ 'il barra mill-mixja taż-żmien u fehem li kollox hu l-istess. Is-sekwenza minn materjal inanimat għal xi forma ta' ħajja tindika li għall-poeta ma jagħmilx sens li nqisu l-ħolqien f'kategoriji differenti. Il-fatt li l-ħlejjaq jitwieldu għal mument ifisser li se jitwieldu ħlejjaq oħra. Barra mill-għaqda bejn l-animat u l-inanimat hemm l-għaqda bejn id-differenza u l-kontinwità. L-eternità li jsib Mizzi hi interzjata fl-elementi l-aktar viċini, li jikxfuha biss meta ma narawhomx bħala forma fissa, iżda bħala passi lejn forom oħra.

L-ESPRESSJONI TA' L-INDIVIDWU

L-identità u l-preżenza fiżika ta' l-individwu huma stadji fi proċess. L-individwu mhux mitluf minħabba f'hekk iżda hu rrelatat ma' kulma hemm madwaru u ma' żmenijiet oħra. Hu mument li jżomm il-kontinwità permezz tal-forma umana u ta' l-identità tiegħu. F'waqtiet profondi l-individwu jagħraf li jeżisti f'kontinwità u li jżommha sakemm din tasal fi stadji oħra. *Malaise* u *Djalogu* huma eżempji ta' kuxjenza u ta' preżenza fiżika li għandhom il-limiti u l-forma tagħhom iżda xorta waħda jesprimu l-ħolqien kollu. Il-bniedem hu espressjoni momentarja ta' ħolqien li f'waqt partikulari jieħu l-forma ta' l-individwu. Meta jitkellem, meta jħoss jew jirreaġixxi hu l-ħolqien li esprima, li ħass jew li rreaġixxa.

*Djalogu* tindika kif il-kunċett tagħna taż-żmien li jispiċċa hu marbut ma' kunċett żbaljat dwar l-identità tagħna. Meta hi meqjusa l-identità individwali biss iż-żmien għandu qisien finiti, meta wieħed jagħraf li l-espressjoni tiegħu mhix tiegħu biss għax ma hemmx qtugħ bejnu u l-proċess sħiħ tal-ħolqien, iż-żmien jieħu qisien infiniti. Il-bniedem u l-ħolqien jidentifikaw ruħhom f'sekwenza waħda. Din ma tagħmilx sens bħala għadd ta' forom isseparati għax il-fruntiera bejn forma u oħra, bejn stadju u ieħor, ma teżistix.

Il-poeta jitlob lil persuna oħra tisma' l-kliem tiegħu «sew» waqt li qed joħlom

> Għax ma nkunx jien qed inkellmek
> imma jkunu l-ilsna ta' demmi
> jwaħwħu
> t-tnabar ta' razzti.
> Jiena nkun ċentupied
> b'rasi tistrieħ fuq imħaddti
> u denbi jmur lura, lura, lura . . .

u ma' l-irjieħ fuq l-għadajjar ittir
miljuni u miljuni.
U waħda titkattar
tixxettel u ġisem issir għammiel taż-żerriegħa.

Il-ġisem jinħaqar, jitkasbar, jistaħam
fil-għaraq u d-dmija.
Jinħela u jmut
biex il-bajda-żerriegħa triqtha tofroq fix-xkiel
u ddoqq ir-rebħa tal-ħajja
fuq ir-raqda tal-mewt.

*(Il-Bajda Żerriegħa)*

Id-diversità hi «benniena» tal-forza li «ssaltan u ttul». Il-«mixja tas-snin» hija msarrfa fi proċess evoluttiv u prokreattiv. Il-qrubija bejn kulma hu ħaj («tfief», «ġandra» u «ġisem») u l-essenzjali («il-bajda-żerriegħa») tixhed il-qrubija bejn il-forom apparenti u l-forza misterjuża tal-prokreazzjoni. Il-misteru joriġina minn materjal inanimat («tajn») u juri l-forza tiegħu fil-forom ħajjin li jsegwu. Ħwejjeġ oħra inanimati («ilma tax-xmajjar» u «l-irjieħ fuq l-għadajjar») jipparteċipaw fil-firxa tal-forza waħdiena u għandhom is-sehem tagħhom fit-tkomplija ta' l-essenzjali.

Mizzi ma jgħaqqadx biss l-animat u l-inanimat. Iż-żmien jifforma l-opposti u d-differenzi. Iżda min jagħraf il-proċess sħiħ ikun ħareġ 'il barra mill-mixja taż-żmien u fehem li kollox hu l-istess. Is-sekwenza minn materjal inanimat għal xi forma ta' ħajja tindika li għall-poeta ma jagħmilx sens li nqisu l-ħolqien f'kategoriji differenti. Il-fatt li l-ħlejjaq jitwieldu għal mument ifisser li se jitwieldu ħlejjaq oħra. Barra mill-għaqda bejn l-animat u l-inanimat hemm l-għaqda bejn id-differenza u l-kontinwità. L-eternità li jsib Mizzi hi interzjata fl-elementi l-aktar viċini, li jikxfuha biss meta ma narawhomx bħala forma fissa, iżda bħala passi lejn forom oħra.

L-ESPRESSJONI TA' L-INDIVIDWU

L-identità u l-preżenza fiżika ta' l-individwu huma stadji fi proċess. L-individwu mhux mitluf minħabba f'hekk iżda hu rrelatat ma' kulma hemm madwaru u ma' żmenijiet oħra. Hu mument li jżomm il-kontinwità permezz tal-forma umana u ta' l-identità tiegħu. F'waqtiet profondi l-individwu jagħraf li jeżisti f'kontinwità u li jżommha sakemm din tasal fi stadji oħra. *Malaise* u *Djalogu* huma eżempji ta' kuxjenza u ta' preżenza fiżika li għandhom il-limiti u l-forma tagħhom iżda xorta waħda jesprimu l-ħolqien kollu. Il-bniedem hu espressjoni momentarja ta' ħolqien li f'waqt partikulari jieħu l-forma ta' l-individwu. Meta jitkellem, meta jħoss jew jirreaġixxi hu l-ħolqien li esprima, li ħass jew li rreaġixxa.

*Djalogu* tindika kif il-kunċett tagħna taż-żmien li jispiċċa hu marbut ma' kunċett żbaljat dwar l-identità tagħna. Meta hi meqjusa l-identità individwali biss iż-żmien għandu qisien finiti, meta wieħed jagħraf li l-espressjoni tiegħu mhix tiegħu biss għax ma hemmx qtugħ bejnu u l-proċess sħiħ tal-ħolqien, iż-żmien jieħu qisien infiniti. Il-bniedem u l-ħolqien jidentifikaw ruħhom f'sekwenza waħda. Din ma tagħmilx sens bħala għadd ta' forom isseparati għax il-fruntiera bejn forma u oħra, bejn stadju u ieħor, ma teżistix.

Il-poeta jitlob lil persuna oħra tisma' l-kliem tiegħu «sew» waqt li qed joħlom

Għax ma nkunx jien qed inkellmek
imma jkunu l-ilsna ta' demmi
jwaħwħu
t-tnabar ta' razzti.
Jiena nkun ċentupied
b'rasi tistrieħ fuq imħaddti
u denbi jmur lura, lura, lura . . .

lura jirtira
denbi ġeoloġiku
fl-għodwa meta l-priżmi
kienu għadhom ma welldux
id-dawl
mill-qawsalel.

Il-fatt li l-poeta jitkellem hu segwit malajr mill-istqarrija li mhux hu jkun qiegħed jitkellem. L-espressjoni individwali hi espressjoni ta' ħolqien u ta' kull żmien. L-espressjoni toriġina mix-xejn. Ġejja «mill-ilsna» tad-demm waqt li d-demm evolva minn ħwejjeġ inanimati («denbi ġeoloġiku») li l-bidu tagħhom seħħ qabel id-dawl. Is-sens ta' bniedem li l-kuxjenza tiegħu hi fil-preżent («rasi tistrieħ fuq imħaddti») hu bbilanċjat bis-sens ta' subkonxju li jitħaddet mill-passat («denbi jmur lura, lura, lura . . . / lura jirtira»).

F'*Malaise* l-espressjoni ġewwiena hi wkoll espressjoni ta' ħwejjeġ esterjuri. L-«għanjiet (li) qed jissajru ġol-ġuf» u t-«tnabar kotrana» ta' ġod-demm huma segwiti minn deskrizzjoni tal-ħsejjes li torbothom mal-ħolqien aktar milli ma' l-individwu:

Tpespis mitfi ta' miljuni ta' ħlejjaq,
għasafar, ħut u bhejjem.
Tgedwid ta' ħlejqiet bil-miljuni
bejn ħajja u mewt mgħawmin
tul miljuni u miljuni ta' snin.
Ilkoll jilehġu bin-nifs tal-ħajja
għal waqt biex imbagħad fix-xejn jitkeffnu.

F'waqtiet bħal dan, meta l-ansjetà ssir sinjal ta' kuxjenza intensifikata («deni rqiq jirkibni»), il-poeta jagħraf li għandu s-setgħa profetika mhux għax jara l-futur iżda għax ineħħi l-atteġġjament ta' min joħloq firda bejnu u l-ħolqien. Is-sħubija mal-ħolqien, it-telfien ta' l-identità individwali biex l-individwu jakkwista espressjoni tal-

ħlejjaq kollha, l-għarfien li l-bniedem hu proċess universali li jitkellem permezz ta' forma partikulari, jagħmlu mill-bniedem profeta li jara l-eternità għax jifhem lilu nnifsu bħala tieqa għall-universali:

u nħossni nittawwal ġo ħondoq mudlam
x'ħin nilmaħ tal-ħajja l-ġrajjiet
mhux miktuba
sinfonija ta' dejjem.

L-element waħdieni li jgħaqqad kollox u li jikxef in-natura eterna ta' ħwejjeġ immedjati hu d-«demm». Id-demm hu primordjali, u se jkun fil-ġejjieni daqskemm hu fil-preżent. F'*Il-Kantiku tad-Demm* id-demm ma jibqax kwalità bijoloġika biss iżda jingħaqad ma' l-astratt, mas-sentiment u mal-materja inanimata fl-istess waqt. Dan jindika li għall-poeta d-demm hu l-ħolqa waħdiena li tisfida l-attitudni kategorika jew it-twemmin li l-ħwejjeġ huma mifruda kif narawhom. Waqt li l-bniedem jifred iż-żmien fi stadji, jagħmel differenza bejn ħwejjeġ b'forom differenti, u jżomm imbiegħda l-astratt u l-konkret, id-demm, mifhum bħala sinfonija li ma ssibx xkiel, hu forza waħda li tinfirex kullimkien. Il-firxa tindika li permezz tad-demm id-diversi ħlejjaq u ħwejjeġ oħra jinstabu f'xulxin anki qabel ma jinħolqu:

Fid-demm jintirtu ż-żrieragħ tal-bniedem.
Fid-demm in-nida u l-ħalib,
fid-demm in-nar
u n-nar fid-demm.
Fid-demm iċ-ċwievet li jiftħu kull bieb.
Fid-demm il-frak tal-mużjak.
Fid-demm l-uħux u l-allat.
Fid-demm l-imgħoddi u li ġej.
Fid-demm is-sejħa tat-tnabar
mid-diwi ta' l-ibgħad żminijiet.

Fid-demm immansata
hemm il-berqa għammiexa
ta' l-għarfien ta' l-ispirtu mnebbaħ.

Waqt li l-bniedem jitkellem u jifred f'kunċetti, jew jifred it-tiġrib tiegħu f'oqsma differenti (bħal spiritwali u materjali), id-demm hu espressjoni muta («Is-silenzju ta' l-ibħra għażżiena/hemm fid-demm»), hu bla għarfien sensorju («Id-demm agħma u trux») u mhux loġiku («Ma fihx loġika d-demm»). Il-kwalitajiet li jikkostitwixxu l-għerf tal-bniedem ma humiex fid-demm li hu l-essenzjali fl-istess ħlejqa. Id-demm mhux għerf loġiku daqskemm hu forza omnipreżenti li taf bla ma tesprimi, u tifforma ruħha qabel il-loġika. Hu l-għerf intrinsiku tal-ħwejjeġ kollha li jesponi ruħu bil-firxa attwali tal-ħolqien. Dil-firxa ssib id-direzzjoni tagħha bla sinjali għax il-firxa nnifisha tieħu post kull sinjal:

Id-demm bħal kokka
li ssib triqitha fid-dlam.

DEFINIZZJONI TAL-BNIEDEM

Id-definizzjoni tal-bniedem fil-poeżija ta' Mizzi tikkonsisti aktar f'bidla milli f'natura b'konfini magħrufa. Is-suġġeriment kontinwu hu li s-sempliċità fid-dehra taħbi kumplessità minsuġa matul miljuni ta' snin. Il-poeżiji jimplikaw li min mhux konxju tal-kumplessità tad-definizzjoni mhux jara verità sħiħa u qiegħed jissimplifika ġrajja twila billi jqis il-mument biss.

L-identità umana hi bla bidu u bla tmiem definittivi. Il-bniedem hu «ġibjun» (*Adam*) li ġo fih hemm «taħlit, bċejjeċ u frak minn bnedmin oħra». Dawn il-bnedmin huma msarrfa f'argument dwar iż-żmien biswit dak dwar

l-identità għax «għexu għexieren ta' snin ilu/mijiet u eluf». L-individwu mhux wieħed iżda hu memorja ta' ħafna li għexu diġà. L-umanità ġġedded il-passat li jitkellem fl-individwu għax dan iġorr memorja umana li hi rrealizzata f'persuna partikulari. Permezz ta' dan it-trattament l-argument dwar x'inhu privat u x'inhu pubbliku jispiċċa f'Mizzi. Fl-aktar mumenti profondi tiegħu l-bniedem isib umanità aktar milli lilu nnifsu u jsib storja aktar milli jieqaf fil-preżent.

It-tagħlim innifsu jieħu l-forma ta' parteċipazzjoni fid-dejjiemi. Ladarba l-uman hu pass fil-proċess tal-ħolqien ma għandux bżonn isib il-ġdid biex jeduka ruħu. F'*Edukazzjoni* t-tagħlim hu d-dħul fis-«sħiħ» li l-bniedem hu parti minnu. L-attitudni li l-individwu jirrikjedi biex jidħol fis-«sħiħ» u jagħrfu hi ta' min iqis li l-qadim u l-ġdid huma xhieda ta' evoluzzjoni waħda:

> «Li kien» pont għal «li jista' jkun».
> L-imgħoddi ritratt tal-ġejjieni.
> Is-sħiħ jiċħad li jinqasam . . .

Fuq naħa l-bniedem ma jistax ħlief jinvolvi l-preżenza tiegħu bħala parti minn kull tip ta' għerf. Kull tiftixa hi ħarsa 'l ġewwa lejn «sħiħ» li l-bniedem hu mument jew parti minnu. Fuq in-naħa l-oħra kull tiftixa tirriżulta f'individwalità mitlufa:

> Dak li kont il-bieraħ
> illum miniex.
> Dak li jien illum
> m'għadx inkun għada.
> *(Individwalità)*

Minħabba li d-definizzjoni tal-bniedem tiddependi fuq dak li jagħmel fi żmien għaddej, il-parteċipazzjoni fid-

dejjiemi hi telfa daqskemm konferma ta' natura. Waqt li l-bniedem jagħraf mixja eterna permezz ta' passi żgħar, jagħraf ukoll li n-natura tiegħu hi transitorja, li kulma jwettaq hu mitluf u li l-għajxien innifsu hu ħela ta' ħajja. Id-definizzjoni tal-bniedem hi diffiċli għax kulma jagħmel hu kkundannat għall-qerda jew hu stadju transitorju:

Kull saħna ta' mħabbti
bħal nar bati
qed taħraqni u ttemmni.

Kulma mmiss ma' ġildi
bħal imħakka
bil-qajla jonġorni
sa jikolni sal-lbieba ta' ġewwa.

Kull għadab, kull qilla, kull għomma
bħal diżastru kimiku
fix-xejn idewwibni.

F'dil-qagħda l-ħarsa introspettiva tagħmel lill-bniedem skiżofreniku. F'*Awto-Kuxjenza* l-irqad jifred lill-poeta fi tnejn: «il-jien joħroġ minni,/u jintasab bil-qiegħda ma' ġenbi». Dan il-jien hu msawwar mill-esperjenzi passati: «jaħdem is-suf ta' ħolmti ta' lbieraħ/bl-ilwien tat-tifkira li taret». Iżda «l-imgħoddi tiegħi m'hux jien». Waqt li t-terminu «tiegħi» jikkonferma l-fatt li l-bniedem ma jistax jeżisti bla ma jkollu passat l-istqarrija tgħid il-kontra. Il-bniedem għandu passat u mhux dan il-passat. Il-bniedem hu msawwar minn dak li m'għadux hu. Il-qawmien mill-irqad ma joffrix soluzzjoni. Minflok, iġiegħel lill-bniedem jikkonfronta l-ġejjieni u jkompli joħloq il-qagħda ta' ħlejqa li tgħaddi minn esperjenza għal oħra u tissawwar b'hekk.

# Alla

Hemm aktar minn mod wieħed kif nitkellmu fuq dak li ma nifhmux għax in-nuqqas ta' kunċett ċar iħallilna biżżejjed libertà biex nagħmlu dan. Alla ma jistax jiġi definit. Kieku ma kienx iżomm id-definizzjoni tiegħu ta' assolut. Dan il-paradoss mhux imġarrab mill-poeta biss. Kull tip ta' kliem fuq Alla hu paradossali għax il-kliem jirrikjedi rabta ma' kunċetti u ma' regoli grammatikali biex ikollu sens, u Alla ma jinstabx fir-renju tal-kunċetti jew b'regoli. Forsi hu għalhekk li Alla ġie identifikat ukoll ma' tiftixa. It-tiftixa ma tiddefinixxihx iżda fl-istess waqt, fiha biss jista' l-bniedem iqis li hemm ħallieq.

Il-letteratura ma sabitx lil Alla aktar milli sabuh il-filosofija u x-xjenza, iżda l-falliment tal-letteratura hu aktar nobbli. Dan għax il-poeżija ssib, għallinqas, lill-uman sħiħ fit-tiftixa għad-divin. Mizzi ma jitkellimx dwar Alla daqskemm dwar bniedem quddiem essri li ma jistax jinqabad fil-kliem. Hi aktar ir-riflessjoni dwar dan l-essri fil-bniedem, l-effett ta' l-infinit fuq il-finit, li tidher.

### IT-TAQBIDA BEJN ID-DLAM U D-DAWL

Waħda mill-analoġiji rikorrenti f'din it-tema hi t-taqbida bejn id-dlam u d-dawl. Il-bniedem hu ħlejqa li tgħix fid-dlam jew f'dinja materjali. Iżda fl-istess waqt Alla jista' jaħkem lill-bniedem b'dawl li jagħtih is-setgħa jara l-

istess dinja fi grad ieħor. Dan jista' jseħħ meta l-bniedem jiċħad l-irbit ma' tiġrib li hu materjali biss. F'*L-Aħħar Ħolqa* ċ-ċaħda ta' l-istint twassal għal ħelsien mir-realtà immedjata msejsa fuq bżonnijiet fiżiċi. Il-ħajja «tikbes»u l-poeta hu maħkum mill-«oħla dawl». Il-ħolqien «jieħu tifsir wisq isbaħ», «il-ħut, l-għasafar, is-smewwiet (huma) mixgħula/bil-kwiekeb ħiemda» waqt li «l-moħħ jiddawwal». L-«imrieżaq» li jolqtu l-moħħ huma l-istess li laqtu lill-qaddisin. Fuq kollox, dil-ħakma għandha effett fuq espressjoni ġewwiena u profonda:

> Imdendel f'daż-żerniq għaxxieq ta' difa,
> tkellem, ja ruħ, ħa nisma'.

Il-poeżija għandha għadd ta' simboli li jippuntaw lejn il-preżenza ta' Alla billi jiddeskrivu relazzjoni ġdida bejn bniedem u dinja. Waqt li Alla hu l-kaġun dirett tad-dawl, dal-kaġun għandu l-bidu tiegħu f'deċiżjoni umana: iċ-ċaħda tad-dinja immedjata. Iżda l-effett tad-dawl hu dinji. Il-poeta jċedi d-dinja biex jerġa' lura fiha b'sensittività ifjen għax l-istat il-ġdid tiegħu hu spiritwali daqskemm materjali, hu stat li jipproduċi espressjoni ġdida fir-ruħ u relazzjoni ġdida mad-dinja.

B'mod ġenerali t-tiftixa għal Alla «fid-dalma tal-lejl» (*Laqgħa*) hi l-punt tat-tluq. Il-bidla tar-ruħ li «bid-dehen qawsalli tinxtegħel» hi l-punt tal-wasla. Iżda dil-metamorfosi, waqt li tqawwi s-setgħa ta' xi fakultajiet umani, tagħmel lill-bniedem aktar simboliku milli razzjonali. Hu ssuġġerit kemm-il darba li f'dan il-waqt il-bniedem iċedi l-fakultà tar-raġuni biex jara aktar. Il-poeta nnifsu, għal Mizzi, hu eqreb din l-esperjenza minn ħaddieħor għax l-ispirazzjoni poetika hi ħarba mid-dlam lejn illuminazzjoni divina. Iżda l-wasla għand Alla tissarraf biss f'espressjoni

metaforika dwar esperjenza ġewwiena. Il-poeżija nnifisha ma tispjegax daqskemm tesprimi stat ta' ruħ:

> O viżjoni ġewwiena!
> O dawl li b'weġgħa jinxtegħel fir-ruħ
> u warajh fosfru dgħajjef iħalli jnin bati!
> Aktar ma jsus madwari d-dlam
> 'il fuq 'il fuq aktar nitla'
> bħal ġilju li jiftaħ fi ħdan il-Mulej.
>
> *(Ġenn il-Poeta)*

F' *Ġenn il-Poeta* u f' *Holma* l-esperjenza ta' sensibilità ifjen, li tappartieni għall-poeta, hi deskritta f'termini ta' dawl ġewwieni. F'*Holm* il-poeta min-natura tiegħu hu qrib Alla. L-aspett komuni bejn id-divin u l-poeta jibqa' d-dawl. F'għaqda mad-divin il-poeta jsir essri li joħlom, iġarrab miraklu kuljum u jirrifletti s-sebħ tal-ġurnata. Id-dawl tal-jum, imxebbah ma' miraklu rikorrenti, hu wkoll fil-poeta li jġarrab «żerniq» ġewwieni.

Meta Mizzi jifhem li l-imħabba tressaq lejn id-divin, bħal fi *Frater*, l-effett deskritt ukoll hu ta' essri li jinxtegħel «minn ġewwa». Is-«setgħa ta' missier» tissarraf f'xebh ma' Alla u f'dawl ġewwieni. Il-poeżiji msemmija sa issa jistgħu jwasslu għal argument introduttiv. Waqt li ċ-ċaħda tad-dinja immedjata tqarreb lill-bniedem lejn esperjenza ta' illuminazzjoni ġewwiena, din l-esperjenza terġa' tagħti d-dinja mill-ġdid u tista' toriġina minn mument poetiku jew mill-imħabba li mhix sudisfazzjon fiżiku biss.

F' *Xufftejn* il-poeta hu «par xufftejn jgħumu fid-dlam». Ir-rabta ta' l-għatx mad-dlam tista' titqies bħala l-oppost adatt ta' l-assoċjazzjoni tad-dawl mas-sudisfazzjon fiżiku-spiritwali. Ix-xufftejn huma «bħal friefet il-lejl għatxana/li jxommu funtana» jew bħal ħlejjaq li jfittxu,

ma jarawx u jħossu li dak li jfittxu hu qrib. Bħalma s-sejba ta' Alla hi bidla minn dlam għal dawl, it-telfa tiegħu hi t-treġġigħ lura lejn id-dlam. *Niket* tirrelata d-dlam ma' l-abbandun. Alla «ttewweb u mar jorqod» u hu «alla tat-tafal». Is-sens doppju ta' «tafal» hu evidenti: dan hu Alla li ħoloq lill-bniedem mit-tafal jew hu alla msawwar minn element (tafal) dgħajjef? Is-sens doppju jibqa' sa l-aħħar u fid-dubju l-iswed u d-dlam jispikkaw:

Sewdien il-lejl.
Ġol-friegħi tas-siġar imewġu
sfafar t'orgni mtaffi
bil-pannu ta' toqlot id-dlam.

*Xufftejn* u *Niket* jikxfu diversi aspetti tat-tema. It-titli jirreferu għat-tiġrib uman ta' l-għatx u tad-dwejjaq. Il-poeżiji huma dwar it-tiftixa għal Alla u dwar l-abbandun. Kemm it-tiftixa kif ukoll id-dubju huma ppreżentati fl-isfond metaforiku tad-dlam. Id-dlam, għalhekk, ma jissuġġerixxix qagħda rari tal-bniedem għax hu l-isfond perpetwu li fih it-tiftixa, bid-dubju, isseħħ. Waqt li ċ-ċaħda ta' l-immedjat, in-natura ta' poeta u l-imħabba jressqu lill-uman lejn id-divin f'tiġrib momentarju ta' dawl, dan it-tiġrib jibqa' momentarju biss. Il-bniedem hu fid-dlam jew jerġa' lura għad-dlam. Hi dil-qagħda li ġġiegħlu jfittex esperjenzi ġodda u jġarrab mumenti ta' sensibilità ifjen.

Il-logħob ta' dawl dgħajjef fi sfond ta' lejl hu xena favorita għal Mizzi għax tispjega l-paradoss uman mill-ewwel. *Sahra* tibda b'din id-dehra u tissuġġerixxi li l-bniedem hu l-limitu (id-dlam) li għandu ħjiel ta' l-infinit (id-dawl) għax partijiet żgħar minn ħajtu («rxiex ta' dwal») huma f'kuntrast mal-bqija. Id-djalettika bejn dawl u dlam

hi allużjoni analoġika għall-ħajja tal-bniedem u deskrizzjoni ta' ambjent fl-istess waqt:

> Minn klamar t'ibħra merkurju
> f'karba ta' flawt fiddien jixxabbat il-qamar
> fi rxiex ta' dwal imfarfrin.

Ir-rabta tad-dawl ma' Alla u mal-maħfra ssegwi din id-deskrizzjoni. Il-kuluri («imlewna») ta' «l-oqsma . . . tal-Mulej» jidhru meta «Larinġa mdendla x-xemx oranġjo tiddi». Dan hu l-mument meta l-midneb jinqabad «f'għanqbuta tad-deheb» li hi f'«qalb ir-Ragħaj». Is-sekwenza minn bniedem li jishar sa bniedem li dnubietu huma maħfura, u li hu spiritwalment imfejjaq, hi ppreżentata f'sekwenza minn logħob ta' dawl fid-dlam tal-lejl sa għodwa mimlija dawl u kuluri. Il-kulur dehbi fl-aħħar hu rrelatat ma' effett spiritwali (il-maħfra) aktar milli ma' ambjent. Għalhekk il-bidla minn midneb għal bniedem li jinħafirlu dnubu hi parallela għal żvilupp minn dawl ambjentali sa dawl divin irrelatat ma' effett ġewwieni. Il-bniedem ifittex id-dawl f'dinja konkreta għax dan hu simbolu kontinwu ta' dawl li ma jintlaħaqx bis-sensi daqskemm jintlaħaq b'qagħda. Wieħed jinnota wkoll ir-rabta bejn id-dawl u l-fertilità ta' l-art u jifhem li għalkemm id-dawl jibqa' forza misterjuża, u hu aktar ġewwieni milli ambjentali, xorta jaffettwa d-dehra tad-dinja. F'Mizzi d-dawl hu forza li fuq naħa tmiss id-divin u fuq l-oħra taħji l-ħolqien f'għajnejn il-bniedem.

F'*Ħaġar Qim* is-sekwenza hi minn dawl għal dlam iżda l-analoġija għandha l-istess sinifikat. It-tempju jidher l-isbaħ

> . . . meta tittertaq
> qalb il-weraq tal-ħarrub
> ix-xemx fi nżulha.

L-għaqda bejn is-sbuħija tat-tempju u l-ħin tal-ġurnata mhix ġejja minn apprezzament tad-dehra biss. It-fatt li «l-pilastri jerfgħu dirgħajhom/imxennqa għas-smewwiet» jindika li l-ħin meta x-xemx «tittertaq» u tinżel hu assoċjat ma' tiftixa għal Alla. It-tempju hu sabiħ meta d-dawl li jonqos jagħtih it-tifsira u mhux id-dehra ta' tempju; jiġifieri meta d-dlam riesaq ifakkar li t-tempju hu simbolu ta' tiftixa materjali għad-divin. Ir-relattività bejn id-dlam u d-dawl hi parallela għar-relattività bejn it-temporali u l-etern. Fid-dlam infittxu d-dawl bħalma mit-temporali nfittxu l-etern. It-tempju materjali jieħu s-sinifikat tiegħu ta' rabta ma' l-etern meta l-bidla jumija bejn dawl u dlam tfiehem li kuljum il-bniedem hu f'tiftixa għall-infinit. Anki fil-lejl, jew fil-ħajja temporali, hemm ħjiel ta' l-etern u fuq kollox, dan il-ħjiel jispikka għax hu fi sfond mudlam:

U jroxx id-dlam
u fit-tlellix tal-mewġ
jilmaw il-kwiekeb.

It-tiġrib ta' l-etern hu momentarju għal ħlejqa li «bin-ngħas» trid issib l-infinit fil-finit. L-għażla tax-«xaħmet l-art» isservi biex jingħata s-sens ta' ċokon f'kuntrast ma' dak li l-ħlejqa trid iġġarrab. L-ilsien «imkebbeb spirall» jindika l-qosor tad-dewqa ta' l-etern. Id-dlam jissuġġerixxi l-ħin kollu li l-assolut ma jidherx waqt it-tiftixa. It-tiġrib tas-sens tat-togħma u n-nuqqas ta' tiġrib tas-sens viżiv flimkien jissuġġerixxu ħafna. Alla ma jiġġarrabx bis-sens l-aktar żviluppat iżda ħjiel tiegħu jiġi mis-sens inqas żviluppat. L-etern hu mġarrab għal ħin qasir u mhux bil-fakultajiet umani li jistgħu jagħmlu din l-esperjenza waħda ċara:

U nitħajjar nitla' l-altar
biex nidboħ il-bhima

meta xaħmet l-art sakran bin-ngħas
ilsienu mkebbeb spirall
iħoll
biex itiegħem
fid-dlam
it-tifsira ta' l-etern.

*Warda* tagħti r-raġuni għalfejn il-bniedem ma għandux jixtieq li l-esperjenza tkun qawwija. L-ewwel vers («Mulej tkattarlix dawl għajnejja») hu rripetut. Il-biża' minn dawl żejjed jew minn viżjoni tremenda hu l-biża' mill-infinit. Il-poeta jagħraf li l-bniedem ma jiflaħx l-infinità tad-dehen divin. It-tiġrib ta' l-etern b'mod sħiħ hu ta' ħsara għal ħlejqa temporali. It-temporali hu kkaratterizzat bl-apparenza tal-ħwejjeġ biss waqt li l-etern jippenetra fil-ħwejjeġ b'għarfien bla tmiem. It-talba biex Alla ma jħallix lill-poeta jara aktar milli tippermetti n-natura tiegħu hi stqarrija dwar in-neċessità tad-differenza bejn l-etern u t-temporali:

Le, le tkattarlix dawl għajnejja Mulej.
Tgħargħarnix fit-tgħammix ta' did-dija,
twaddabnix biex nitbaskat
fid-dawl ta' dil-bjuda.
Tarminix biex nirvella
fil-qilla lelliexa ta' dehnek.

Mill-bidu sa l-aħħar tal-kwotazzjoni t-terminu «dawl» jibdel it-tifsira tiegħu. «Dawl għajnejja» u «fid-dawl ta' dil-bjuda» jindikaw tifsiriet differenti. L-ewwel frażi tirreferi għas-sens tal-ħars waqt li t-tieni tirreferi għal qawwa esterna li qiegħda toħloq id-dawl. L-effett tat-tieni vers ukoll hu interessanti. It-terminu «tgħammix» jindika nuqqas ta' viżjoni momentarju. Iżda dan it-terminu jiġi wara li l-poeta jikkunsidra l-possibbiltà ta' viżjoni aqwa. F'dan is-sens il-bniedem li jara aktar ma jarax, għax il-viżjoni tkun

qawwija wisq għalih. Barra minn hekk, il-fatt li l-poeta jkompli b'faċilità minn dawl temporanju («dawl għajnejja») għal dawl etern («qilla lelliexa ta' deħnek») juri li d-dawl hu meqjus bħala l-element komuni bejn l-uman u d-divin. Is-sens tal-ħars hu miżmum bi grad mid-dawl divin iżda grad ogħla jissarraf f'«qilla» għall-istess sens.

Il-kunċett sħiħ hu kemm bibliku kif ukoll klassiku. L-esperjenza ta' Mosè quddiem is-siġra taqbad, il-qawmien mill-mewt ta' Kristu u l-konverżjoni ta' San Pawl huma eżempji ewlenin ta' dawl li jisboq is-setgħa umana. Fit-tliet eżempji n-nuqqas ta' ħila u l-biża' umani huma enfasizzati. L-eżempju klassiku hu l-analoġija ta' l-għar ta' Platun.[1] Il-bniedem hu bħal priġunier marbut wiċċu lejn il-ħajt f'għar. Warajh u f'nofs l-għar hemm nar jaqbad. Minħabba li minn tfulitu kien marbut b'dan il-mod, il-bniedem ma jarax ħlief dellijiet fuq il-ħajt u jemmen li dawn huma r-realtà. Għalhekk kulma jiġri fl-għar ma jarahx u minflok jara biss rappreżentazzjoni fqira. Platun jimmaġina li persuna waħda taħrab minn din il-qagħda komuni għall-umanità. Dil-persuna tinħasad b'dak li tara warajha u d-dawl tan-nar ikun qawwi wisq għaliha li drat tara dellijiet biss. Meta eventwalment tidra dan id-dawl, toħroġ mill-għar u l-qawwa tax-xemx tgħammex u tweġġa' lil għajnejha. Għall-ewwel ma tara xejn għax id-dawl qawwi, flok jgħinha, itellifha. Fuq kollox il-persuna ma tħarisx lejn ix-xemx direttament, bħalma fl-għar ma ħarsitx direttament lejn in-nar, mill-ewwel. Waqt li d-dellijiet għandhom rabta ma' realtà li toħloqhom, l-għan tal-bniedem għandu jkun li jsib il-verità anki jekk din tkun, għall-ewwel, esperjenza ta' uġigħ.

Diversi aspetti mill-eżempju klassiku jinstabu f'Mizzi. Id-dettalji li jsegwu jindikaw kif poeta modern jista'

jaġġorna l-klassiku. F'Mizzi l-bniedem ukoll irid jaħrab mill-qagħda temporali jew limitata tiegħu (*Ħaġar Qim*) u jfittex l-assolut. Iżda l-ħarba tisfa f'biża' (*Warda*). Il-bniedem diġà qiegħed fl-assolut u għandu grad ta' dawl (it-terminu «tkattarlix» f' *Warda* u t-«tlellix tal-mewġ» f' *Ħaġar Qim* jindikaw grad ta' dawl fit-temporali) bħalma fl-għar ta' Platun il-priġunier għandu ħjiel, għalkemm dgħajjef, tar-realtà. It-tiftixa għall-assolut tibdel id-dinja quddiemna (*Sahra*) bħalma l-bidla fil-qagħda tal-priġunier li jaħrab tibdel l-apparenza tal-ħwejjeġ.

Waqt li d-dawl f' *Warda* hu msarraf f'effett fil-bniedem, l-oġġett fid-dinja ma jibqax dak li hu għax jintilef fi tkomplija eterna. Is-sens ta' bniedem li jara aktar għax issa hu megħjun minn dawl divin, jew it-tkomplija mis-sens tal-ħars għal dawl traxxendentali, jinżamm permezz ta' bidla minn oġġett bħala apparenza għall-istess oġġett bħala essenza. Il-warda ssir l-etern fil-materjali: «nitwerwer nara warda ġo warda ġo warda». Hu għalhekk li l-poeta jippreferi l-esperjenza limitata ta' l-assolut:

> Żoqqni biss
> qatra dija.

*Fission* hi eżempju ieħor tar-rabta bejn il-faxxinu bid-dawl u s-sens ta' qawwa li l-bniedem ma jiflaħx iġarrab. Il-persuna immaġinata sservi ta' figura li l-poeta jindirizza biex jillokalizza d-dlam f'ngħasha. Is-«subkoxjent» jiġbor fih «il-ħamiema» li «ssaħħan il-bajda». Mill-bajda, mifhuma bħala d-dlam li fih jiġbor il-possibbiltà tal-ħajja,

> . . . waqtiet
> tfaqqas
> il-viżjoni tremenda
> t'Alla ħaj.

Il-kuntrast bejn id-dlam u d-dawl hu analoġiku għall-possibbiltà u l-attwalità tal-ħajja. Alla jippartecipa fil-ġenerazzjoni tal-ħajja b'«viżjoni tremenda» jew hu essri

jaqbad radjoattiv
ġo siġra ħuġġieġa
kif rah
Mosè.

L-għażla ta' l-aġġettiv «radjoattiv» isservi aktar minn skop wieħed. Id-dehra ta' Alla hi mxebbha ma' dawl li l-oriġini tiegħu ma tidherx, li hu frott enerġija inviżibbli u li jista' jagħmel ħsara lil min ikun viċin wisq. Id-dehra klassika hi aġġornata u t-terminu modern jenfasizza l-effett fiżiku tad-dawl. Id-dawl joriġina mill-ispiritwali u mid-divin iżda hu l-kawża ta' effetti konkreti. Id-dehra qawwija tisfuma f'effett fuq ġisem.

It-taqbida bejn id-dawl u d-dlam jieħu sehem fiha Alla bħala naħa waħda miż-żewġ opposti. Waqt li l-bniedem ifittex «fil-ħakma nġazzata fid-dlam» (*Vjaġġi Spazjali*) jew f'univers tremend li fih jaħbi l-assolut, Alla «jitqatel għarwien/biex jifdi lid-Dawl minn ġod-Dlam». L-assolut hu eqreb il-bniedem milli jaħseb hu stess u s-sigriet tal-ħolqien hu «ħolma/imqarbna bid-dawl» li «tinnamra» mar-ruħ. Il-vjaġġ, għalhekk, hu aktar awtentiku meta jseħħ fil-ġewwieni milli meta jseħħ fl-ispazju b'tiftix xjentifiku. Għalkemm id-dawl jibdel id-dinja madwarna u għandu effett fiżiku, il-punt tat-tluq hu dejjem l-attitudni tal-bniedem. Il-fatt li Alla mhux passiv jindika li jonqos biss bidla ġenwina fl-uman. Aktar milli abbandunat minn Alla l-bniedem hu mitluf għax ma jafx li d-dawl hu viċin ruħu u jinstab fid-dlam.

Il-vjaġġ interjuri jerġa' jieħu lejn l-oriġini tal-ħajja, «fejn għad irid jisbaħ / l-ewwel jum primordjali tal-

Ġenesi.» Alla, fil-fatt, hu mgħotti b'«seba' veli» matul il-ġrajja umana. Id-dlam hu ekwivalenti għall-ġrajja umana li tbiegħdet mid-dawl oriġinali tal-«jum primordjali».

*Quddiem il-Mera* tixhed għarfien ta' kunċett ieħor klassiku. Is-sbuħija ta' mara li tikkontempla lilha nnifisha tisfa fi «twaħħid mad-divin». Dan iqiegħed lill-mara f'«raġġiera ta' qodos». Il-figura li tinżel fl-għadira hi «bħal Eva . . ./fil-misqja ta' l-għodwa li tilma topazju». Il-mewġ «jirrifletti t-twaletti/tal-fliexken priżmatiċi» u dawn «ilellxu u jidwu l-kristall». Il-logħob bid-dawl u bir-riflessjoni hu sfond għal waqt li jsir divin daqskemm uman. Il-mara li tħares lejn ir-riflessjoni tagħha hi bħal «Alla jħobb lilu nnifsu fi ħsiebu». It-tqarbina sseħħ meta l-figura femminili tbus id-dehra tagħha fl-ilma għax issa għandha l-attributi divini. Hu f'dan il-waqt li d-dawl ma jibqax ta' ambjent jew ta' sfond fantastiku biss, iżda jsir wieħed mill-attributi tal-mara:

U tikbes ix-xemx ġewwa xuxtek
ġo l-ombra miblugħa fit-terra,
raġġiera ta' qodos bla qies,
saċerdotessa ssir
bħal verġni vestali tikkontempla
lilha nfisha ġo l-idolu,
twaħħid mad-Divin.

Is-sekwenza hi proċess wieħed minn dawl u sbuħija fl-ewwel stadju, għall-qodos u l-grad ta' saċerdotessa fit-tieni stadju, sa għaqda mad-divin fit-tielet stadju. L-enerġija tal-metamorfosi tiġi minn dawl ġewwieni.

L-għaqda tas-sbuħija ma' l-assolut, u ma' l-analoġija tad-dawl, tinstab fil-ħsieb neo-platoniku ta' Plotinu.[2] L-idea ġenerali ta' Plotinu, li kollox joriġina mill-Wieħed (jew mid-divin), hi pparagunata ma' l-analoġija ta' dawl

ċentrali li jiddgħajjef aktar ma wieħed jitbiegħed miċ-ċentru. Kulma jeżisti oriġina mill-assolut u għandu grad ta' l-assolut bħalma kull min jitbiegħed miċ-ċentru mdawwal hu f'xi grad ta' dawl għalkemm riesaq lejn id-dlam. Is-sbuħija nnifisha (fil-każ ta' Mizzi, il-mara) tingħaraf bħala simbolu ta' armonija universali u finalment tal-Wieħed. Dan għax ir-ruħ li ġġarrab is-sbuħija (il-mara li tara lilha nnifisha fl-ilma) tiftakar fl-għaqda tagħha mal-Wieħed minfejn oriġinat. Is-sbuħija hi t-triq lejn it-tajjeb billi tfakkar lir-ruħ fi sbuħija intellettwali (jew spiritwali) li tressaqna lejn l-assolut. Hi bħal illuminazzjoni parzjali ta' oġġett materjali, bħal dawl li miċ-ċentru jippenetra d-dlam madwaru u jagħmilna konxji taċ-ċentru. Bl-istess mod is-sbuħija tal-mara tilluminaha u tqarribha lejn id-divin.

F' *Wens*, żewġ stati tar-ruħ, in-nuqqas ta' tama u l-fidi, huma l-argument ċentrali li jissarraf fix-xbihat ta' «iljieli bla kwiekeb» u dawl. It-trattament jilgħab bejn l-immedjat u l-universali għax ir-referenzi għal mara huma fl-ambitu ta' referenza aktar ġenerali għall-ħolqien. Il-bniedem, ġgant li ma jifhemx il-misteru tal-ħajja fil-«ħamrija», hu agħmi iżda fl-istess waqt il-«piż taż-żmien u l-ispazju» jgħattuh «bħal sider mimli/fuq fomm ta' tarbija». Il-misteru tal-ħajja, bħala «piż», hu apprezzat ukoll bħala għajn ta' salvazzjoni («sider mimli»). Dak li l-bniedem ma jarax u ma jifhemx iżomm il-ħajja tiegħu għaddejja. L-għama hu sofferenza għax ma jippermettix lill-uman jara misteru li kontinwament jipparteċipa fih. In-natura nnifisha ta' l-infinit ma tippermettix li l-finit jifhem:

Min hu dan alla tal-kefrija
li bil-ħdejjed jikwu
ħbub għajnejja xawwatli?

Il-mara, jew il-persuna indefinita li l-poeta jirreferi għaliha bħala l-kumpliment sesswali tiegħu, toffri tiġrib

fiżiku sħiħ li jissarraf f'dawl. Fl-imħabba l-poeta jsib qrubija bejn l-intimità sesswali u s-sejba tad-divin. Id-dawl, bħala attribut tad-divin, hu wkoll karatteristika simbolika ta' l-imħabba. Mizzi li ma jarax xkiel fl-għaqda bejn Alla u l-imħabba ideali jifhem id-dawl bħala simbolu tat-tnejn. Minħabba f'hekk ma tibqax fruntiera ċara bejn mara, misteru tal-ħolqien, il-forza divina u l-estasi li tgħammex:

Ħalli ntiegħem għarqek ma' ġismi.
Ħa nxomm riqek jismotni bir-riħa
tas-sess li jagħżilna.
U l-għomja li qatt ma stabru fl-iljieli bla kwiekeb
jaraw mill-ġdid minn ġo fina,
jaraw l-għadajjar bħal ħġieġa mxaqqa
fejn jittertqu l-imrieżaq.

L-esperjenza toqrob lejn it-tiġrib ta' miraklu b'allużjoni ċara għal Ġesù. Iżda l-miraklu ma jibqax biss dak ta' l-għomja li jaraw. Id-dawl hu kemm kapaċità fiżika (is-sens tal-ħars), kif ukoll forza ġewwiena li wara kollox kienet hi li fejqet l-inkapaċità. It-tifsiriet ta' miraklu, ta' forza ġewwiena, ta' estasi u tal-preżenza divina fl-imħabba dinjija huma mogħtija fil-konċiżjoni ta' sentenza waħda:

Missni naqra u jaqa' l-qxur
minn għajnejja,
u minn ġismi jinħallu l-faxex
u minn ġewwa ninxtegħel bl-oranġjo
bħal ferħ naħal sakran jgħanni l-għanja
bla nikta
f'bomblu baqta mimli bin-nir
tas-sema t'April.

L-għażla tad-dawl bħala simbolu ta' Alla jew tat-tiġrib uman fil-laqgħa ma' Alla kienet dejjem għażla feliċi. Id-dawl jirreferi għal tiġrib spiritwali iżda ma jitbiegħedx mit-tiġrib sensorju f'dinja materjali. Hu għażla

siewja għax jissuġġerixxi t-traxxendentali waqt li jħalli lill-qarrej fid-dinja tiegħu. Aktarx li l-għażla kontinwa ta' dan is-simbolu taqbel ma' l-isforz biex Mizzi jsib id-divin fid-dinja, ngħidu aħna fl-imħabba, fid-«demm» (il-primordjali) u fir-ritmu. Waqt li d-dinja, mifhuma bħala tmiem fiha nnifisha, hi xkiel għad-dawl divin (*L-Aħħar Holqa*), it-tiġrib ta' l-istess dawl jiġi minn riflessjoni dwar il-ħajja li permezz ta' ċikli ma tiqafx. Hu ovvju, bħala eżempju, li d-dawl hu s-simbolu li jispjega l-għaqda bejn il-ġisem u r-ruħ:

Fid-demm immansata
hemm il-berqa għammiexa
ta' l-għarfien ta' l-ispirtu mnebbaħ
*(Il-Kantiku tad-Demm)*

Il-paragun bejn id-demm u l-«kokka/li ssib triqitha fid-dlam» f'*Il-Kantiku tad-Demm* jikkonferma n-natura tad-dawl. Id-dawl hu l-għarfien («kokka») li jinstab imdawwar bid-dlam. L-għarfien hu ġewwieni («demm») u primordjali. Għalhekk, it-traxxendenza tibda permezz tat-tiġrib ta' oġġett esterjuri bħall-blandun fi *Traxxendenza*, iżda l-effetti fiżiċi li jsegwu huma referenzi għal esperjenza li waqt li ma tistax titlaq id-dinja fiżika xorta ma ġġarrabhiex bis-sensi u l-loġika normali:

Fuq ras il-blandun
tisplodi mill-ftila bħal dija xemxija.
Mid-dalma tad-dalma tad-dalma
tgħargħarni f'fisqija dawlija.
X'inhu dal-blandun imħawwel bħal siġra
b'għeruqu mxenxlin ġewwa l-fonti?
Mill-ilma qed joħroġ id-dawl.
X'inhi din il-bewsa taħqarni
X'inhu dan l-uġigħ ta' tpaxxija?

Bħal f'eżempji oħra l-proċess mid-dlam għad-dawl

jinkludi s-sofferenza daqskemm il-faxxinu u s-sudisfazzjon. Id-dawl hu l-element li jikxef il-qagħda tal-bniedem f'«dalma tad-dalma tad-dalma». L-għarfien il-ġdid irendi lill-uman tarbija («fisqija») jew ħlejqa ċkejkna u vulnerabbli. Id-dawl joriġina minn profondità spiritwali li l-bniedem ma jifhemx, jew mill-«għeruq» tal-blandun u mhux aktar mill-fjamma. L-oġġett imġarrab fiżikament hu t-triq għal għarfien ta' dawl spiritwali b'oriġini misterjuża. U hu dan it-tiġrib ta' dawl li ma jidherx biss, li jsarraf l-esperjenza f'«uġigħ ta' tpaxxija». L-ispustament tad-dawl minn oġġettiv, jew fuq il-blandun, għal suġġettiv, jew taħt il-blandun, jaqbel mal-bidla minn attitudni materjalista biss għal waħda li tneħħi l-fruntiera bejn il-materjali u l-ispiritwali.

Minħabba li d-djalettika dawl-dlam hi t-tema ċentrali ta' *Id-Dawl*, il-poeżija tiġbor fiha d-diversi aspetti msemmija. Hi sinteżi tal-forzi kuntrarji tad-dlam u d-dawl barra milli hi eżerċizzju assoċjattiv li jorbot id-dawl ma' l-ispiritwali, mal-konkret, mal-ġrajjiet bibliċi u reliġjużi, u ma' l-istorja taċ-ċiviltà. Id-dlam hu l-isfond li fih l-alwetta «taqsam qalb is-smewwiet/bl-akkordju ta' l-għana». L-istqarrija ewlenija tindika l-qagħda li ġġiegħel lill-bniedem ifittex mezz kif jilħaq l-etern. Il-limitu hu stedina biex infittxu l-infinit. L-espressjoni («l-għana») li tmiss l-etern toriġina mill-għama. Id-djalettika bejn id-«djuq» u l-«wisa'» tikkorrispondi man-natura ta' «moħħ mudlam» li fih «hemm it-toqba li ddawwal il-koppla». Il-«ġellied b'wiċċ ix-xemx» jikkonfronta «l-għajnejn malizzjużi/tas-serp imsallab/mas-siġra tat-tuffieħ».

Il-mument tad-dlam hu megħlub mill-għarfien innifsu li l-istorja umana hi tiftixa kontinwa għad-dawl. Dan l-għarfien jissarraf f'tiġrib sinestetiku li jrendi d-dawl

esperjenza ta' xamm. Għal darba oħra Mizzi ma jħallix id-dawl jintrabat mas-sens tal-ħars biss u jissuġġerixxi b'hekk il-qawwa u t-traxxendenza tiegħu, anki jekk is-sens tax-xamm iżomm rabta utli mad-dinja tat-tiġrib fiżiku. Id-dawl hu mġarrab fiżikament, iżda mingħajr l-użu tal-ħars. Is-suġġeriment ta' għarfien aktar profond, flimkien ma' l-użu ta' sens inqas żviluppat u inqas adatt, jiddefinixxu l-esperjenza bħala waħda li għalkemm mhix ċara hi aktar awtentika mis-soltu. Il-bilanċ bejn nuqqas ta' esperjenza senswali ċara u tiġrib profond jindika li għal Mizzi t-tifsir u l-esperjenza ċari mhux bilfors huma aktar viċin il-verità:

Ħbub għajnejja kultant jibbiesu bil-ġlata
imma ma ninsa qatt
meta xammejt id-dawl tal-funtana
jinfetaħ fi pjuma storika.

B'mod ġenerali l-bniedem ifittex id-dawl u jirrelatah ma' esperjenzi traxxendentali. Dawn jistgħu jkunu esperjenzi reliġjużi iżda jistgħu jkunu wkoll ir-riżultat alluċinatorju tad-droga. «B'siringa li tobżoq fil-vini» l-bniedem iġarrab «qarnita dija tisplodi fil-moħħ». It-tmiem tal-poeżija jilgħab bejn il-parodija b'mezzi moderni kif jinkiseb id-dawl u s-sens aktar serju ta' rebħa fuq il-mewt. Ir-rabta tad-dawl mal-ħajja tippermetti kemm dan is-sens klassiku, kif ukoll it-tiftixa għal sinifikat modern u xjentifiku: «vultaġġ tal-kurrenti tad-dawl». It-ton dubjuż u l-parodija bil-modern jissuġġerixxu li l-poeta mhux ċert kif it-tifsira klassika tista' ssib postha fil-ġdid:

Issa
meta għalija wkoll tinżel ix-xemx sogħbiena
tqattar il-gamfra
  u għall-għanja tiegħi ebda korda

ma tivvibra b'simpatija
liema alla sa jippumpjani
bil-vultaġġ tal-kurrenti tad-dawl
biex nibqa' nara
imqar fin-negattiva t'għadira
l-eklissi
tar-rebħa tad-dawl
fuq id-dlam?

Il-frażi «liema alla» taqbel mas-superfiċjalità tad-dawl artifiċjali. Il-korrispondenza bejn it-telfien ta' Alla u t-telfien tas-sinifikat spiritwali tad-dawl, flimkien ma' l-implikazzjoni li l-avvanz jista' jaljenana mit-taqbida oriġinali («tar-rebħa tad-dawl/fuq id-dlam»), jissuġġerixxu li l-mewt fid-dinja moderna tista' tkun esperjenza ta' abbandun aktar qawwija.

Bħalma d-dawl iservi ta' titlu għal trattament wieħed tad-djalettika, id-dlam jista' jservi ta' titlu għall-perspettiva opposta. *Dlam* u *Id-Dawl* jixhdu kif iż-żewġ effetti huma ċentrali għall-poeta u jistgħu jitqiesu bħala stati differenti ta' ruħ waħda. Poeta, aktar minn kull bniedem ieħor, isarraf aspetti mill-ambjent f'espressjoni dwaru nnifsu. Id-dlam u d-dawl, f'Mizzi, huma aspetti ambjentali li jindikaw stati ta' ruħ u joħolqu djalettika li tista' tidher b'mod fiżiku anki waqt li hi ġewwiena u spiritwali. Id-djalettika qatt ma tintemm għal ħlejqa li l-qagħda tagħha hi essenzjalment f'dalma u li tiskopri d-dawl f'mumenti ta' tama. Għax waqt li bi sforz tista' ssib l-assolut, tista' wkoll tevita dan l-isforz u tibqa' fid-dlam. Il-poeżija sħiħa *Dlam* hi eżempju:

Bħal għajn bi ngħas
għal waranijiet tinqaleb
u tinħeba
skartajtek Mulej.

Bħal għajn
bil-pupilla ffukata
fuq it-tempju vakwu tal-moħħ
li jidwi
bit-tqala terribbli
tad-dlam.

Il-firxa simbolika tar-relazzjoni bejn id-dlam u d-dawl hi wiesgħa u tinkludi diversi aspetti: il-mewt u l-ħajja; il-limitu u t-traxxendenza; il-ħażin u t-tajjeb; in-nuqqas ta' tama u l-isperanza; u l-fiżiku u l-ispiritwali fost oħrajn. Iżda b'mod ġenerali r-relazzjoni hi bejn bniedem u Alla. Mizzi ma jħallix dir-relazzjoni tinftiehem bħala waħda ta' oppożizzjoni, għalkemm xi aspetti mil-lista (bħall-mewt u l-ħajja) jistgħu jagħtu din l-impressjoni. Il-poeta jinqeda bid-dlam u bid-dawl biex jindika li r-relazzjoni hi aktar profonda minn oppożizzjoni sempliċi. Hekk bħalma ma jistax ikun hemm dawl mingħajr dlam, Alla jew it-traxxendentali ma jiġġarrabx jekk ma hemmx bniedem u limitu. Id-dawl divin, f'linja mal-ħsieb ta' Santu Wistin, jilluminana biex moħħna jara l-etern fit-temporali, l-istabbli fil-bidla u n-neċessarju fil-kontinġenti.[3] Il-veritajiet eterni, jgħid Santu Wistin, jidhru meta moħħna jipparteċipa f'illuminazzjoni divina, u dan id-dawl jurina ħwejjeġ bla intervent tas-sensi bħalma d-dawl tax-xemx jikxef il-ħwejjeġ materjali għal għajnejna.

## ALLA FIN-NATURA UMANA

Alla hu 'l hinn mill-ħsieb tal-bniedem u dan ifisser li kull tiftixa għalih tisfa f'konklużjonijiet interessanti dwar il-limitu uman. Ir-referenzi li l-bniedem jagħmel għal essri traxxendentali bilfors ikunu kummenti dwaru nnifsu għax il-bniedem irid juża lilu nnifsu sal-limitu biex jipponta

lejn l-assolut, u fil-proċess jitkellem dwar dal-limitu u dwar l-effetti fih aktar milli jiddefinixxi l-indefinibbli. It-tema ta' l-imħabba turi kif l-assolut hu ppreżentat qrib ritmu sesswali li hu fil-ħolqien u fl-uman; u li hu l-espressjoni dejjiema ta' natura universali. Id-divin jintlaħaq bit-tiġrib ta' l-imħabba għax l-imħabba ddaħħal lill-bniedem f'ritmu kosmiku li fih jinkorpora l-firxa tal-ħajja. F'dan is-sens l-imħabba limitata, materjali u individwali tista' sservi ta' għaqda bejn il-partikulari u l-universali anki bla ma jinftiehem l-universali. Poeżiji li jittrattaw dwar Alla aktar milli dwar l-imħabba xorta jippreżentawh f'natura umana li, fil-poeżija ta' Mizzi, dejjem tipparteċipa f'forzi akbar minnha bla tifhimhom.

Dan it-trattament umanista ma jiċħadx it-teoloġija stabbilita iżda jindika li Alla jinstab b'taqbida, bi sforz, b'għażla bejn tajjeb u ħażin f'sitwazzjoni, u bl-involviment ta' kuxjenza li taf tiddubita. Alla ma jinstabx aktar f'duttrina lesta iżda f'duttrina li tinbena fil-prattika u b'dubju serju.

*Lil Alla Falz* hija wieħed mill-aħjar eżempji. L-istqarrija li l-poeta ma jemminx f'Anubis hija f'kuntrast mal-fatt li l-poeżija hi indirizzata lill-alla falz. L-effett li Anubis iħalli fil-poeta hu ovvju: kieku ma kienx hekk Mizzi la jistqarr liema hu Alla tiegħu u wisq inqas jindirizza lil alla ieħor:

Ja Anubis
alla falz
bid-daħqa ta' xakall,
la tħarisx lejja
mill-ixkaffa tal-mużew
b'dawk għajnejk żmeraldi
intuskati bl-arseniku ta' l-odju.

Anubis mhux effett biss, hu tip speċifiku ta' effett: «l-odju». Iżda l-mibegħda hi kwalità umana. Il-bilanċ bejn

Anubis u «Alla tiegħi» hu wkoll bilanċ bejn żewġ forzi emottivi fil-bniedem: il-mibegħda u l-imħabba. Fuq livell il-poeżija hi kuntrast bejn divinitajiet, iżda l-kuntrast hu maħluq permezz ta' emozzjonijiet umani opposti. L-għażla hi bejn żewġ emozzjonijiet daqskemm hi bejn żewġ divinitajiet. Għal darba oħra l-ħarsa lejn id-divin hi wkoll ħarsa 'l ġewwa, lejn l-uman. U d-definizzjoni ta' Alla tingħata fl-isfond kemm ta' alla falz iżda effettiv, kif ukoll ta' taqbida umana bejn l-emozzjonijiet. Il-poeżija mhix konklużjoni sempliċi favur Alla. L-istruttura ambivalenti tagħha, bi twemmin f'Alla u indirizz lil alla ieħor, tixhed kif l-espressjoni poetika tista' tkun djalettika bejn tifsiriet opposti. Hi poeżija li tirrifletti t-tiġrib reali (uman) ta' Alla billi tippreżenta l-veru b'indirizz lill-falz.

Finalment, il-preferenza mogħtija lil Alla tirriżulta minn esperjenza li hi aktar intrinsika għan-natura umana milli jista' jkun Anubis, jew milli hi l-mibegħda. Anubis hu figura f'mużew, iżda Alla ma għandux figura u hu tiġrib fiżiku-spiritwali:

> Alla tiegħi moħmi f'ruħi
> f'ombra msaħħna
> bħal ħamiema fuq il-bajd
> li tfaqqas id-dija ġewwiena.
> Alla tiegħi leħnu tremolo
> moħfi f'obwe jirbombja
> f'qasbet għadmi.

Waqt li Anubis jaffettwa lill-poeta bħalma l-mibegħda tista' taffettwa bniedem, il-veru Alla hu viċin wisq ta' l-essenzjali fin-natura umana biex jiġi miċħud. Alla hu esperjenza vaga iżda fil-qalba ta' l-umanità. Hu t-tiġrib ta' spirtu ġewwieni («moħmi f'ruħi»), ta' forza li tgħajjex («tfaqqas id-dija ġewwiena»), u ta' espressjoni li toriġina mill-interjuri («jirbombja/f'qasbet għadmi»).

Diversi stqarrijiet imxerrda fil-poeżiji jixhdu l-importanza li tingħata lill-effetti fil-bniedem waqt it-tiftixa għal Alla. F' *Sahra* Alla ma jidherx iżda hu l-kawża ta' effetti reali (fejqan u maħfra). F' *Holm* Alla hu l-essri li jħallem. Id-deskrizzjoni telabora l-effett ispiratorju fil-poeta: «Jitħarrek il-blanzun ta' ħsiebi/li jwiegħed poemi, poemi u poemi». It-talba tixhed il-bżonn li l-bniedem jiġi maħkum aktar milli li jifhem u tissuġġerixxi li l-poeta aktar għandu effett immedjat u momentarju milli tifsira fissa ta' Alla:

Ħallimni, Mulej, għakkisni bil-għafsa
tal-ħafna ta' idejk.
Ċarratli s-siġilli tas-sensi ħa nisker sa ruħi,
ħa ngħix
u ngħanni l-qodos tal-ħajja f'kull żmien.

Forsi hu għalhekk li f'diversi poeżiji l-poeta jitħaddet ma' Alla iżda jitkellem, imbagħad, dwaru nnifsu. Alla jibqa' l-essri qatt milħuq u l-poeta hu l-essri li jfittxu billi jħares lejn il-qagħda tiegħu nnifsu. Ix-xejra umanista f'dan it-trattament ma tinnegax il-metafora klassika ta' l-illuminazzjoni. Kemm Santu Wistin, kif ukoll Platun u Plotinu qablu, emmnu li l-ġewwieni hu t-triq għall-assolut. Alla, fil-poeżija ta' Mizzi, hu s-sens vag ta' l-assolut, jew l-esperjenza inspjegabbli ta' l-illuminazzjoni, li jifdal meta l-bniedem jagħraf in-nieqes jew id-dlam fih stess. *Xufftejn* tagħti bosta mill-aspetti diskussi. L-indirizz lil Alla hu fl-istess waqt kumment dwar il-qagħda umana:

Daqqiet nistħajjilni, Mulej,
par xufftejn imqaxqxa mid-deżerti meħlusa.
Par xufftejn jgħumu fid-dlam.

Id-«dellirju divin» fl-aħħar hu f'kuntrast mal-qagħda umana tal-bidu. Alla mhux definit u l-limitu uman segwit

minn tiġrib estatiku jieħu post id-duttrina stabbilita. Alla jissawwar fil-proċess innifsu minn nuqqas ta' sejba sa esperjenza traxxendentali li lill-bniedem ma tħallihx f'sensih («dellirju»). L-assolut jipparteċipa fin-natura umana daqskemm in-natura umana tipparteċipa fl-assolut, iżda fil-proċess, il-fehma ċara tintilef.

Fi *Tħassib* in-nuqqas ta' Alla hu msarraf mill-ewwel fi stat ta' ruħ permezz ta' analoġija: «il-ponn tal-ġuħ jgħawwar fi stonku vojt». L-ispirtu, irrealizzat il-ħin kollu b'analoġiji ta' ġuħ u għatx, hu esperjenza ta' l-intanġibbli. L-istat ta' ruħ hu ġewwieni, jirreferi għan-nuqqas ta' Alla u hu ppreżentat bi kliem li jirreferi għad-dinja tat-tiġrib fiżiku («ġuħ», «għatx»). F'ordni kuntrarju, l-esperjenza fiżika tirreferi għal esperjenza spiritwali (ġewwiena) li timmarka d-distanza bejn il-bniedem u Alla. Fil-binja tiegħu ta' ruħ u ġisem l-uman hu espressjoni dwar il-qrubija ta' Alla:

> Il-bieraħ irqadt bil-ġuħ inħammem
> għax ilu ma jittawwal il-Mulej b'ħarsa sielma
> fil-bir ta' ħsiebi.

Sensiela ta' esperjenzi fiżiċi u estatiċi, bħalma wieħed isib f'*Iż-Żifna*, tikkonferma l-qrubija ta' Alla għat-tiġrib uman. Ir-ritmu, bħala l-fattur li jressaq lejn xulxin id-divin u l-uman, hu wkoll sinjal ta' bidla fl-istat ta' ruħ il-bniedem. Hu ssuġġerit, kemm permezz tat-tema ta' l-imħabba kif ukoll permezz ta' l-effett ta' waqtiet affaxxinanti, li Alla jista' jkun mument ta' sensibilità rraffinata fi ħlejqa temporali. Il-falliment u d-dlam iservu biex il-bniedem ifittex aktar sakemm jiskopri bidla fih li jidentifika ma' essri 'l hinn minnu. Hekk

> min qatt ma ħass weġgħa ta' kobra
> x'ħin tobżoq qoxritha ma jafx x'jiġifieri
> tiżfen l-Għaxwa Divina.

Il-metafora tal-kobra tagħti żewġ dettalji. Il-bniedem jiskopri stat ġdid ta' għajxien bl-uġigħ jew bir-riskju li kull bidla tinkorpora. Iżda l-istat il-ġdid, ippreżentat permezz ta' sforz fiżiku («tobżoq qoxritha»), iwassal għar-ritmu (iż-żifna) divin. Il-kelma «Għaxwa» tista' tindika telfien mis-sens daqskemm ħajja. Hi għażla adatta għax tħalli d-divin indefinit, jew 'l hinn mill-ħsieb ċar u minn dak li l-bniedem normalment jiflaħ iġarrab, waqt li tippreżentah bħala forza ta' ħajja. Il-ħajja, iżda, sabet il-bidu tagħha fi sforz għal bidla u mhux f'divinità lesta. Għal Mizzi Alla qatt ma hu essri lest. Hu essri li jiġġarrab fi grad korrelattiv għall-bidliet li lesti nwettqu fina.

Il-paralleliżmu bejn il-ġrajjiet bibliċi u t-twelid f'*Exodus* hu mod ieħor kif id-dimensjoni 'l hinn mid-dinja materjali tkun riflessa fl-esperjenza umana. Alla jaħfen «ponn tafal» u jiżra' l-ħajja fil-ġuf. It-tkomplija faċli mill-bibliku u mill-ispiritwali għall-individwali u għall-fiżiku tibqa' mill-bidu tal-poeżija sa l-aħħar. Il-bniedem fil-ġuf hu diġà f'ritmu li jgħaqqdu ma' ġrajja umana li fiha jintervieni d-divin. Fil-ġuf il-ħajja tisma' r-ripetizzjoni ta' ġrajja li seħħet bejn poplu u Alla. L-«arterji», il-qalb tħabbat u t-«tkarwit» ta' l-imsaren huma l-elementi fiżiċi minfejn joriġina r-ritmu:

Komdu kont nissamma'
għat-tregħid tat-tnabar
għat-tribù ta' ġensi
fit-taħbit ta' qalb ommi,
fit-tkarwit ta' msarinha
u fl-inħir tal-ħamla mqanqla
ta' demmha fl-arterji
u fl-għekiesi jżaqżqu bil-piż
ta' l-arka ta' Sijon,
u griżmejha jivvibraw bid-diskors
ħartuli radda manjetika ġo moħħi.

L-isforz innifsu biex il-ħajja li qiegħda tifforma fil-ġuf timmatura hu deskritt f'termini ta' ritmu universali b'mod aktar dirett. Finalment hu r-ritmu tal-ħajja li qiegħda tifforma li jaħkem lill-ġuf u lill-omm. Il-ħajja fil-ġuf hi viċin ġrajja umana sħiħa u tisma' dil-ġrajja, iżda mbagħad hija hi stess li tirripeti dil-ġrajja fil-prattika u b'ritmu tagħha:

U b'ritmu ħabrikt
dak ir-ritmu tal-baħar,
dak ir-ritmu ta' l-att ta' l-imħabba,
tad-demm li jmewweġ ġol-vini.

Rikibni therwil ir-ritmu,
baramni u straxxani.
U ġuf ommi mir-reżonanza ntrikeb.

Il-ħruġ mill-ġuf hu pparagunat mal-ħruġ mill-Għeden. Il-kerubin ibarri «mill-ġonna sielma mdellin/mis-siġra tal-ħajja». Ix-«xabla tan-nar» tindika li t-tkeċċija hi assoluta. Is-simbolu tax-xabla jaqdi l-paralleliżmu bejn il-ġrajja biblika u l-esperjenza trawmatika tat-twelid: it-tnejn huma tkeċċija mill-etern għal ġo ħajja temporali. It-twelid hu ripetizzjoni tal-ġrajja oriġinali li fiha l-bniedem jinfired minn Alla. L-esperjenza fiżika hi wkoll espressjoni dwar ir-relazzjoni bniedem-Alla. Fil-limitu tal-ġrajja ta' kull individwu hemm id-diwi ta' l-universali.

Waqt li l-bniedem jipparteċipa direttament fl-universali, u waqt li permezz tan-natura tiegħu hu diġà viċin id-divin, il-karatteristika ta' fittiex tibqa' l-kwalità ewlenija tiegħu. It-tiftixa għal definizzjoni adekwata ta' l-assolut, fi *Traxxendenza*, turi l-qagħda ironika ta' ħlejqa li ġġarrab it-traxxendentali bla ma ssib paragun għalih. Ir-ripetizzjoni ta' «jew» tissuġġerixxi l-insuffiċjenza tal-kliem u tal-paraguni li jġib miegħu. Il-poeżija hi stqarrija dwar il-limitu tal-kliem u hu permezz ta' dan il-limitu li l-qarrej

jingħata ħjiel tal-kobor ta' l-esperjenza traxxendentali:

> Jew żifna ta' ritmu din . . . ta' ħlewwa,
> tmellisa ta' xgħir qed jitbennen mal-fewġa?
>
> Ċafċifa siekta t'ibħra
> jixxaħxħu max-xtut . . . din?
>
> Jew qilla mimlija moħqrija
> burraxka xitwija bla ħniena?
>
> Kontemplazzjoni din ta' stilel blu
> mitwijin fil-ġwienaħ jaduraw?
>
> Jew azzjoni, jew passjoni jew ħolqien
> jew frott, jew imħabba tirdoppja
> u timmoltiplika.

Id-definizzjonijiet kuntrarji (bħal «ċafċifa siekta" u «burraxka») ta' l-istess esperjenza huma konferma tad-distanza bejn Alla u l-kliem mhux bejn Alla u t-tiġrib uman.

It-tiftixa nnifisha, jissuġġerixxi Mizzi, hi l-eqreb li nistgħu nersqu lejn Alla. In-nuqqas ta' sejba, diment li hu parti minn tiftixa determinata, ixxebbahna mal-figura divina ta' Kristu. Il-poeta jimplika aktar minn darba li n-natura vera tal-bniedem hi ta' fittiex li bħal Ġesù jsofri n-«nixfa» (*La Noche Oscura*). Ir-ripetizzjoni ta' «donnejtni sponża», f'*La Noche Oscura*, tenfasizza n-natura tal-bniedem. L-uman, jew il-poeta f'dal-każ, hu definit bin-nuqqas. Hu dan in-nuqqas li jġiegħlu jfittex sudisfazzjon materjali («orifiċju miftuħ») u spiritwali («sigriet l-ispazju») u b'hekk jifhem iż-żewġ aspetti tan-natura tiegħu. Iżda n-nixfa ġewwiena hi inevitabbli. Hu f'dal-mument li d-definizzjoni tal-bniedem issir allużjoni għad-divin. Il-bniedem li jfittex qiegħed isegwi t-tiġrib ta' Ġesù (il-«ħall» li jitnewwel «fuq qasba»), u allura hu qrib Alla:

Imma xofftejja
xorta qoxqox
u jiġu waqtiet
li nibki fix-xagħri
in-nixfa 'mplakabbli
ta' ruħi deżert.

U jitnewwilli ma' fommi
fuq qasba
il-qares tal-ħall
biex nitrejjaq.

NOTI

1. Għal spjegazzjoni ta' l-analoġija sħiħa ta' l-għar ara S.E. Stumpf, *Philosophy – History and Problems*, New York, McGraw-Hill Inc., 1994, pp. 51–4.
2. *Ibid.*, pp. 126–9.
3. Ara F. Copleston, S.J., *A History of Philosophy*, U.S.A., Paulist Press, 1950, Vol. II, pp. 62–7.

# Il-Konfront mal-Mewt

## IL-ĦAJJA FIL-MEWT

Il-mewt ma tistax tiġi ttrattata bħal traġedji oħrajn. Dawn huma avvenimenti f'ħajjet il-bniedem, iżda l-mewt, għalkemm spiss meqjusa bħala avveniment, hi t-tmiem ta' l-avvenimenti. Il-problematika ta' kull letteratura dwar il-mewt ġejja mill-fatt li hu bniedem ħaj, b'sentimenti u b'loġika attivi, li qiegħed jesprimi ruħu dwar in-nuqqas ta' ħajja. Poeta li jitħaddet dwar il-mewt jagħmel dan mill-post żbaljat, jew minn stat oppost, bħalma jagħmel kull bniedem li jaqbad is-suġġett. Fil-każ tal-poeta l-paradoss jista' jkun aqwa għax is-sensittività, il-profondità u l-involviment tiegħu jħallu impressjoni aktar permanenti ta' għajxien sħiħ.

Il-konsegwenza hi li jitħalltu flimkien l-emozzjoni umana, xhieda ta' esperjenza li għadha għaddejja, u l-vojt. L-applikazzjoni tas-sensittività umana fuq il-mewt tirriżulta f'qagħda stramba ta' ħlejqa li trid testendi l-ħsus tagħha fejn ma hemmx ħajja kif nafuha. Mizzi spiss jinstab f'dil-qagħda ta' intelliġenza li taf l-inutilità tal-preżenza tagħha waqt li hi affaxxinata bil-ħajja u trid titkellem. Il-ħajja, definita f'mumenti oħrajn bħala ritmu, hi enerġija ċkejkna f'dimensjoni akbar ta' vojt jew ta' inerzja fil-poeżija dwar il-mewt.

Din id-definizzjoni ma tingħatax permezz ta' oġġetti simboliċi, iżda permezz ta' xena sħiħa analoġika. Il-poeta li jitħaddet dwar il-mewt bil-kwalitajiet emottivi ta' bniedem

ħaj, u li jiddefinixxi l-ħajja bħala enerġija li diġà hi filmewt, ma jistax jinqeda b'oġġett wieħed għax l-opposti jirrikjedu aspetti kuntrastanti f'xena analoġika.

F'*Ir-Ras* id-deskrizzjoni tal-post, is-simbolu ċentrali («ras gendus»), il-kulur «safrani» applikat fuq il-«baħħ», l-għażla tal-ħin (il-«lejl») u t-tħollija tas-sofferenza filħlejqa mejta («bħal min jigdem il-blat għax qed ibati») jibnu xena li għandha karatteristika ġenerali miżmuma sa l-aħħar: it-tqegħid ta' funzjonijiet u ta' elementi żgħar f'dimensjoni akbar ta' waqfien u ta' silenzju. L-użu ta' preposizzjonijiet bħal «fi» u «ġo» jenfasizza din l-inkongruwenza:

Qafas ta' ras mitluqa f'nofs deżert,
ġol-waħx tal-baħħ safrani.
Il-lejl ipoġġi ġo ħofriet l-għajnejn
lewlu ta' nida.
Musbieħ il-lejl ibejjet ġewwa x-xedaq.
Is-snien mgħaddsin fir-ramel
bħal min jigdem il-blat għax qed ibati.
Ħajja mitlufa ġo deżert wesgħani . . .
Ħajja moħlija.

L-aħħar żewġ versi jindikaw kif id-definizzjoni talmewt hi neċessarjament marbuta ma' l-oppost tagħha, mad-definizzjoni tal-ħajja. Bażikament l-istrofa hi l-binja ta' xena ta' mewt, iżda s-suġġett aħħari hu l-ħajja. Il-poeta jinqeda bix-xena simbolika biex imbagħad ipoġġi l-ħajja fiha, u b'hekk juri li wara kollox qiegħed jitkellem dwar ilħajja daqskemm dwar il-mewt. L-inutilità tal-ħajja hi l-punt tal-wasla, iżda s-sens ta' ħajja inutli u assurda hu diġà ssuġġerit mill-madwar, jew mill-ambjent. L-aspetti taxxena diġà jindikaw li l-ħajja hi mument kuntrastanti f'dimensjoni tremenda ta' vojt, u b'hekk jagħtu minn qabel impressjoni viżwali tal-kunċett aħħari.

Il-«lewlu ta' nida» li hu «ġo ħofriet l-għajnejn», u l-«musbieħ il-lejl (li) ibejjet ġewwa x-xedaq» huma paralleli għall-qagħda tal-ħaj taħt il-kundanna tal-mewt. It-tqegħid ta' element li jleqq u ieħor li jixgħel f'qies infinit ta' dlam u ta' vojt, u f'simbolu ċentrali tal-mewt, jixhed il-viżjoni ta' Mizzi dwar ir-relazzjoni bejn il-ħajja u l-mewt: il-ħajja hi dejjem irrealizzata fi ħlejqa żgħira u debboli li diġà hi fl-eventwalità tal-mewt.

L-għażla tar-riħ bħala simbolu tal-mewt hi żviluppata f'nisġa simili f'*Ir-Riħ*. Ir-riħ mhux oġġett iżda forza inviżibbli li tokkupa l-ispazju. Il-fatt li l-ispazju okkupat hu l-beraħ daqskemm l-irkejjen żgħar jintroduċi preokkupazzjoni b'mewt mifhuma bħala dimensjoni spazjali tremenda daqskemm immedjata u viċina. Il-penetrazzjoni u l-omnipreżenza tal-forza tar-riħ jaqdu d-definizzjoni tal-mewt. Fuq kollox il-kuntrast kontinwu bejn il-poeta fil-kamra u fis-sodda, «bħal tarbija f'ġuf», u l-mewt li «barra (hi) sultana» jerġa' jagħti l-qagħda ta' ħajja fil-mewt permezz tar-relazzjoni bejn ġewwa u barra.

Ir-relazzjoni spazjali telabora r-relazzjoni temporali: il-ħajja hi iqsar minn qagħda ġenerali u infinita ta' waqfien, u allura hi ġol-waqfien. L-enfasi fuq il-kobor tal-forza tar-riħ u l-enfasi fuq in-nuqqas ta' preżenza konkreta huma bbilanċjati u jissuġġerixxu kobor tremend u forza inviżibbli: «tarbija ġgant bla ġisem». Il-forza li tiċċirkonda l-ħajja hi intanġibbli daqskemm hi kbira. L-importanza li Mizzi jagħti lis-sens tas-smigħ tkompli tenfasizza n-natura ta' forza li ma tistax tinżamm lura għax ma tidherx u ma tintmessx:

U jien sħun sħun
imfisqi f'soddti bħal tarbija f'ġuf
noħlom u nisma'

iz-zkuk imċewlħa bħal skeletri jtertru
b'xuxthom imħabbla,
arpiji għarwenin bla kenn, bla sħana.

Is-similitudni «bħal tarbija f'ġuf» għandha sinifikat ironiku għax tidentifika l-ħajja mal-protezzjoni fil-ġuf u timplika, b'konsegwenza, li l-mewt tissieħeb mat-twelid u mal-ħajja temporali f'dinja. Is-similitudni tinkludi wkoll l-inevitabbiltà tal-mewt għax bħalma t-tarbija trid eventwalment titwieled, il-ħaj irid eventwalment imut. It-temporalità u l-fraġilità tal-qagħda tal-poeta fis-sodda, iċ-ċirkondat bil-mewt, hi pparagunata mat-temporalità u l-fraġilità tal-qagħda fil-ġuf, iċċirkondata bil-ħajja. Il-mewt hi momentarjament identifikata mal-ħajja biex il-paralleliżmu jseħħ.

Heidegger jibdel il-kunċett ta' mewt bħala tmiem għall-kunċett ta' mewt li l-ħin kollu tikkundizzjonalna l-qagħda tagħna għax tagħmilna temporali, jew essri-lejn-tmiem.[1] Id-definizzjoni tiegħu hi aktar definizzjoni tal-ħajja riesqa lejn tmiem milli tal-mewt. Mizzi jersaq lejn dan il-kunċett għax jara l-ħajja fil-mewt aktar milli l-mewt. Il-ħajja hi ppreżentata bħala temporali għax mit-twelid tgħaqqad magħha l-possibbiltà tal-mewt u mhux għax tintemm. Il-bniedem, ladarba jitwieled b'definizzjoni lesta ta' ħlejqa temporali, jitwieled fil-mewt u jgħix kull ħin il-possibbiltà tal-mewt.

Skond Heidegger il-possibbiltà tal-mewt tiġbor fiha kull possibbiltà oħra f'ħajjet il-bniedem.[2] Il-mewt hi ċertezza u possibbiltà f'salt: aħna ċerti li se mmutu, iżda kif, fejn u meta huma possibbiltajiet miftuħa. F'dan is-sens il-mewt tgħaqqad il-fatt mal-possibbiltà. Bħala ċertezza l-mewt tippenetra f'kulma nwettqu u f'kull mument f'ħajjitna, bħala possibbiltà tinkludi f'dak li nwettqu u f'kull mument tħassib u inċertezza.[3]

*Fi Sptar* tagħti l-qagħda paradossali permezz ta' l-għażla nnifisha tal-bini: l-isptar hu l-post fejn il-ħajja hi ċċirkondata bil-mard. L-ambjent, kif ippreżentat minn Mizzi, mhux ta' fejqan daqskemm ta' diġenerazzjoni fiżika u ta' qtigħ il-qalb: «Is-swali sħan bid-deni», l-«intiena tal-marċa», is-«sfura tal-kwarantina», ir-«riħa tal-kankru», «il-biki tal-morda» u «l-ħarsa ddisprata», huma l-isfond li fih il-poeta jispikka għax hu ħaj u f'saħħtu. Ir-«ruħ maħruba» tal-poeta, flimkien mal-«ward tax-xemx», huma rappreżentazzjonijiet ta' ħajja u ta' tama li fl-ambjent miżerabbli huma dgħajfa u solitarji.

Minħabba li l-ħajja u l-pożittiv huma fi sfond kuntrastanti li huwa aktar qawwi minnhom, is-sinifikat tal-ħajja ma jistax jiġi mifrud mill-ambjent. Il-partiċipju «maħruba» jikkwalifika l-qagħda tar-ruħ li trid tgħaddi «bejn is-sodod» tal-morda, waqt li l-verb «jiddi» hu nnewtralizzat bin-nom li jsegwih: «fl-intiena». Mizzi jelabora l-vulnerabbiltà tal-ħajja f'qagħda ġenerali ta' qerda. Il-preżenza tal-persuna f'saħħitha u tas-simbolu ta' tama huma l-eċċezzjoni kemm fl-aspett kwantitattiv kif ukoll fl-effetti li jħallu. Il-frażi «li kien» fil-kwotazzjoni li ssegwi, flimkien ma' l-«ironija» tal-preżenza tal-ward, jissuġġerixxu li x-xewqat u l-effett tal-ħaj huma insinifikanti ħdejn l-effetti tal-mard:

> Bħal ruħ maħruba bejn is-sodod għaddejt.
> Għall-ħniena stidnitni r-riħa tal-kankru
> u l-biki tal-morda.
> Miż-żlieġa tad-dmugħ il-ħarsa ddisprata
> ta' ħniena, ħniena, ħniena.
> Li kien il-marid jiddewwa
> bl-ingwent tal-mogħdrija
> kien jiżvojta mill-morda kull sptar.
>
> Il-ward tax-xemx jiddi fl-intiena tal-marċa
> bl-ironija tad-deheb . . .

L-appell għat-tiġrib senswali permezz ta' kliem bħal «sħan», «intiena», «sfura», «riħa» u «biki» jqawwi l-effett realistiku tad-diġenerazzjoni fiżika. Ir-ripetizzjoni ta' «ħniena» u l-impossibbiltà ta' «ingwent tal-mogħdrija» u tal-konsegwenza ta' sptarijiet vojta, jixhdu l-inutilità tax-xewqat umani fil-konfront mat-tmiem. L-effett aħħari mhux l-apprezzament ta' xewqa ideali daqskemm il-konferma li din ix-xewqa inutli hi mod żbaljat kif naħsbu fil-konfront mat-telfa ta' saħħitna.

It-turufnament ta' l-emozzjoni, tas-sensittività u ta' l-intelliġenza, f'ġisem u f'dinja kkaratterizzati b'qerda kontinwa, jibdel id-definizzjonijiet tal-ħajja u tal-mewt. Il-bniedem sensittiv fi proċess diġenerattiv ma jqisx il-proċess innifsu bħala xhieda ta' ħajja, għax il-proċess hu kuntrarju għat-tama persistenti f'ħajja dejjiema. *Xitwa* tippreżenta l-mistoqsija ċentrali ta' Mizzi f'din it-tema: «Fejnha l-Ħajja?» Il-mistoqsija ma għandhiex tinftiehem bħala espressjoni sseparata mill-qagħda tal-ħaj. Il-paradoss ta' essri li ma jsibx il-ħajja fil-ħajja hu t-tmiem ta' sfond li joffri biss il-mewt:

> Bħal skeletri minn senduq
> mill-ġonna mudlama zkuk mejtin jittawlu?
> Fejnha l-Ħajja?

Permezz ta' dan it-trattament hu l-ħaj li jidher eċċezzjonali u mhux il-mejjet. F'*Reqqa ta' Qalb* il-ħajja hi sforz inutli «kontra l-kurrent». Il-forza tal-kurrent, implikata mis-sofferenza fiżika ta' l-individwu li jrid jibqa' ħaj, («Idejna mtlew bl-infafet u l-bżieżaq»), u indikata b'mod ċar mill-effett fuq il-forza żgħira tal-bniedem («Jixħetna lura l-mewġ»), tista' titqabbel mal-predominanza tad-deżert f'*Ir-Ras*, mal-forza tar-riħ f'*Ir-Riħ* u ma' l-effett tal-mard ta' *Fi Sptar*. Mill-ġdid il-mewt hi forza akbar u

aqwa mill-ħajja. L-isfond «ta' tixjin/ ta' tidwib/fix-xejn ta' xejnna» jissuġġerixxi f'salt destin inevitabbli u l-fatt li dan id-destin hu x-xejn. L-eċċezzjonali hu l-ħaj li qiegħed jitqabad mhux kontra problema materjali jew element tanġibbli, iżda kontra n-nuqqas innifsu pparagunat ma' forza qawwija (bħal «kurrent»).

Il-paragun bejn il-qisien simboliċi tal-ħajja u tal-mewt jista' jkun imitat permezz tal-forma tal-poeżija. *Agunija* hija eżerċizzju ta' ħila epigrammatika. Il-poeżija hi sentenza waħda dwar l-aħħar mument qabel id-«demm jirtira/fil-mewt». Il-verb «jirtira» jindika t-treġġigħ lura tad-demm lejn stat li qabel il-ħajja diġà kien hemm. Il-ħajja, bħala eċċezzjoni, tirtira lejn dimensjoni akbar ta' mewt. L-istqarrija waħdanija tal-poeżija hi fiha nnifisha riflessjoni ta' l-isforz momentarju u inutli li t-tiġrib tal-ħajja hu mxebbah miegħu. L-irtirar tad-demm, imitat minn vers li jiqsar sa vers b'żewġ sillabi, jissuġġerixxi ħajja li qiegħda fil-mewt, imitata minn sentenza waħda fi sfond ta' nuqqas ta' kliem. Xejn inqas mill-poeżija sħiħa ma jista' jservi ta' dimostrazzjoni.

> Geġwiġija ta' mlievez isaffru
> fis-siġar fl-għaxija
> tinstema' fil-qurriegħa
> l-aħħar tisfira
> tad-demm jirtira
> fil-mewt.

Dan ma jfissirx li l-istruttura poetika tagħti t-tifsira, iżda li hi akkumpanjament stilistiku xieraq għas-suġġett fil-mod kif tikkontrolla n-nifs u l-pawsi tal-qarrej. Ċertament, il-mod kif tinqara poeżija hu parti mill-preżentazzjoni ta' tema u jenfasizzaha meta jimita l-kunċett ġenerali. F'dal-każ il-kunċett ġenerali ta' mument qasir ta' enerġija li

tirtira, hu rifless f'sentenza waħda u f'qies jiqsar ta' versi. «Il-poeżija», jgħid kritiku, «ma tippreżentax forma ta' esperjenza biss, iżda esperjenza ta' forma wkoll.»[4] Meta l-esperjenza tal-forma tirrifletti l-forma ta' l-esperjenza jkun ingħata sens u d-diwi tiegħu.

*Moribond* ukoll għandha effett stilistiku li jenfasizza t-tema. Il-versi qosra jgħinu s-sinifikat ta' kliem bħal «jilheġ»; «in-nifs inqatagħli» u «lehġa» għax jaqsmu s-sentenzi f'diversi biċċiet u jwaqqfu l-qari b'pawsi. Il-moribond hu l-ħaj definit bħala mejjet, u l-immaġni tiegħu hija wkoll ir-realtà tal-poeta meta l-qalb tfalli «taħbitha». Termini bħal «inkisser» u «trietaq» mhux biss jiddeskrivu d-disperazzjoni li jista' jkollu bniedem meta jagħraf il-qrubija bejnu u l-moribond, iżda jkomplu s-sens ta' sħiħ li qiegħed jitfarrak. Il-viżjoni ta' ħajja tiżżarma, is-semantika u s-sentenzi fframmentati huma l-aspetti ta' l-għaqda perfetta bejn sens u forma:

U meta nintebaħ
li qalbi
falliet taħbitha
u n-nifs inqatagħli
mal-lehġa,
inkisser il-mera
ta' quddiemi
u
trietaq
nagħmilha.

SFORZ LEJN TMIEM

Il-ħajja temporali, l-isforz «kontra l-kurrent», hija «ġirja» (*Telfien*) li tgħajji «s-sinsla» u ċċarrat «il-minfaħ tal-pulmun». Is-suġġeriment f' *Telfien* hu li fejn hemm il-mejjet midfun ma ssirx attività, mhux b'rispett lejn il-mejjet daqskemm minħabba

l-fatt li l-ħajja u l-attività ma jagħmlux sens f'dan l-ambjent. Il-mejjet ġarrab kollox u sab il-qagħda assoluta fil-«folla li tgeġwiġ ma tagħmilx/għax mormija gozz għall-frisk tal-kennierja». Il-ħaj, li hu kkaratterizzat bit-tiftixa u biċ-ċaqliq, hu l-essri li jqarreb l-attività lejn il-mewt.

Il-kwotazzjoni li ssegwi tindika kif in-natura attiva tal-ħaj tispikka ħdejn in-nuqqas ta' ħajja. It-tqegħid ħdejn xulxin tal-ħaj u tal-mejjet jinbidel fl-ironija tal-fatt li l-ħaj hu mimli enerġija iżda diġà jista' jara t-tmiem tiegħu f'ħaddieħor. L-istqarrija matura tal-poeta («Ħallu l-mejtin reqdin ġo qabarhom») għandha ton rassenjat u fil-kuntest sħiħ tal-poeżija tippreżenta lill-ħaj bħala aġent li mingħalih jista' jwarrab il-mewt bl-attività:

Ħallu l-mejtin reqdin ġo qabarhom,
la tħammlux il-fosos,
la theżhżux iċ-ċipressa
li twaqqa' l-ġandra
fuq tanbur il-kaptelli.
Għax għajjiena s-sinsla wara l-ġirja.

Ir-raġuni għalfejn il-mejjet għandu jitħalla fil-kwiet tinstab fl-aħħar vers li jirreferi għat-tiġrib tal-ħajja daqskemm għall-mewt. Il-poeżija, f'dan is-sens, ma tqarribx il-ħaj lejn il-mejjet permezz ta' xeni ta' attività f'ċimiterju biss, iżda anki permezz ta' stqarrijiet li jirrelataw l-enerġija («ġirja») ma' l-eżawriment («għeja»). Bħalma l-ħaj jista' jidħol bl-attività tiegħu fiċ-ċimiterju, il-«ġirja» hi diġà fil-konsegwenza tagħha, jew fl-«għeja».

Vers bħal «Għadduha minn banda oħra t-triq» jindika kif l-espressjoni tista' tkun mifqugħa b'sinifikati differenti. It-«triq», bħala simbolu ta' l-attività u tad-direzzjoni tal-ħaj, hija disrispett lejn il-mejjet, hija xhieda ta' enerġija fi sfond possibbli ta' mewt, u hija suġġeriment sottili tal-

biża' mid-direzzjoni li eventwalment trid tieħu l-enerġija umana. It-talba għar-rispett lill-mejjet tixhed ukoll il-bżonn li l-ħajja u l-mewt jinżammu f'inħawi kemm jista' jkun isseparati.

Ir-ritmu tal-ħajja, u b'mod aktar speċifiku ta' l-imħabba, hu resqien lejn it-tmiem ukoll. F' *Tango* Mizzi jissuġġerixxi li l-inevitabbiltà tal-mewt ġejja mill-fatt li aħna noqorbu lejn it-tmiem ma' kull involviment emozzjonali:

> Daqs il-mewt ikidd il-pjaċir
> li jivvampja fil-vini.

Il-pjaċir hu l-wetqa tan-natura umana u l-ħela tan-natura umana. Is-sens joqrob lejn l-idea li l-bniedem irid juża lilu nnifsu biex ikollu n-natura ta' bniedem u fil-proċess irid jaħli l-istess natura. Il-bniedem jikkonferma n-natura tiegħu billi jtemmha. Għalhekk «it-tango fih passju tal-ħajja mal-mewt». Il-ħajja hija sforz kontinwu lejn it-tmiem għax tirrealizza n-natura tal-ħlejqa partikulari. Bħal f' *Telfien*, hija konferma tal-mewt għax hi attiva:

> It-tango fih passju tal-ħajja mal-mewt,
> azzar ittemprat qed jinħema
> jintlewa trabokk.
> It-tango fih liwi ta' fraxxnu jitgħawweġ,
> jitbaskat f'nirien mingħajr tmiem.
> It-tango fih riħa ta' nċira tinħaraq,
> fih żliq fuq għadajjar tad-demm.

Il-proċess irripetut hu minn element ippreparat jew użat għal funzjoni (l-«azzar ittemprat», il-fraxxnu mitfugħ fin-nar, l-«inċira tinħaraq») sa tmiem irrelatat mal-funzjoni (it-«trabokk», «in-nirien mingħajr tmiem», iż-«żliq fuq għadajjar tad-demm»). L-element użat jissarraf f'qerda.

Bl-istess mod in-natura sesswali tal-bniedem hi assoċjata mal-qerda:

> It-tango korrida mal-barri tas-sess,
> bħal ponta li tidħol bil-mod
> bla ma toqtol.
> It-tango fih skoss x'ħin ix-xafra
> tkun waslet biex tinfed il-qalb.

Fir-ritmu ta' l-imħabba l-opposti jisfumaw f'xulxin. It-tifsira tal-mewt u t-tifsira tal-ħajja huma, f'livell ogħla ta' għarfien li jqis il-ħajja bħala ritmu u tkomplija, tifsira waħda. Iż-«żugraga», b'aċċenn għaċ-ċikli mgħaġġla ta' mħabba u mewt, hi l-karatteristika versatili ta' l-eżistenza:

> Fit-tango
> hemm żugraga qed tagħqad
> tisfuma fil-bjuda l-pjaċir ta' l-orgażmu
> ġo l-għaxwa tal-Mewt.

L-isforz biex il-bniedem jgħix hu tmiem kontinwu daqskemm tmiem aħħari. L-istess faxxinu bil-bidla, bl-esperjenzi ġodda u b'kulma jeċċita l-emozzjoni umana jissieħeb, f'mumenti, ma' l-għarfien inaljenabbli li dan l-involviment itemmna. L-apprensjoni mħallta mal-pjaċir f'*Tango* issir il-biża' minn kull tip ta' involviment f'*Individwalità*:

> Kull saħna ta' mħabbti
> bħal nar bati
> qed taħraqni u ttemmni.
>
> Kulma mmiss ma' ġildi
> bħal imħakka
> bil-qajla jonġorni
> sa jikolni sal-lbieba ta' ġewwa.

Kull għadab, kull qilla, kull għomma
bħal diżastru kimiku
fix-xejn idewwibni.

Ir-ripetizzjoni tat-terminu «kull», flimkien mal-fatt li l-elementi li jeqirdu huma ġewwiena (bħal «saħna ta' mħabbti») u esterjuri («kulma mmiss ma' ġildi»), joħolqu s-sens ta' mewt li mhux biss tiċċirkonda l-ħajja iżda li hi rrealizzata b'kulma jagħmel il-ħaj. Anki dak li jżomm lill-bniedem ħaj, jew li apparentament ibiegħdu mill-mewt, bħall-«ħobż», iżarma l-«ġewwieni nitfa nitfa». L-aspetti ġentili u sbieħ tal-ħajja, issuġġeriti bit-terminu «żiffa», ukoll jeqirdu.

Il-paradoss eżistenzjalist hu evidenti fit-trattament ta' Mizzi. Il-mewt, għal Heidegger, hi mod kif tkun għax il-bniedem jgħix lejha.[5] Fi kliem ieħor, l-integrazzjoni u n-natura umani ġejjin mill-possibbiltà tal-mewt li biha l-istess integrazzjoni u natura jiżżarmaw. Fil-poeżija l-mewt hi inaljenabbli għax ma hemmx mod kif taħrabha lejn il-ħajja ladarba l-ħajja nnifisha hi l-wetqa tagħha. L-argument dettaljat dwar l-attività li tressaq lejn it-tmiem iħalli l-impressjoni ironika li l-bniedem għandu jibża' mill-milja tal-ħajja għax din tfisser l-għaqda ta' l-opposti.

Il-viżjoni tista' twassal għax-xewqa li l-ħajja tingħax b'mod sħiħ bħalma jiġri f'*Mortalità*. Il-poeżija tixhed l-aċċettazzjoni tal-paradoss ta' mewt f'nofs ħajja enerġetika flok il-biża' mill-ħajja. Il-poeta jagħżel li jmut waqt tiġrib sħiħ tan-natura tiegħu u b'hekk jikkonferma l-għarfien tiegħu ta' ħajja li mhix definita daqskemm hi mġarrba bejn l-opposti. It-titlu nnifsu hu xhieda ta' l-aċċettazzjoni tal-kwalità transitorja tal-ħajja. L-għażla ta' tmiem għal għarrieda tagħti l-impressjoni li l-mortalità ma għandhiex tkun il-kwalità ta' ħajjitna li naħarbu, iżda

l-kwalità li nżommu quddiem għajnejna l-ħin kollu u f'kulma nagħmlu:

> Ħa mmut
> Pompejan
> mixgħul bil-lava,
> iffossilizzat fl-azzjoni,
> fil-ħolma qamrija tal-ħajja
> sfumata
> fid-dell ta' lilhinn.

Il-verb «iffossilizzat» iħalli t-tifsiriet opposti f'koeżistenza. It-tifsira ta' mewt u t-tifsira ta' azzjoni huma t-tnejn miżmuma fl-għażla adatta tal-verb u tal-kwalifika «Pompejan», għax din tindika t-tmiem ta' l-azzjoni u l-qbid ta' l-azzjoni f'mument li jibqa' dimostrattiv għal dejjem. Biex element ħaj isir fossila jrid imut u fl-istess waqt, b'kuntradizzjoni, irid jinżamm fi protezzjoni li tħallilu u ssaħħaħlu l-forma biex tibqa' indikazzjoni ta' tip ta' ħajja. Partijiet oħra mill-poeżija jippreżentaw il-ħajja maqbuda f'inerzja u x-xewqa biex il-paradoss inevitabbli jiġġarrab b'mod determinat: «Irrid immut fis-saħna tal-ġirja».

Anki f'din il-viżjoni hemm is-suġġeriment li l-ħajja hija stramba u eċċezzjonali fl-isfond ta' permanenza li tiġi bil-mewt. Il-fraġilità ta' l-isforzi tal-ħaj, ikkomparata mal-fossila li taqbad l-azzjoni bla attività, tippreżenta ħajja aċċidentali f'dimensjoni akbar ta' permanenza f'waqfien. L-azzjoni tibqa' ppreżentata bħala t-triq lejn il-waqfien u l-permanenza.

Għal Mizzi l-ħajja hi msejsa fuq illużjoni għax twiegħed «il-ġmiel» (*It-Tmiem*) bla ma tagħti indikazzjoni li l-kwalità tat-tiġrib hi mtaħħta mill-kwantità. Il-mewt f'*It-Tmiem* hi kkontemplata bħala stat aktar veru mill-

ingann tal-ħajja, waqt li l-ħajja hija l-istat falz li joffri «l-ward» u jġiegħel lill-bniedem jaħseb li s-sabiħ hu permanenti. Il-mewt, bħala l-istat aħħari li jwaqqaf il-paradoss ta' tama u falliment, hija t-«tluq» li jneħħi l-«illużjoni»:

Forsi t-tluq inissini
l-illużjoni
tal-ward li jitfarfar
irmied bejn is-swaba'
bil-gidba tal-ġmiel.

IL-MEWT BĦALA MATURITÀ

Il-mewt hi stat matur għal min iqisha bħala l-oppost tal-ħajja bla ma jidentifikaha mat-tmiem tal-ħajja. Il-paradoss kristjan ta' tmiem li jgħajjex u li joffri għarfien ġdid f'qagħda ġdida hu mistħarreġ f'*Pari Passu*. Il-mewt hi l-bidu ta' l-etern għax

. . . tisħaqna
fl-għabra safra
li ddakkar il-fjur
ta' l-etern.

Il-bnedmin huma «trapjantati» mhux meqruda, u d-«dimensjoni l-oħra» tagħti raġunament u relazzjoni soċjali ġodda. Il-persuni li fil-ħajja għandhom identità marbuta ma' livell soċjali u li huma meqjusa f'sistema ta' opposti u ta' differenzi, huma ugwali wara l-mewt. Flimkien, is-sens ta' mewt bħala dakkir ta' l-eternità u s-sens ta' differenzi soċjali nnewtralizzati, ipoġġu d-diffikultajiet u l-miżerji fil-ħajja. Hi l-ħajja temporali li toffri diffikultà f'tip ta' għajxien strutturat b'mod żbaljat u mhux il-mewt li tneħħi l-istruttura arbitrarja u tħalli l-għajxien.

Anki jekk il-mewt ma twassalx għal ħajja oħra, il-

viżjoni aktar matura ta' Mizzi tqis bħala tal-biża' mhux «il-baħħ» (*Tibżax*) daqskemm l-«agunija» fl-aħħar mumenti tal-ħajja. Il-ħajja hija s-sofferenza ta' resqien lejn tmiem f' *Tibżax*. Il-mewt hija l-kompletezza tal-bniedem fid-dimensjoni temporali u toffri l-possibbiltà li l-immaġinazzjoni timraħ fil-«mhux magħruf». F'dan is-sens il-mewt hi t-tmiem tal-ħajja u l-konfront mal-possibbiltà ta' ħajja infinita mqar bl-immaġinazzjoni. Waqt li l-mewt tista' tkun tmiem biss, il-fatt li tagħmilna konxji tax-«xefaq tal-baħħ» iġegħilna nkunu mistiċi u ninterpretaw il-vojt 'l hinn minnha b'xewqatna. It-tmiem hu stedina kontinwa biex il-bniedem iħares 'l hinn minn ħajtu.

It-tmiem tal-ħajja joħloq il-mistoqsijiet kollha dwar x'hemm wara. Il-mewt hija t-tmiem li jintroduċi s-sens ta' tkomplija jew li jitfa' l-ħsieb uman f'dimensjoni oħra waqt li jagħmel il-ħajja temporali kompluta. Il-mewt hi maturità fiżika u intellettwali għax tagħmel lill-bniedem komplut fit-tiġrib fiżiku u fl-istess waqt investigattiv. Il-kompletezza hi konferma tan-natura tiegħu ta' ħlejqa temporali u l-ħarsa 'l hinn tgħinu jwarrab l-istess dimensjoni permezz tat-tama. It-tama, għalkemm hija stat ironiku quddiem «il-baħħ mistur u għammieq» u kulma tagħti hu «miraġġ», hija aspett neċessarju tal-mortalità. It-tmiem tal-poeżija hu elaborazzjoni ta' l-argument tal-bidu: il-biża' mix-xejn jew mill-possibbiltà ma tagħmilx sens, il-biża' tista' tiġi applikata fuq esperjenza attwali jew fuq it-tiġrib fl-aħħar mumenti. Nistgħu mmorru 'l hinn minn dawn il-mumenti bit-tama, bil-mistoqsija jew b'sens ta' vojt.

F' *Paradoss* is-suġġeriment aħħari dwar tmiem li jeqred l-arroganza u l-kburija umani jagħti l-impressjoni li l-mewt hija l-qies tan-natura umana. Il-poeżija tindika li fil-paradoss bejn il-ħajja, jew l-enerġija u d-determi-

nazzjoni, u l-mewt, jew «il-bilanċ li jrieġi kollox», hemm in-natura u l-limitu umani. Mingħajr limitu n-natura umana ma tkunx definibbli għax ma jkollhiex proporzjon u forma, waqt li bil-limitu hi definita f'termini paradossali.

Dan jixhed li l-maturità li tibbilanċja s-suppervja u l-enerġija mhix il-ħarba mill-paradoss daqskemm it-tiġrib tiegħu. «Hubris» (l-arroganza) u «nemesis» (it-«taħsir» li jwaqqaf is-suppervja) huma stati opposti u neċessarji fin-nisġa tal-ħajja umana. «L-ideal (li) minn ħolma jsir realtà», l-«għalla» wieqfa, id-denb imtella' taż-żiemel u l-enerġija tal-funtana jagħtu l-impressjoni li l-ħajja hi tiġrib «ta' għors u ta' hena/bla tmiem». L-arroganza hi parti mill-enerġija tal-ħajja, u hi neċessità bħala forza inizzjali. Il-mewt, aktar milli sempliċiment teqred, tgħallem in-natura vera u sħiħa tal-ħajja temporali. Il-kuntrast jinħoloq permezz ta' għarfien aktar matur tal-ħwejjeġ madwar il-bniedem:

Imma d-duda tat-taħsir
titwieled mal-frotta.
It-tumur jiddakkar mill-arja
u ħabel l-arloġġ ma jistrieħx
iħoll
qabel l-aħħar tidwira
lejn il-bilanċ li jrieġi kollox.

Il-qerda hi ppreżentata b'mod li jissuġġerixxi li d-definizzjoni tal-ħajja hi żbaljata meta ma tinkludix il-mewt. Id-«duda tat-taħsir/titwieled mal-frotta» u mhux tidħol fil-frotta. It-«tumur» hu ġġenerat «mill-arja» jew mill-element essenzjali għall-ħajja. «Ħabel l-arloġġ» hu ppreżentat f'immaġni ta' oġġett li ma jiqafx («ma jistrieħx») biex b'hekk l-impressjoni maħluqa hi li t-tmiem tal-ħabel hu l-għan tal-ħabel. Il-kunċett ġenerali ta' tmiem

li hu parti intrinsika mill-enerġija tal-ħajja hu evidenti. Ma hemmx ħajja li tinqered daqskemm ħajja li tirnexxi permezz ta' paradoss bejn rieda u determinazzjoni fuq naħa, u żamma u qerda parzjali fuq l-oħra.

Meta l-bniedem ma jaħrabx il-paradoss il-mewt tirrisolvi kollox. F'*Simetrija* l-ħajja hija l-istat falz għax tippermetti «l-kompromess» u l-kumplikazzjonijiet li jirriżultaw minnu. Il-mewt hi t-tqegħid ta' kollox f'postu, il-firda distinta bejn ħwejjeġ li ma jingħaqdux u fl-istess waqt l-opportunità li l-bniedem jara ż-żewġ naħat ta' l-aspetti essenzjali tal-ħajja. Waqt li l-mewt ma tippermettix aktar kompromessi, bħal dak bejn it-tajjeb u l-ħażin, tħalli ż-żewġ naħat fl-għarfien uman b'mod li l-bniedem la jsib għaqda sempliċi u rraġunata, u lanqas ma hu agħmi għas-simetrija jew għas-sbuħija ta' l-opposti. L-għarfien tal-ħajja bħala simetrija, «quddiem il-mewt», jixhed li l-mewt tagħti nisġa ġdida u regulari lill-ħajja. Il-ħajja nnifisha toffri dehra falza tal-ħwejjeġ u tfixkel l-ordni veru. Il-mewt tgħin lill-bniedem f'ħidma li fil-ħajja hi diffiċli: f'li jagħraf fejn hi l-fruntiera bejn effett jew element u l-kontra tiegħu, u f'li jagħraf l-awtentiċità fid-differenza:

Quddiem il-mewt
kollox jirsolvi ruħu . . .
il-penombra ċċedi postha
għad-dawl fuq naħa
u d-dlam fuq l-oħra.
Jingħażlu l-lejl mill-jum . . .
is-sew mill-ħażin jingħażlu
u jaqa' l-kompromess faċli tal-kuxjenza.

Is-simetrija ma tippermettix il-kumdità li jista' jġib miegħu l-kompromess iżda xorta waħda għandha effett

fuq il-bniedem, din id-darba estetiku. Il-kompromess jindika funzjoni argumentattiva, waqt li s-simetrija hi fl-apprezzament ta' min jersaq lura u jara ż-żewġ naħat bla ma jħoss il-bżonn li jsib argument li jgħaqqadhom. Il-poeżija tissuġġerixxi li l-qagħda skomda «quddiem il-mewt» hi affaxxinanti wkoll: il-bniedem ma jimmanipulax aktar id-differenzi u jkollu jġarrabhom bħala tali, iżda wara kollox hu affaxxinat bl-ordni simetriku u awtentiku tal-paradossi tal-ħajja.

Is-similitudni ta' l-aħħar, li permezz tagħha l-mewt hi pparagunata ma' l-effett li tħalli l-immaġni ta' farfett, tixhed l-oriġinalità li r-riflessjoni dwar it-tmiem tista' toħloq. It-tmiem, f'dan l-eżempju, hu assoċjat ma' bidla mentali minn attitudni argumentattiva għal oħra li tara s-sabiħ ta' l-opposti bħala effett sħiħ. Il-mewt, mifhuma bħala viżjoni aktar matura, hija l-firda ta' l-opposti iżda mhix preferenza ta' naħa mill-opposti. Hija l-apprezzament ta' l-opposti fi ħdan totalità li s-sbuħija u s-sħuħija tagħha huma mġarrba biss b'ċediment tal-ħajja:

Bħal farfett tar-reġina
simetriku
tinfetaħ quddiemi l-mewt . . .
naħatek imtewma
bejn imgħoddi u ġejjien
bħal farfett simetriku
mixgħul bil-glorja
bit-tebgħat bħal għajnejn iċċassati
jissummaw u jixtarru
l-verità
tal-Ħaqq ta' Dejjem.

L-apprezzament tad-differenzi, l-aċċettazzjoni ta' l-opposti u t-twemmin li qrib il-mewt inwarrbu d-definizz-

joni sempliċi tal-ħajja huma rrelatati ma' l-identità tal-poeta f'*Epitaffju*. Mizzi jistqarr li l-mewt hi l-firxa tiegħu f'elementi oħra ħajjin jew naturali. Bħala identità l-persuna tintilef bil-mewt: dan hu evidenti mid-diversi definizzjonijiet tat-terminu «jien». Iżda l-firxa sustanzjali jew materjali fi ħwejjeġ oħra toħloq ambivalenza bejn nuqqas ta' eżistenza u eżistenza mifruxa, bejn tmiem u tkomplija f'qisien ġodda. Il-fatt li t-tebut ma jaqfilx lill-mejjet, l-istqarrija dwar it-telfien bħala x-xejn tax-xejn, u l-verb «jimmoltiplika» jindikaw il-kumplessità li l-mewt tista' toħloq f'kuxjenza temporali. Bħala l-firxa ta' l-individwu l-mewt tista' titqies in-nuqqas u l-moltiplikazzjoni tiegħu f'salt. Is-suġġeriment dwar essri li bil-mewt jerġa' jsib postijiet u parteċipazzjoni fil-ħolqien hu l-parti ċentrali tal-poeżija, u jimplika li t-tmiem ifisser dimensjoni akbar fl-istess ħajja. Il-bilanċ bejn il-preżenza u n-nuqqas ta' l-individwu wara l-mewt hu xhieda ta' l-inkonklużività ta' Mizzi f'din it-tema. In-nuqqas ta' viżjoni assolutista li tagħżel b'mod deċiż bejn tkomplija ta' ħajja u xejn hu xhieda ta' maturità li tiflaħ tara u tqis l-opposti:

Ebda sarkofagu
ma jaqfilni.
Jien li ngħix imferra'
fl-imrieħel tas-sħab . . .
Jien li ġismi jinfirex
bħal duwa
fit-tentakli tad-dielja,
u demmi jiħdar
fil-fotostasi ta' werqitha
bl-għargħar tax-xemx . . .

## IL-MEMORJA U L-MISTOQSIJA

Il-memorja tispikka fost fakultajiet mentali oħrajn meta

l-bniedem iġarrab in-nuqqas ta' xi ħadd, l-aktar meta l-persuna nieqsa kienet qrib. Hi l-kostituzzjoni ta' persuna fejn ma hemm ħadd, bit-trasferenza ta' mument (il-passat) fuq ieħor (il-preżent). It-tifkira tal-persuna nieqsa tnibbet il-mistoqsija dwar il-mewt, li tipprojettana lejn il-futur, għax hu faċli li naħsbu fuq l-inevitabbli f'ħajjitna fil-futur meta naraw li seħħ għal ħaddieħor. Il-memorja u l-mistoqsija, f'relazzjoni mat-tema tal-mewt, jistgħu jitqiesu bħala żewġ mumenti (il-passat u l-futur) li jmissu ma' xulxin fil-preżent. Il-bidla minn memorja għal mistoqsija hija bidla ta' persuni u bidla temporali (minn ħsieb dwar ħaddieħor u l-passat għal ħsieb dwar l-innifsi u l-futur).

Il-kuntrast bejn l-indirizz lill-missier mejjet u l-bqija tal-poeżija li tindika, b'diversi modi, tifkira u sinifikat li ddgħajfu, f'*Novembru 1976*, jiġbor fih id-diffikultà ta' kull fakra. L-«erba' kriżantemi» minflok it-tifla ż-żgħira li l-poeta majeħux iċ-ċimiterju, id-dettal li anki l-kriżantemi huma inutli għal min ma għandux għajnejn u r-raġuni vera għalfejn il-poeta jmur iċ-ċimiterju («ġibthomlok biex nissodisfa/il-kuxjenza li sawwarli/l-ambjent ċivilizzat») iħallu effett li jegħleb it-tifkira anki jekk it-tifkira hi hemm u hi msieħba bl-emozzjoni:

> u noħroġ bi xfar għajnejja miblula
> b'tifkirtek.

Il-versi kkwotati huma t-tmiem tas-sentenza dwar l-inutilità u s-superfiċjalità taż-żjara fiċ-ċimiterju. B'dal-mod l-emozzjoni ma tibqax il-konsegwenza ta' tifkira biss, iżda ssir tifkira f'kuntest superfiċjali. Dan it-tqegħid tal-ġenwin fl-artifiċjali hu parallel għat-tqegħid, permezz tal-memorja, tal-passat reali fi preżent li jirrikjedi

l-immaġinazzjoni biex iż-żjara ma tkunx konferma ta' «l-ambjent ċivilizzat» biss. Minħabba f'hekk ir-rabta mal-mejjet, anki jekk hi intima, hi msejsa fuq id-dubju:

Uliedi jimmirawli bis-serqa
u ma jifhmux x'niġu nagħmlu
naraw il-ħaxix
jisponta minn qabrek,
u jiena qajla naf xi jġibni,
u kultant naħsel . . .

L-isfumar f'xulxin tas-superfiċjali u tal-memorja ma jwassalx għal konklużjoni. B'mod meqjus u matur Mizzi jimraħ bejn il-fidi li ġejja mill-memorja u d-dubju li l-istess imġiba fl-użanza ta' Novembru toħloq. Il-vers li ma jintemmx għandu effett tremend għax bl-għajnuna tat-ton jipponta lejn nuqqas ta' fidi bla ma jasal hemm bil-kliem. Il-kuntrast bejn il-ħajja tielgħa fuq il-qabar («il-ħaxix/jisponta minn qabrek») u d-dubju («jiena qajla naf xi jġibni») ipoġġi lill-qarrej fil-qagħda skomda bejn ħajja u mewt, u jindika l-maturità ta' min lest iġarrab il-paradoss aktar milli jirrisolvih.

*Novembru 1976* għandha proċess ieħor barra dak minn tifkira għal mistoqsija, jew minn passat għal futur. Il-kliem magħżul jixhed proċess minn trattament partikulari tal-mewt ta' persuna waħda għal trattament universali. It-trattament universali jmur 'l hinn kemm mill-mewt tal-missier, kif ukoll mill-mewt futura tal-poeta, u jqis il-mewt innifisha maqtugħa miż-żmien. Waqt li l-ewwel strofa tibni x-xena fiċ-ċimiterju u l-paradoss bejn il-preżenza u l-assenza tal-missier, it-tieni u t-tielet strofi, relattivament qosra, huma kummenti ġenerali dwar il-fidi u l-emozzjoni. Il-poeta ma jirreferix aktar għalih innifsu biss, iżda għall-umanità u t-terminu

«issa» fit-tielet vers tat-tielet strofa jirreferi għall-attitudni umana inġenerali f'kuntrast ma' attitudni ġenerali ta' żmien ieħor:

Imma jekk anqas dad-daqsxejn ma jibqa'
għal min għax ħabbni stinka,
issa li twejnieha bħal maktur il-fidi
biex noħorġuha ma' l-għatis,

u d-dmugħ m'għadux moda
mal-fwieħa tal-*Pino Silvestre* ...

Ix-xebh bejn il-fidi u l-«maktur» li joħroġ «ma' l-għatis» jissuġġerixxi li l-ftit twemmin li fadal fl-esperjenza persunali tal-mewt ta' xi ħadd qrib, hi mitlufa fl-artifiċjalità tad-drawwa pubblika. Il-fidi f'ħajja oħra hi frott mit li jinżamm ħaj bid-drawwiet f'livell universali u hi frott esperjenza vaga ta' tama u ta' xettiċiżmu f'livell persunali. In-nuqqas ta' qbil bejn id-«dmugħ» u l-«*Pino Silvestre*» hu ripetizzjoni li tenfasizza l-istess superfiċjalità. L-esperjenza persunali tal-mewt, il-qagħda awtentika bejn memorja u mistoqsija, hi mitlufa fid-dimensjoni universali li fiha wieħed irid jaqbel mas-soċjetà u mal-preferenza tas-sabiħ. Is-soċjetà tesiġi ż-żjara fiċ-ċimiterju u r-rispett lejn il-mejjet f'Novembru, iżda s-sinifikat awtentiku tal-mewt hu mitluf minħabba li ż-żjara hi ttrattata bħal drawwiet u bżonnijiet superfiċjali oħra.

*Fil-Mewt ta' Hija Ċali* wkoll tippreżenta l-iżvilupp minn memorja għal mistoqsija. Ir-rabta intima bejn l-aħwa hi enfasizzata u x-xewqa tal-bidu, biex il-mejjet jingħata l-ħajja, imqar jekk din tfisser sofferenza fil-poeta, hi effettiva fil-ħolqien ta' l-istil eleġijaku. It-tiġrib fiżiku fl-aħħar mument qabel il-mewt huwa xhieda tad-dgħjufija umana. Il-persuna mejta ma wesgħetx «it-tifqigħa»

li hi akbar minnha u li seħħet fil-qalb. Il-mistoqsija nnifisha ma tintweġibx u tikkonsolida l-implikazzjoni ta' ħila umana fraġli quddiem il-mewt. It-tifsira (ta' dgħjufija fiżika) u l-istil (il-mistoqsija rettorika) it-tnejn jagħtu l-impressjoni ta' ħlejqa ċkejkna li trid taffaċċja forza akbar minnha u titlef:

> X'kienet it-tifqigħa akbar minnek
> li splodiet ġo qalbek
> u ma stajt tesagħha b'xejn?

Is-solitudni tal-poeta mhix ġejja min-nuqqas tal-persuna mejta biss, iżda wkoll mill-fatt li t-tifkiriet, li għandhom sinifikat meta jinqasmu bejn tnejn, huma mġarrba minn wieħed biss. L-effett paradossali li jħalli l-mejjet fuq il-memorja tal-ħaj hu mistħarreġ b'reqqa u b'konċiżjoni. Il-mewt ta' xi ħadd qrib tħalli lill-ħaj waħdu ma' memorja li l-ħin kollu tirrikjedi l-persuna mejta biex ikollha sinifikat:

> Imma issa ħallejtni waħdi
> mat-tifkiriet
> li jien u int biss nifhmu u niftakru.

Fil-fatt il-mewt ta' ħu l-poeta twassal biex it-tifkiriet ma jibqgħux l-istess tifkiriet. Ir-ripetizzjoni ta' l-istqarrija dwar x'ma jiftakrux iżjed il-poeta u l-mejjet, segwita dejjem minn tifkira, tindika li Mizzi mhux ifisser nuqqas ta' memorja daqskemm relazzjoni ġdida u solitarja mal-memorja. Meta l-qarrej isib it-tifkira wara l-istqarrija «ma niftakrux» jifhem li l-enfasi tan-negattiv mhix fuq il-memorja iżda fuq is-suġġett (i.e. l-ewwel persuna fil-plural). Fi kliem ieħor ir-ripetizzjoni ta' «ma niftakrux» tenfasizza l-fatt li l-memorja tinbidel għax hi mġarrba minn wieħed meta oriġinarjament kienet tifsira bejn tnejn.

Il-paradoss li ġġib magħha l-memorja jisfa f'mistoqsija ġenerali dwar il-mewt. Il-proċess mill-partikulari għall-universali jissieħeb mal-proċess minn trattament tal-passat permezz tal-memorja, għal trattament ta' dak li hu possibbli fil-ħajja ta' kull żagħżugħ: «Għaliex il-mewt bikrija?» Il-mistoqsija, bħala l-istqarrija li tibqa' ma tintweġibx, u allura li hi aktar konferma ta' stat ta' ruħ ansjuż milli tama fi spjegazzjoni, hi segwita minn sensiela ta' imperattivi. Dawn għandhom effett patetiku li jakkumpanja l-falliment tar-raġuni quddiem il-mewt:

Meta n-nida
tistrieħ fuq il-ħdura
tal-mansab fi sbiħ l-għodwa
kellimni Ċali!
Kellimni fejn int
bilqiegħda fuq il-ġebla
bil-kalamenti
tiġbed għal sidrek
ix-xbiek
biex fihom taqbad
ħodon kwiekeb mis-sema.

Il-proċess minn memorja, għal mistoqsija dwar il-ħajja wara l-mewt, sa tiġrib sħiħ tal-paradoss ta' preżenza-assenza jerġa' jinstab f'*Iz-Zija Rożina*. Il-permanenza ta' karattru attraenti tingħaqad ma' l-oppost tagħha, mal-ġisem mejjet, fit-tebut:

Niftakrek
saħansitra ġo tebutek:
xebba.

Is-sekwenza minn tifkira għal oħra, li fihom hi elaborata r-relazzjoni bejn il-poeta tifel u z-zija, tissarraf fil-mistoqsija li permezz tagħha Mizzi jfittex il-ħajja fil-

persuna mejta. Din in-nisġa tissuġġerixxi l-argument sħiħ f'mument: fil-mewt il-ġisem jinqered iżda l-valuri u l-memorji li ħalla warajh il-mejjet tant jibqgħu li jġiegħlu lill-ħaj jibqa' jfittixhom wara l-mewt. Naturalment, il-mument hu aktar emottiv milli razzjonali:

Tgħid għadek tiftakarha
l-aljotta ta' l-awwista
li qabad iz-ziju
u li int sajjart
fil-pagna tal-fuħħar?

F'waqtiet, bħal f'*Il-Ħsieb tal-Mewt* u fi *Trab*, tidher il-mistoqsija biss dwar il-mewt, għalkemm ikun żball jekk wieħed jaħseb li l-memorja mhix il-motivazzjoni warajha. Mhix koinċidenza li l-poeżiji li jippreżentaw mistoqsijiet aktar profondi, u qagħda mistagħġba quddiem il-paradoss tat-tmiem, jiġu aktar tard fil-poeżija ta' Mizzi. Hu l-iżvilupp ta' memorja, jew it-tbegħid millbidu u mit-tfulija, li jagħmel bniedem aktar konxju u aktar matur fil-konfront mat-tmiem. L-involviment serju fit-tema tal-mewt hu frott passat mimli tiġrib tal-mewt ta' ħaddieħor. Il-passat iġiegħel lill-bniedem iħares 'il quddiem ukoll, bħalma l-inevitabbiltà tal-mewt iġġiegħlu jħares lura biex bħallikieku jfittex x'jikkonferma li hu eżista b'mod sħiħ.

F'*Il-Ħsieb tal-Mewt* l-istqarrija rikorrenti dwar il-fatt li l-poeta hu lest biex imur għand il-Ħallieq hi f'kuntrast mal-mument preżenti meta jaffaċċja, verament, il-mewt. Id-differenza sottili hi bejn il-passat li fih il-mewt hi idealizzata u l-preżent li fih il-mewt tissarraf f'dubju. L-ewwel vers tat-tieni strofa, «imma issa», jibdel il-mument minn passat għal preżent u jindika l-qabża bejn il-bniedem li għadu bla tiġrib veru tal-mewt u l-bniedem

li jsofri «l-għaraq tad-demm». Ir-referenza ċara għal Kristu tixhed l-awtentiċità u l-inevitabbiltà tal-mistoqsija dwar il-mewt. Id-dubju u l-biża' ma għandhomx ikunu l-eċċezzjoni fl-attitudni umana quddiem il-mewt ladarba huma fil-mudell nisrani.

*Trab* tiġbor fiha d-diversi aspetti fit-tema tal-mewt u tagħlaq bl-inċertezza fl-għażla bejn il-mewt bħala tkomplija u l-mewt bħala tmiem. It-trab nieżel fuq kollox hu analoġija adatta għall-argument ta' Mizzi dwar ħajja fil-mewt. L-għażla ta' l-element tinkludi l-persistenza li hi fin-natura tat-trab. Bħalma t-trab hu kullimkien, jinżel bilmod, ma jiqafx, u jgħatti kollox il-mewt tiċċirkonda l-ħajja. Il-karatteristika tas-silenzju (it-trab jinżel fi «tħaddina muta siekta bil-lajma») hi allużjoni għall-aljenazzjoni li l-bniedem attiv u mimli ħajja għandu mill-mewt.

Fl-aħħar strofa x-xebh bejn il-bniedem u l-«fossili ngastati/fil-wisa' u fiż-żmien» jorbot il-preżenza persistenti ta' fdal mill-ħajja temporali mal-kundizzjonali: «nistennew jekk hemm, il-qawmien». L-inċertezza hi rripetuta, din id-darba bl-immaġni simbolika taż-żerriegħa. B'dan il-mod il-bilanċ eżistenzjalista bejn il-possibbiltà ta' tkomplija u x-xejn, bejn it-tama u l-biża' li din hi fiergħa, hu miżmum:

bħaż-żrieragħ ġo l-art . . .
irxiexa nistennew
li taħjina
minn fomm it-trombi ħabbara
nistennew,
jekk hemm,
qawmien.

NOTI

1. Heidegger ma jisseparax il-mewt mill-ħajja. Ma jarax il-mewt maqtugħa għaliha, jew bħala tmiem ta' ħajja li hi l-oppost tagħha. Għalih il-ħajja diġà tiġbor fiha l-mewt bħala parti mid-definizzjoni tagħha. Allura flok ħajja u mewt hemm qagħda waħda sħiħa li hi ħajja-lejn-mewt. Ara J. Macquarrie, *Existentialism – An Introduction, Guide and Assessment*, New York, Corpus Instrumentorum, Inc., 1972, p. 185.
2. *Ibid.*, pp. 196–7.
3. *Ibid.*
4. R. Skelton, *Poetic Truth*, London, Heinemann, 1978, p. 76.
5. Il-mewt hi t-tmiem tal-ħajja umana. Il-ħajja umana hi sħiħa meta l-bniedem imut. Qabel ma bniedem imut ma jistax ikun komplut għax id-definizzjoni ta' ħlejqa temporali għadha mhix irrealizzata. Din id-definizzjoni tingħata lill-bniedem mill-bidu għax jista' jmut f'kull waqt. In-natura sħiħa tal-bniedem hi integrata meta jmut u l-bniedem ikun awtentiku meta jagħraf il-possibbiltà ta' din il-kompletezza f'kull mument. Ara R. Waterhouse, *A Heidegger Critique*, Great Britain, The Harvester Press Ltd., 1981, p. 96.

# L-Arti fin-Natura

L-idea li l-artist jixbah in-natura hija mistħarrġa f'diversi waqtiet. Il-paragun metaforiku bejn in-natura u l-artist, jew bejn in-natura u x-xogħol artistiku, jibda mill-ewwel poeżija. *Arizona* hi fl-ewwel persuna u l-metafora tad-deżert hi estiża sa l-aħħar vers. Il-poeta hu d-deżert jew il-bidla naturali minn «baħħ etern» u «għatx» matul il-jum għall-«ħolma ta' serħ u poeżija» matul il-lejl. It-transizzjoni mill-għodwa għal-lejl ta' melodija u ta' poeżija hija parallela għat-transizzjoni mill-fażi ta' sofferenza bla produzzjoni għall-fażi produttiva fil-poeta. Id-deżert mhux mument wieħed biss, iżda hu d-differenza li tinħoloq bejn żewġ ħinijiet kuntrastanti sakemm l-«għanja tinsilet». L-implikazzjoni hi li ma jistax ikun hemm «għanja» bla ma jkun hemm iż-żewġ mumenti: is-sofferenza u l-waqt produttiv li joriġina minnha.

L-istess transizzjoni tinstab f'*Burraxka*. Il-paragun man-natura din id-darba jelabora l-aspett espluživ ta' l-artist. Bħalma l-elementi naturali jiġbru fihom qilla li hi mrażżna sakemm tiżbroffa f'qawwa apparenti u affaxxinanti, hekk ukoll il-poeta jisfoga «fir-ritmi tar-ragħad». F'dan is-sens il-poeta hu mistagħġeb bin-natura għax fiha jara t-tiġrib tiegħu ta' bniedem aktar sensittiv. Il-poeta ma jikkupjax in-natura iżda jwettaq fih l-istess forzi u proċessi li hemm fiha. Il-poeżija tinstab fin-natura

u l-poeta hu dak li jirrealizza natura universali f'versi partikulari għax jaqbad l-istess ritmu u proċess essenzjali:

O qilla tal-ħolqien
li tfittex ix-xaba' mir-rażan!
O qawwa miġmugħa!

O poeta ta' l-univers
li tisfoga
fir-ritmi tar-ragħad!

It-tqarrib lejn xulxin tal-poeta u tal-«qilla tal-ħolqien», li hi «qawwa miġmugħa», jixhed li l-poeta hu mifhum bħala bniedem li jrid jirrestrinġi lilu nnifsu sal-waqt produttiv. In-natura u l-poeżija huma t-tnejn imsejsa fuq proċess ta' restrizzjoni u żbruffar. L-isfog, kemm naturali kif ukoll poetiku, jindika proċess ta' rażan sa qawwa li b'xi mod trid tiġi espressa. L-uġigħ, kemm fin-natura kif ukoll fil-poeta, hu l-preludju tas-sabiħ naturali u tar-«rebħa/ tar-ruħ» fil-poeta. Il-konċentrazzjoni ta' l-enerġija tisfa f'valur estetiku u dan jindika li għal Mizzi l-poeta mhux il-bniedem li jara s-sabiħ u jimitah, iżda l-bniedem li hu eqreb l-uġigħ primordjali u r-ritmu li hemm fin-natura. Għalhekk hu tant faċli li r-ruħ issib ix-xbihat naturali biex turi l-qagħda tagħha:

Int taf kemm hi sabiħa
il-paċi ta' wara burraxka tar-ruħ,
li tara qawsalla li tħażżeż ir-rebħa
tar-ruħ bħal rummiena xpakkata
bl-uġigħ.

Hu evidenti li l-poeta, ladarba hu sensittiv min-natura tiegħu, ma jistax jevita l-uġigħ u l-iżbruffar li jsegwi. Is-sabiħ mhux imfittex daqskemm hu r-riżultat ta' dan il-proċess inevitabbli. Il-poeta jsofri aktar minħabba s-sensittività tiegħu u hu awtomatikament eqreb in-natura

minħabba s-sofferenza. Is-sofferenza fin-natura hi dejjem produttiva. L-«uġigħ» hu t-triq lejn is-sabiħ u t-tajjeb («rummiena xpakkata»).

F'din il-koinċidenza bejn il-poeżija u n-natura l-poeta jifhem ukoll li l-kelma għandha seħer fuq il-ħajja. Aktar mill-pittur u mill-iskultur, il-poeta hu l-bniedem li ma jħaddimx l-għodda biss iżda li hu kapaċi jitfa' «fwiħat il-ħajja» (*Ars Artium*) f'iżmna differenti wkoll. Iż-żmenijiet, f'idejn il-poeta, ma jiqfux. It-terminu «jiddakkru», f'*Ars Artium*, jissuġġerixxi li iżmna differenti huma mogħtija l-ħajja bil-poeżija, waqt li t-terminu «fwiħat» iżomm is-sinifikat senswali u pożittiv ta' l-istess ħajja. Il-poeta jaf is-sigriet tan-natura, jista' jimxi miegħu u jadottah, u jista' jimmanipula l-forza tal-ħajja direttament minħabba f'dan. Il-poeżija tapplika l-karatteristiċi naturali fuq iż-żmien, jew timponi n-natura fuq l-astratt:

Mhux bħal pittur li jislet waqt mill-ħajja
fuq tila mejta,
jew bħal skultur li jwaqqaf ġmiel ċaqlieqa
f'irħama ċassa.
Fi kliemi
l-iżmna jiddakkru bi fwiħat il-ħajja.

*Ispirazzjoni* tixhed kif in-natura hija misteru profond li jikkoinċidi mas-subkonxju. Il-waqt ta' ispirazzjoni hu l-mument meta poeta u natura jitwaħħdu mhux għax ta' l-ewwel jipprova jikkopja l-proċess naturali, iżda għax fil-fond tas-sbuħija u tan-nisġa kumplessa tan-natura jsib il-ħsieb l-aktar profond tiegħu. In-natura nnifisha ma tinftihemx meta elementi minnha jiġu mistħarrġa bħala apparenza, tinftiehem meta l-ħarsa poetika tippenetra d-dehra b'mod li l-essenzjali fiha u fil-bniedem jitwaħħdu:

Lili agħtini l-ħolm tal-qiegħ kaħlani
il-qiegħ nofs dawl tas-subkoxjent
fejn minn ġot-tafal
titwieled bħal ħolma l-madreperla
u r-rikkieba ta' l-abbiss
jgħumu fuq żwiemel tal-fosfru.

Il-ħolma u l-qiegħ tal-baħar huma identiċi sakemm l-attenzjoni ma tinbidilx. Il-qiegħ, fejn il-proċessi naturali jseħħu f'kumbinazzjoni ordinata u kompluta, hu f'kuntrast mal-wiċċ, fejn il-ħolma hi mitlufa u fejn in-nisġa naturali tisfa f'partijiet isseparati. Il-korrelazzjoni bejn il-ħolma msaħħra fuq naħa u n-natura sħiħa fuq l-oħra hi evidenti. Daqstant ieħor hi evidenti l-korrelazzjoni kuntrarja bejn it-telfa tal-ħolma u ż-żarmar tax-xena naturali:

Iżda meta mid-dlam ta' qiegħ il-moħħ
titla' fil-wiċċ il-ħolma
itir is-seħer bħal werqa rmied
li tisfa skeletru fil-fewġa.

Id-dinja naturali hi mitlufa meta mhix apprezzata mill-intelliġenza umana. Għalkemm il-poeta hu l-individwu li b'sensibilità ifjen jersaq eqreb l-essenzjali fin-natura, il-bniedem, b'mod ġenerali, hu l-kuxjenza tal-ħolqien. F'*Dinjiet Mitlufa* s-suġġeriment li d-dinja naturali mhix meraviljuża u hi inutli bla kuxjenza umana, jixhed twemmin f'totalità li hi magħmula minn bniedem u dinja. Mizzi jissuġġerixxi li n-natura hi arti lesta waqt li kull bniedem hu sa ċertu punt artist li jiskopriha, għax kull bniedem hu kuxjenza tal-ħolqien. Il-poeta, f'dan is-sens, hu biss bniedem aktar konxju tas-setgħa meraviljuża tal-ħolqien. In-natura għandha l-meravilji sakemm hemm ħlejqa li tapprezzahom u tesprimihom. Il-bniedem hu artist għax «jilqa' bħal djamant id-dawl tal-ġmiel/u jsaħħru bid-dijiet tal-fantasija».

Bejn poeta u natura hemm rabta intima: in-natura tiġbor fiha forma artistika, u l-poeta jintebaħ li dil-forma hi l-*leit motif*, jew ix-xbiha rikorrenti, tiegħu. *Leit Motif* tagħti mill-inqas żewġ dettalji siewja. L-ewwel, li l-artist mhux innovattiv daqskemm hu wieħed li jiskopri l-essenzjali u l-primordjali madwaru. Hu oriġinali fis-sens li jerġa' jmur għall-oriġini fin-natura. It-tieni, li jsegwi fuq dan, li l-bniedem ma joħloqx studji («ġjometrija») u oqsma ta' l-arti («arkitettura») ġodda, iżda jsibhom meta jagħraf aspetti naturali (bħall-vini tal-werqa). Hekk l-opra ta' l-arti diġà tinstab fi ħwejjeġ naturali l-aktar żgħar li fihom jinstabu anki l-karatteristiċi ta' movimenti artistiċi partikulari. L-opri l-kbar tal-bniedem huma diġà mwettqa fl-aktar ħwejjeġ komuni fin-natura:

Fil-bizzilla tal-vini midmuma
l-arkitettura stajt nara tal-gotiku
elf xewka merfugħa fuq rifda maġġura.
Tertuqa li ssaffi d-dawl aħdar
bħal tieqa tal-ħġieġ f'katidral.

In-natura, f'dan it-trattament, issir il-punt komuni bejn Alla li ħoloq kollox, li hu l-aqwa artist u li jista' jagħti l-ispirazzjoni; il-poeta li jista' jipparteċipa fil-ħolqien billi jqawwi t-tiġrib sensorju tan-natura; u l-ħajja. Iċ-ċokon tal-poeta hu kkonfermat bil-fatt li n-natura hi «miraklu jiġġedded kuljum» (*Holm*) għalih. Il-bniedem ma jifhemx il-misteru tas-«sebħ» f'*Holm*, iżda xorta jipparteċipa fih. Ir-riżultat hu ta' «poemi, poemi u poemi». Il-bżonn kontinwu biex il-poeta jkun fiżikament viċin il-ħwejjeġ naturali, u biex iġarrabhom senswalment, jindika kif f'din it-tema d-distanza bejn bniedem u natura tfisser falliment ta' ħolm. L-ispirazzjoni ġejja minn Alla iżda l-bażi tal-komunikazzjoni bejn il-ħallieq u l-bniedem hi n-

natura. In-natura hi l-kapulavur imwettaq li l-bniedem hu parti minnu u hi l-ambaxxatriċi ta' Alla bl-ispirazzjoni divina. Huwa ċar li l-arti mhix gost b'forma iżda parteċipazzjoni diretta fil-ħolqien ladarba l-kreazzjoni hi l-att artistiku bażiku u oriġinali.

L-«ilma safi» tal-«meraq ħalliemi» li hu «bħall-bħur mill-ewkaliptu» jżomm ir-rabta bejn it-tiġrib fiżiku u l-intervent spiritwali. Id-dawl ta' l-għodwa, sinjal rikorrenti tal-preżenza ta' Alla, u l-«blanzun» tal-ħsieb, jixhdu kif ir-relazzjoni bejn Alla u l-poeta tinftiehem f'termini naturali.

F'waqtiet l-għaqda bejn iċ-ċirkustanza naturali u l-ispirazzjoni tant isseħħ b'mod sħiħ li x-xbiha naturali u t-tiġrib poetiku jsiru deskrizzjoni ta' proċess wieħed. Il-firxa, il-ġentilezza u l-produttività tal-waqt ispirat f' *Waqt Mixgħul* huma implikati mix-xena naturali. L-effett hu l-impressjoni li l-poeżija hi esperjenza fiżika daqskemm mentali, li wieħed jista' jara l-ispirazzjoni fi proċess naturali li jsir tiġrib poetiku. Ix-xena f'*Waqt Mixgħul* hi kompatta. Il-baħar hu f'ngħas il-poeta, u meta jaqa' fl-«ilmijiet» jinfirex f'biċċiet bħalma tagħmel«ċappa borra bajda». Il-produttività ta' din il-waqgħa hi ssuġġerita meta waqt li «jinħall u jilma» l-qamar «inixxi l-madreperla». Din ix-xena ta' firxa ta' element artab hija adatta għax tagħti l-impressjoni li l-ħsieb poetiku hu illuminazzjoni ġentili li tinfirex b'mod fiżiku u tipproduċi. L-effett aħħari hu l-ħolqien tal-poeżija:

Imtela l-baħar ta' ngħasi
u x-xtajtiet imgħargħra sfaw bil-frak fiddien
jiddi bil-poeżija.

*Korda* toffri effett simili permezz tal-koordinazzjoni

bejn in-natura u s-sensittività umana. Il-ġewwieni hu msarraf f'mistoqsijiet dwar il-kobor tan-natura, b'mod li s-sensittività u l-parteċipazzjoni f'misteru tremend isiru l-istess esperjenza. Finalment ix-xbiha naturali (ix-«xmajjar ċarċara») tiddeskrivi stat ta' ruħ («jinfduni/ niżlin jgħammduni»), u tixhed kif in-natura hi espressjoni kontinwa ta' dak kollu li hemm fil-bniedem. Anki jekk il-poeta ma jafx «il-qamar fejn jibda» u «fejn jibda l-baħar», l-esperjenza nnifisha ta' dawn il-mistoqsijiet isseħħ f'ruħ li tipparteċipa fil-ħolqien. Imqar permezz tal-mistoqsijiet, ir-ruħ hi t-tiġrib ta' l-ambjent naturali. Il-«korda» tisfa reżonanza fir-ruħ fl-istess waqt li għandha sehem f'misteru.

Mill-eżempji msemmija wieħed jista' jasal f'konklużjonijiet interessanti. Il-poeta, bħala l-bniedem eqreb l-essenzjalità tal-ħwejjeġ madwaru, u bħala kuxjenza rraffinata li tagħraf similarità bejn in-nisġa subkonxja tagħha u n-nisġa tal-ħolqien, hu l-individwu li jista' jkollu sehem fil-miraklu dejjiemi. L-arti mhix magħmula minn forom arbitrarji. Hi korrelazzjoni bejn il-forom li Alla sejjes il-ħolqien fuqhom u s-subkonxju uman li jitla' fil-wiċċ bil-ħila poetika. Il-poeta ma jifhemx għalkemm għandu d-don ta' din il-parteċipazzjoni fil-miraklu tal-ħolqien, iżda xorta jġarrab l-effetti tal-miraklu. Hu joħloq fuq l-istess linja tal-ħolqien innifsu jew isegwi l-pjan divin, u jara n-nisġa moħbija li tiddetermina kull forma artistika anki jekk ma jifhemx għalfejn hi kif inhi. B'mod ġenerali l-poeta hu l-individwu aktar konxju tal-fatt li hu diġà qiegħed f'kapulavur.

Bħalma n-natura tidħol fil-kuxjenza umana b'nisġa elementari, is-sensittività umana, permezz ta' l-empatija, tinstab fin-natura. L-alwett bil-«mota/titriegħed» u l-«lelluxa» li tolfoq, f' *Għalija*, huma diwi ta' romantiċiżmu li jsib l-umanità sħiħa f'natura mhix mittiefsa. L-għażla

mhix tan-natura biss, iżda ta' l-aspetti sensittivi u espressivi tagħha. Flimkien ma' l-eżempji ta' qabel, din il-poeżija tindika li l-uman u n-natura jisfumaw f'xulxin għax l-uman ifittex lilu nnifsu fin-natura madwaru, u għax in-natura tesprimi lilha nnifisha bil-kuxjenza umana. Mill-ġdid, in-natura hi wkoll il-medjatriċi bejn il-bniedem u Alla. Fiha hemm is-sinifikat veru ta' ħallieq. Il-bniedem joqrob lejn Alla meta joqrob lejn ħwejjeġ naturali f'kuntrast ma' l-«inċens», id-«damask sewdien» u t-«tberfil bid-deheb».

L-ispirazzjoni hi għalhekk il-mument li fih jingħaqdu Alla, in-natura u l-bniedem. Alla jibqa' l-misteru li diversi simboli jippuntaw lejh. In-natura hi l-għajn li minnha jiġu x-xbihat ta' ħwejjeġ primordjali u l-espressjonijiet awtentiċi msejsa fuqhom. Il-bniedem hu l-ħlejqa li fis-subkonxju hi viċin in-natura u l-espressjoni tagħha, u allura viċin Alla. *...U Kull Kewkba ... Xemx* torbot it-tliet elementi ta' l-argument. Il-poeta jġarrab il-«waħma tas-seħer» mill-bogħod u jinżel għarkobbtejh. L-għarfien li s-siegħa u l-post huma qaddisa daqskemm misterjużi hu evidenti. Iżda f'salt il-qarrej jagħraf li qiegħed fis-subkonxju tal-poeta daqskemm f'għalqa. Il-faxxinu bis-seħer tal-misteru universali hu wkoll faxxinu bis-subkonxju u bin-natura. It-tliet elementi jsawru kuxjenza waħda:

U fil-lejl ta' rqadi,
fin-ngħas ta' ħolmti
ma rajt xejn
ħlief lellux jixxejjer mal-fewġa,
żigużajgi ta' xmux
jorbitaw ġo xulxin bħal miġnuna
mixħuta fix-xejn minn xi ħadd
f'burdata ta' xaba'
bla qies.

Hija konsegwenza ta' dan ir-raġunament li l- elementi naturali jifhmu lill-bniedem fil-waqtiet profondi tiegħu. F' *Wens* is-solitudni u l-abbandun huma l-kawża ta' diskors max-xitel u ta' fehma min-natura («merqtu jifhimni»). Apparti l-ispirazzjoni, in-natura toffri wens. Ix-xewqat umani jtiru «mal-qtajjiet/ta' l-alwett». Il-bniedem hu abbandunat iżda hu wkoll ħlejqa li ssib postha f'natura tremenda li tifhimha. Forsi hu għalhekk li *Fl-Aħħar* tippreżenta mhux biss il-qrubija bejn poeta, natura u Alla f'kuntest ta' miraklu, iżda tindika wkoll li t-tmiem talproduzzjoni poetika jisfa f'ċediment ta' ritmu u ta' forza naturali lura lin-natura. In-natura hi l-bażi ta' l-arti għax fiha hemm polz li hu l-istess polz tal-bniedem, u meta tintemm il-poeżija l-polz jintalab lura:

Meta aktar poeżiji ma jifdallix
biex nikteb,
inżarrat l-arterja
mnejn jaħarbu dad-dwieb imjassrin
li jtektku ġo ngħasi,
ħa jixwu l-art, ivvampjati
dawn l-ilsna tad-demm.

F'dan is-sens xejn ma jista' jkun mitluf mill-arti. L-arti hi diġà fil-ħolqien. Hi forza vaga u tremenda li tieħu diversi forom, fosthom il-poeżija. Il-qrubija bejn l-arti u l-forza tal-ħajja hi evidenti minn eżempji bħal dawn. Il-poeżija hija riżultat, fost riżultati oħrajn, ta' forza tremenda ta' ħajja. L-allużjoni għall-mewt tindika li l-poeta nnifsu mhux poeta b'għażla iżda huwa riżultat ta' l-istess forza. It-tmiem tal-poeżija hu t-tmiem tal-poeta iżda mhux it-tmiem tal-ħajja li ħadet il-forma tagħhom momentarjament.

Il-forza naturali tant toqrob lejn il-produzzjoni ta' l-artist li jista' jkun hemm waqtiet meta l-element naturali

(bħall-ħoss taż-żunżan f'*Żunżan*) u l-forma artistika (il-mużika) jitilfu d-distinzjoni ta' bejniethom:

> Dan żunżan
> jew vjolinċell ta' Pablo Casals,
> qed jingħi t-tnaħniħa.
>
> *(Żunżan)*

In-natura titkellem f'qalb il-poeti, issaffihom bl-«ilmijiet ta' l-għejun» (*Poeti*) u tagħmilhom profeti:

> Ġewwa qalbna jreddnilna b'għanjietu l-verdun
> isaffuna bil-bħur l-imsaġar safjin
> jaħsluna l-ilmijiet ta' l-għejun.
>
> Aħna nixorbu d-demm sħun
> ħaxix iswed nieklu
> u noħorġu bil-qorq u l-għasluġ
> inħabbru l-eklissi
> tal-qarnita mqabbda mas-smewwiet
> bit-tentakli tal-beraq u r-ragħad.
>
> *(Poeti)*

In-natura tgħallem is-sempliċità u l-umiltà («noħorġu bil-qorq u l-għasluġ») u min jiddependi fuqha jkollu l-qawwa jħabbar il-qilla tagħha. Il-poeta, bħala l-magħżul li jersaq eqreb il-proċessi tagħha, hu l-bniedem li ma jiddistingwix aktar bejn l-espressjoni tiegħu u l-azzjoni tan-natura. Bħalma f'*Żunżan* iż-żanżin u l-vjolinċell huma possibbiltajiet ekwivalenti ta' att wieħed ta' perċezzjoni, f'*Poeti* l-espressjoni poetika (u profetika) u l-azzjoni naturali wkoll jingħaqdu. Fiż-żewġ eżempji l-azzjoni naturali u l-arti jsiru l-istess espressjoni.

F'*Enthousiastes* hu mistqarr li l-poeta jinħakem mill-marda tittieħed ta' l-entużjażmu b'mod determinat mid-dehra naturali. Għal darba oħra l-ħolma ta' l-artist hi diġà fil-qalba tan-natura tant li l-«bizzilla ġjometrika ta' lewn

verdemar/li ħolom Tintoretto» hi «fl-abbissi muti jonfru/ dwawar tar-ragħwa». In-natura taħkem lill-artist b'forma espressiva lesta, tibdel l-istat fih għal ġo wieħed inqas kalm, u ġġiegħlu jġarrab il-forza vulkanika tagħha permezz tal-ħolm u ta' l-entużjażmu:

U għal min hu poeta
m'hemmx għajr dawl il-qamar
mgħarbel fi qxur ametisti
ħiex l-imxija jtik ta' l-entużjażmu
li jaħkmek
u ma tesgħux.

F'waqtiet, bħal f'*Bebbuxu* u f'*Ġirasol*, in-natura hi aktar awtentika mill-ħsieb, jew mill-ħolm, uman. Dan jixhed kif waqt li l-bniedem jista' jitlef ir-rabta ma' l-essenzjali, in-natura, bħala forma artistika dejjem lesta, ma tistax. Il-bniedem li jitlef l-essenzjali hu l-individwu li jinqabad fir-rutina ta' kuljum u li jippreokkupa ruħu bi ħwejjeġ żgħar bħal f'*Bebbuxu* («U ħalli lili niffolla/għall-ħobż ta' kuljum»), jew l-individwu li

jonxor fl-għodwa
l-investa għarqana
bil-bżieq
ta' ħolm impossibbli.
*(Ġirasol)*

In-natura tibqa' tippartecipa fl-awtentiku kontinwament, toffri direzzjoni dejjiema lejn il-veru u l-meraviljuż, u, minħabba li fil-qalba tagħha hemm il-bażi tan-nisġa tal-ħolqien, la tista' tintilef f'rutina u lanqas tippreżenta l-impossibbli. Fuq kollox in-natura għandha l-qies perfett tal-possibbli u ta' l-awtentiku bla ma taħseb, waqt li l-bniedem jista' ma jilħaqx l-awtentiku jew jisboq il-possibbli minħabba li jaħseb. Anki jekk ma taħsibx, il-ġirasol iddur

lejn ix-xemx bla waqfien u x-xemx «tixgħelha minn ġewwa/ bil-ħolm ta' dijitha». F'*Bebbuxu*l-ħlejqa hi «f'meditazzjoni/ tal-fidda» permezz ta' l-azzjoni kontinwa tagħha («Liegħeb ħolmtok matutin») u mhux bil-ħsieb.

L-azzjoni tal-bebbuxu hi fiha nnifisha meditazzjoni, u tal-ġirasol hi illuminazzjoni ġewwiena. Fiż-żewġ każi l-imġiba rripetuta tisfa mill-ewwel f'effett spiritwali anki jekk ma hemmx ħsieb. L-imġiba impulsiva tan-natura tieħu post ir-raġunament u l-ħolm umani. L-istess effett naturali, flimkien ma' nuqqas ta' kontemplazzjoni, jinstab f'*Ġiraffa*. Il-kumplessità ta' l-«għanqbuta 'nviżibbli» li tagħmel il-ġiraffa ma tiġix minn pjan maħsub iżda minn imġiba sempliċi li l-annimal jiret. Is-sempliċi fin-natura hu, għal darba oħra, ikkumplikat u meraviljuż fil-ħsieb uman. B'konsegwenza l-uman hu l-kuxjenza li tagħraf il-profondità ta' dak kollu li n-natura tagħmel bla ħsieb. Bejn bniedem u natura ma hemmx differenza ta' kontenut, iżda ta' l-ewwel għandu l-fakultà jara u jifli l-meravilja tal-ħolm li n-natura tipparteċipa fih b'imġiba:

U b'rasha qisha msella tawwalija
bil-ħajta tal-ħolm
tinseġ ġos-siġra
għanqbuta 'nviżibbli
bla taf għala.
Għax għajnejn kollhom ħolm
għandha l-ġiraffa
li titrejjaq mill-qċaċet,
mill-qċaċet għoljin
bla taf għala.

F'*L-Għanja Tiegħi* l-poeżija mhix «taqbila bellusija» jew versifikazzjoni b'rima faċli. Lanqas ma hi «kadenza mtappna/fuq kitarra faċli/ġitana» jew eżerċizzju metriku u melodjuż. Il-poeżija hi

tlegħib
ta' bebbuxu li jonqox
bi tbatija żonqrija
tul miljuni ta' snin
katidrali tar-rakkmu
weqfin
fil-korall
bil-kampnari bħal sfafar gotiċi
ta' l-orgni . . .
kandilabri
jivvibraw
bil-flawtati perpetwi
ta' dan l-eżilju
tar-ruħ.

Id-diffikultà indikata minn «tbatija żonqrija», l-iperbola taż-żmien («tul miljuni ta' snin»), u l-kumplessità ssuġġerita bil-vers «katidrali tar-rakkmu» jixhdu kif il-produzzjoni artistika mhix eżerċizzju faċli u sseħħ fin-natura minn jeddha. It-tliet elementi identifikati flimkien huma l-poeżija, in-natura u r-ruħ tal-poeta. In-natura toffri l-aħjar xbiha tal-produzzjoni artistika għax fiha hemm kumplessità u diffikultà li jinstabu fil-ġewwieni tal-poeta. Barra minn hekk in-natura hi universali fl-essenzjalità ta' dak li twettaq. Il-bebbuxu, il-ħlejqa partikulari li tipproduċi forma artistika, hu 'l hinn mill-konfini tal-ġeneri artistiċi: it-tlegħib tiegħu hu pparagunat mal-poeżija u wara ma' arkitettura li tisfa mużika. L-iċken azzjoni tan-natura hija ġenerali biżżejjed fil-forma tagħha biex tinkludi diversi ġeneri artistiċi f'salt.

Min-naħa tiegħu l-poeta hu l-bniedem li jrid ipoġġi n-natura fil-kliem u fl-istess waqt jesterna l-ħsus ġewwiena. Ladarba n-natura hi diġà l-ġewwieni tiegħu, għax fin-nisġa tagħha taqbel mar-ruħ umana, il-poeta hu l-bniedem speċjali li jrid ilaqqa' fil-kliem il-profondità tas-sempliċità

apparenti tan-natura u l-ħsus ġewwiena. Iż-żewġ aspetti jistgħu jitqiesu bħala bżonn wieħed, il-bżonn li l-bniedem isib lilu nnifsu f'natura li teħtieġ kliemu biex tiġi esebita:

iseħħli kultant
numanizza fi kliemi
l-ħolqien ta' madwari
u l-ħsus profondi ta' l-intern
inlaħħamhom
fl-oġġett.

*(Lehma)*

Il-kixfa ta' l-univers issir il-kixfa tan-natura umana. F'*Holma* l-istqarrija li l-poeta ma jixba' qatt ilaħħam isseħer tal-ħajja tispiċċa fl-istqarrija dwar kif jiffoka «l-għaġeb/tal-Bniedem fl-Univers/u l-Univers fil-Bniedem». Il-poeta hu l-persuna li ssib in-nisġa essenzjali ta' kollox. It-tlaħħim tas-«seħer/tal-ħajja» hu awtomatikament l-identifikazzjoni ta' bniedem u univers, ta' ġewwa u barra, ta' ħsus u natura. In-natura hija dejjem f'forma artistika li tintiseġ mill-ħlejjaq bla ma jafu l-profondità ta' dak li wettqu. Il-poeta hu l-ispettatur emottiv li jagħraf kif dak li tagħmel in-natura u dak li jfassal hu bl-ispirazzjoni huma l-istess nisġa misterjuża. Alla jibqa' l-artist ewlieni li «fassal l-Univers» *(Brimba)* u li fih jingħaqdu l-azzjoni naturali u l-għarfien dwar x'inhu jseħħ. F'dan is-sens dak li jwettaq Alla bħala l-ewwel artist jinqasam fi tnejn: f'natura attiva li toħloq opri ta' l-arti bla taf għala, u fi bniedem konxju li jipproduċi x-xogħol artistiku u jagħraf kif dan diġà jeżisti fin-natura. Fi *Brimba* n-natura tirripeti l-pjan ta' Alla, il-poeta hu l-essri li japprezza l-perfezzjoni artistika u Alla hu l-artist li beda kollox:

Kif Alla
qabel fassal l-Univers
indaga bl-għajnejn
ġewwiena
t-tifsila
tal-baħħ etern
hekk tagħmel il-brimba żebbieġa
li tkejjel b'rotella misterjuża
l-irkejjen
sa l-ibgħad itruf.
U bħal perit tqejjes l-ispazju
bid-diwi inviżibbli
ta' ġometrija.
L-għanqbuta tifforma bis-sarsi
raġġiera biċ-ċentru perfett
gravitali.
Ebda angolu m'hu anqas mill-ieħor.
Poligoni ssarraġ jitriegħdu fil-baħħ.

F'din il-koeżistenza ta' kuxjenza umana, proċessi naturali u divinità assoluta, il-bniedem hu l-fittiex li qatt ma jista' jkun sodisfatt b'mod sħiħ. Kemm f'*La Noche Oscura*, kif ukoll f'*Għatx*, il-bniedem ifittex l-essenzjali fin-natura, fost ħwejjeġ oħrajn, u ma jsibux. F'*La Noche Oscura* x-xebh kontinwu ma' sponża jindika l-istat nieqes tal-bniedem fittiex. Li t-tiftixa hi għal «sigriet l-ispazju» u għall-«ispirtu ta' l-art» jindika l-qrubija bejn l-essenzjali, in-natura u t-tiftixa umana.

Mill-ġdid, f'*Għatx* it-tiftixa għall-essenzjali hija oriġinarjament tiftixa fin-natura mill-bniedem primittiv. Il-primittiv hu wkoll ġol-bniedem avvanzat, u huwa hu li jindika kif in-natura hi l-ambjent oriġinali li fih għandna neżerċitaw tiftixa għal tifsira. Il-bniedem hu kkaratterizzat bil-bżonn ta' tifsira waqt li n-natura turi l-ħin kollu pjan li rnexxa u timplika tifsira moħbija:

Diġà kont ġarrabtu dan l-għatx
meta ġo l-imsaġar
bħal għafrid żfint għarwien
b'rix l-għasafar tropikali,
u bl-arzell midmum madwar għonqi.
U fil-beraq u r-ragħad
fittixt it-tifsira . . .
fil-kaskati ta' l-iġbla . . .
fin-nirien ta' l-imsaġar
fil-qamar u x-xemx.

# Is-Setgħa tal-Ħajja fin-Natura

In-natura taffaxxina lil Mizzi għax barra milli għandha forma artistika, hija f'għajnejh forza interminabbli ta' ħajja. Wieħed jifhem li għall-bniedem kulma hu temporali bħalu, u fl-istess waqt interminabbli fl-essenzjalità tiegħu, se jiġi meqjus mill-qrib. Ix-xbiha komuni ta' natura li sempliċiment tibdel il-forma tagħha quddiem it-tmiem turi li Mizzi jagħraf fin-natura s-setgħa ta' affront serju mal-mewt. In-natura hija strateġija ta' bidla, hija enerġija misterjuża li kapaċi tneħħi d-distinzjoni bejn il-forom tagħha biex tevita t-tmiem. Il-poeta jagħraf li hu parti minn din l-istrateġija u li l-proċess sħiħ ta' ħajja li tirriġenera lilha nnifisha jfisser li hu huwa karnazzjoni momentarja, forma strateġika, sakemm jerġa' jinġabar min-natura li taf il-pjan sħiħ. Fis-sezzjoni dwar l-arti fin-natura hu indikat kif l-uman jagħraf li s-subkonxju tiegħu diġà jeżisti f'natura universali. Dan jixhed li b'mod ġenerali n-natura ta' Mizzi mhix kaos li jrid jiġi ordinat mill-uman, iżda hi nisġa tremenda li f'mument tasal fil-forma umana u tippermetti li dil-forma tapprezza l-istrateġija.

*Aeterna Mens* hija poeżija bikrija li tittratta t-tema b'mod elaborat. Il-moħħ hu mfaħħar meta jidher «miż-rugħ fiż-żmien bikri/ġo l-iċken protoplażma». Il-ħajja «kkargata/bil-qawwa maħżuna ġo fiha» tibda bil-moħħ bħala wieħed mill-proġetti tagħha. Il-miraklu tal-ħolqien

hu pjan divin bl-għan ta' wasla fil-moħħ. Iżda l-moħħ hu diġà fil-passi ewlenin tan-natura, bħala ħsieb li permezz tiegħu kull forma ta' ħajja taf x'għandha tagħmel:

Il-moħħ li jittawwal bħal qamar ġol-bir
tiegħu nnifsu u jdawwal id-dalma li tidwi.
Dak il-moħħ li jġiegħel il-ħmira
mitt elf darba titkattar
u lejn ix-xemx idawwar il-warda.
Dak il-moħħ li jibni dwar bebbuxu qoxortu qawwija;
bih id-dielja subgħajha xxeblek biex titla'.
Dak il-moħħ li jkabbar kull sena l-ħaxix
dejjem tari taħt is-snien tal-ħrief.

Hu diffiċli jingħaraf jekk il-moħħ imsemmi hux ħsieb biss, jew hux il-moħħ aħħari (uman) li permezz ta' forom naturali qiegħed jifforma ruħu f'evoluzzjoni sħiħa. L-anàfora bil-frażi «dak il-moħħ» tissuġġerixxi wkoll moħħ assolut li b'xi mod hu lest qabel il-wetqa konkreta tiegħu. Hemm ukoll allużjoni sottili għall-moħħ ta' essri infinit, jew ta' ħallieq li diġà jara t-tmiem. L-ambigwità f'dan il-każ tippermetti diversi assoċjazzjonijiet.[1] Jidher, kemm mill-kwotazzjoni ta' fuq, kif ukoll minn dik li ssegwi, li d-distinzjoni bejn bniedem u evoluzzjoni sħiħa tal-forom tal-ħajja hija insinifikanti:

Qamet il-ħajja minn ġox-xejn;
minn sensiela ta' ħlejqiet il-bniedem ħareġ.
Mill-amoeba tala' l-moħħ, mill-ħuta li ttir
mill-bhima fuq erba' saqajn, mill-gurilla.
U meta stenbaħ ħares lura
u nesa kemm twila kienet il-mixja li terraq.

It-terminu «stenbaħ» jiddefinixxi l-wasla tal-bniedem mhux bħala wasla tal-moħħ, iżda bħala qawmien tal-moħħ. Il-ħila ta' Mizzi tidher f'argument li jsir delikat

b'għażla eżatta ta' kliem: il-bniedem hu forma fost oħrajn li fiha l-moħħ jistenbaħ, iħares lura lejn l-evoluzzjoni tiegħu, u jinsa t-tul tat-triq u x'għamel fiha. Il-mit ta' Prometju hu biss stħajjil, jew twemmin falz li bih il-bniedem jipprova jifhem lilu nnifsu fi sfond ta' ġrajja akbar minsija. Il-moħħ hu essri astratt li jevita t-tmiem sa ma jasal f'kuxjenza jew f'għarfien uman, iżda dan l-għarfien jaħseb li l-moħħ beda miegħu u joħloq ġrajja biex jispjega dan.

F'*Dinjiet Mitlufa*, bħal f'diversi poeżiji li fihom il-bniedem hu l-ħlejqa li tagħraf id-disinn artistiku u meraviljuż tan-natura, in-natura mhix kompluta mingħajr l-għaqda ta' evoluzzjoni u moħħ. L-evoluzzjoni hi l-wetqa, u l-moħħ hu l-kuxjenza tagħha. Flimkien huma t-totalità tal-ħolqien. Il-kreazzjoni mhix forza bla ħsieb, u l-ħsieb mhux maqtugħ mill-forza li tħaddnu u żżommu ħaj. F'Mizzi l-ħolqien hu dejjem realtà sħiħa li twettaq u tapprezza l-kumplessità ta' dak li wettqet. Il-bniedem iħares lejn din il-forza bħala parti inseparabbli minnha.

Il-viżjoni tirrikjedi li n-natura, għalkemm irrealizzata f'diversi forom, titqies bħala forza waħda. *L-Għanja tal-Ħajja* tippreżenta kemm id-diversità formali kif ukoll il-forza essenzjali li tiddependi fuqha. Il-poeta, il-bniedem li min-natura tiegħu hu qrib l-istrateġija u n-nisġa tal-ħolqien, jgħanni l-kobor tan-natura li jinstab fi ħlejjaq partikulari. Hu jgħanni «l-weġgħa ta' l-għaxwa tal-ħajja/li tibki bil-ferħ ta' l-għajxien» minħabba l-«qawwa moħbija» li hemm fil-ħolqien u l-fatt li l-«ħolqien b'demm wieħed issensel». L-għana ssegwi tliet fatti: l-uġigħ kuntent li ġġarrab in-natura bħala ħajja, il-forza tal-ħajja li tibqa' misteru u l-essenzjalità waħdanija («demm wieħed») ta' dil-forza. Il-faxxinu ewlieni tal-poeta, u r-raġuni

primarja għall-ispirazzjoni tiegħu, huma s-setgħa interminabbli li l-ħajja għandha f'li tavvanza bil-forom tagħha, f'li timxi bil-qies u bl-ordni, u f'li timmanuvra kontra t-tmiem. Din is-setgħa hija sfida kontinwa li ma tinftihemx għalkemm tidher il-ħin kollu:

Ġeġwiġija l-għagħa jinstama' tal-ħajja mqarba.
Bħal twerdin ta' tnabar imbiegħda
l-ilħna tal-vulkani li jolfqu
mat-tqaħqiħa tajn jaqbad.
Ġol-widien jokorbu ċ-ċarċari mitlufa bħal ninfi
ġod-daħna tar-raxx.
Fuq niggieża tal-blat il-baħar jintilef
f'għaxwa ta' sadiżmu jfexfex.
Hemm qilla moħbija bħal xprun li żżattat il-ħlejjaq.
L-imħawwel bħal ħolma mit-tira jittawwal
u jogħla 'l fuq 'il fuq.
Is-swaba' sewdiena taz-zkuk jgħargħxu l-arja
għall-fosfru tas-sajjetti mikluba.
Il-ħaxix żieni jgħatti kullimkien
sa l-ibgħad nitfiet.
Kemm jitgħaqqdu l-għeruq imbaċċna taż-żebbuġ
bħal kobri ta' qilla bla serħan!
X'inhuma jfittxu bla waqfien jitqallbu ġo ngħashom
u mal-ħaġar niedi jingħorku?

Wara ftit din id-diversità tingħaqad f'forza waħda:

Qawwa xħiħa hemm f'ġuf l-art li tħaddan kollox
magħha.
Wiċċ il-baħar 'l isfel tross
u l-ħawħa li taqa' misjura.
Imma l-ħajja tisfida.
Minn ġol-mewt ta' l-art, minn ġol-ħama
mill-intiena tal-weraq imqadded
zokk dritt jitla'.

F'waqtiet bħal dawn l-istqarrija poetika tersaq qrib

il-panteiżmu għax diversi attributi ta' Alla jixirfu fin-natura.[2] In-natura hi misterjuża, infinita u għajn ta' ispirazzjoni. Fuq kollox il-bniedem għandu ġibda lejha għax bħala proċess li fih jiġbor lill-uman hi l-oriġini tiegħu u l-forza li se tilqgħu lura. Is-suġġeriment kontinwu ta' natura li tinbidel jindika wkoll li l-forma tagħha għandha diversi possibbiltajiet futuri miftuħa, li mhix preżent definibbli daqskemm tħollija ta' forma għal oħra li għadha se sseħħ. Anki jekk Alla jibqa' finalment essri sseparat bħala l-ħallieq tan-natura, id-distinzjoni bejn it-tnejn, bejn l-eżistenza assoluta ta' ħallieq u n-natura indefinibbli u potenti, hija żgħira. It-tqarrib lejn xulxin tal-kawża u ta' l-effett, kultant l-inklużjoni tal-kawża fl-effett, huma karatteristiċi tal-poeżija dwar in-natura. It-tiġdid, bħala eżempju, huwa intenzjoni ta' natura li tgħajjex lilha nnifisha:

> Bħal murtal imlewwen li jitla' b'tifqigħa
> kuruna f'kuruna jitwassa',
> tiġdid ifittxu l-ħlejjaq, tkabbir fil-medda tal-ħajja
> biex fit-tnissil tal-wild jiġġeddu.

Eżempju ieħor ta' l-istess qrubija bejn Alla, il-forza intensa li minħabba d-diversi forom tagħha hi indefinibbli, u s-sens ta' totalità waħda, hu *Il-Kantiku tad-Demm*. L-enfasi fuq il-firxa tad-demm, bħala simbolu ta' ħajja, tinkludi wkoll il-kunċett ta' ordni universali li jseħħ bla loġika. Għal darba oħra l-ħsieb hu entità astratta li tħalli effett bla ma tidher. In-natura hija l-għażla spontanja tad-direzzjoni t-tajba bla raġunament, jew hi l-wetqa ta' pjan bla riflessjoni. Id-demm «ma fihx loġika» iżda x-xebh mal-kokka u l-fatt li din issib direzzjoni fid-dlam huma suġġeriment kuntrarju qawwi wisq biex jiġi injorat:

Ma fihx loġika d-demm,
id-demm bħal kokka
li ssib triqitha fid-dlam.

Fuq kollox l-istess forza tgħaqqad «l-imgħoddi u li ġej». Termini u frażijiet bħal «intensità», «inħoss il-waqt», «grillu kkargat», «immansati», «berqa għammiexa» u «jitnaffru», jagħtu impressjoni ġenerali ta' forza li ma tistax tiġi eżawrita, u li tissospendi l-użu ta' l-enerġija sal-waqt kruċjali meta hi nnifisha teħtieġ espressjoni f'forma ta' tkomplija ta' ħajja. «L-imgħoddi u li ġej» jingħaqdu għax il-forza tal-ħajja mhix intensità biss, hi intensità li taf iġġemma' lilha nnifisha biex tinbidel f'estensjoni temporali.

Il-personifikazzjoni rikorrenti tan-natura, flimkien mar-ripetizzjoni ta' l-idea li l-ħolqien hu «qawwa miġmugħa» (*Burraxka*), jixhdu l-viżjoni ġenerali ta' forza vulkanika. Il-forza nnifisha ġejja mis-«sagrifiċċju ta' mħabba għall-ħolqien» (*Qawmien*) li jwettaq il-ħallieq, iżda mbagħad titmexxa min-natura, li taf il-waqt regulari u kruċjali meta għandha tibdel id-diġenerazzjoni f' *Qawmien*:

Qawwa setgħana hemm fil-ħolqien
li twarrab in-ngħas f'tiġdid ta' qawmien.

Il-«mażżra», jew l-enerġija fi tmiemha, tittella' millqawwa tan-natura. L-indikazzjoni li dan iseħħ f'tul ta' żmien («kienet ilha l-mażżra tielgħa») turi li n-natura hi oppożizzjoni bikrija u kontinwa għat-tmiem. Din l-immedjatezza naturali tesponi l-involviment tal-ħolqien kollu kontra l-waqfien:

Kienet ilha l-mażżra tielgħa
u mal-mażżra tala' d-demm f'ġewnaħ il-bilbla
u mal-mażżra l-meraq

li jbexxaq f'titwiba t-tulipan.
It-trumbetti tal-għodwa
id-dlam mid-dawl joforqu,
id-dija mid-dell,
il-ħajja mill-mewt
f'tiġdid.

Anki l-aktar elementi żgħar u insinifikanti għandhom is-sehem tagħhom fil-qawmien perpetwu. L-«isfida ġdida» tal-ħaxix, f'*Ħaxix*, hija parteċipazzjoni f'qawmien ġenerali li jseħħ ma' l-għodwa. Il-paralleliżmu bejn il-qawmien tal-ħaxix u l-qawmien ta' aspetti naturali oħra f'poeżiji oħrajn, jikkontribwixxi għall-idea li n-natura hi sfida fuq kull front u f'kull livell. Jista' jingħad li l-forom tal-ħajja, żgħar kemm huma, qegħdin hemm għax huma parti utli mill-istrateġija:

Ma' dirgħajn ix-xmara
li fit-tul jitbewsu
jistenbaħ il-ħaxix.
Fix-xmara ħduritu tarija jbaħbaħ
mill-ħruq tax-xmux mgħoddija,
mill-moħqrija ta' saqajn il-gidien.
Mill-għeja tat-trab iqum sultan
u jixħet sfida ġdida f'wiċċ il-ħajja.

Is-silta ma tippreżentax il-ħaxix biss, iżda tifrex l-attenzjoni fuq sensiela ta' effetti bejn il-ħaxix u l-ambjent immedjat. Waqt li l-ħdura trid tgħix, trid issib postha fi struttura akbar li tinkludi elementi oħra naturali. Dawn l-elementi, bħax-xemx u l-gidien, joffru huma stess xkiel għall-għajxien. Is-sens ta' vulnerabbiltà hu bbilanċjat bil-fatt li b'xi mod, wara diversi effetti kuntrarji, il-ħaxix xorta «jixħet sfida ġdida». B'dan il-mod iż-żewġ forzi, ta' qerda u ta' sopravivenza, huma ppreżentati f'parti min-natura li tista' tidher żgħira iżda li bil-

mod tagħha xorta twettaq l-istess misteru tremend. Għalkemm il-qerda tidher kompluta minħabba d-diversi elementi kontra l-ħaxix, fil-fatt is-sopravivenza tirrikjedi biss li b'mod regulari l-ħaxix iqum minn raqda, kif jissuġġerixxi l-verb «jistenbaħ». Mizzi jsib ekwilibriju bejn id-diversi elementi li jheddu l-ħajja, u l-forza misterjuża ta' tiġdid, li għalkemm f'forma ċkejkna xorta tirnexxi bl-istess qawwa.

F'*Bettieħa* l-frotta għandha sinifikat simili. Għalkemm il-poeżija hi kontemplazzjoni dwar il-mewt u wara, it-tmiem hu treġġigħ lura fil-qalba tan-natura. Fil-bettieħa jinstabu t-tiġdid u l-infinità. Element naturali ċkejken hu wkoll simbolu ta' dimensjoni universali b'diversi argumenti assoċjati miegħu: bħala post ġdid għall-mejjet il-bettieħa tinbidel f'għarfien sħiħ dwar il-ħallieq; hija viżjoni ta' l-«għeġubijiet» jew tan-nisġa universali tal-ħolqien; u hija possibbiltà infinita ta' ħajja. Bħal f'poeżiji oħrajn, l-element naturali jgħaqqad fih l-opposti: it-tmiem u l-ħajja, bħaċ-ċokon u l-kobor, jitwaħħdu fil-bettieħa. Hu meta l-fehma umana terġa' ssir parti min-natura, permezz tal-mewt, li l-bniedem jakkwista għarfien assolut.

Is-setgħa miġbura f'element żgħir li jirreferi għan-nisġa tal-ħolqien hi implikata wkoll fl-aħħar strofa ta' *Qronfla*. «Il-qronfla m'hix qronfla» jew mhix forma partikulari għalkemm tidher hekk. L-istedina tal-bidu hija biex il-bniedem ma jintilifx fl-osservazzjoni ta' sbuħija momentarja li tista' ttellef mill-għarfien ta' infinità: «Tintilifx tikkontempla/il-waqt ta' ftuħ qronfla f'qasrija». Il-mument isir «xejn għajr tifkira» u l-meravilja ta' dan il-falliment temporanju hi l-fatt li l-«waqt qed jirxoxta mill-ġdid». Il-preferenza tal-proċess flok ta' l-apparen-

za, ta' l-infinità tal-forza naturali flok tal-wetqa momentarja, tisfa fl-għarfien ta' miraklu li jseħħ kuljum flok f'apprezzament ta' sbuħija li tiġi u tmur. Finalment il-qronfla tissarraf f'esperjenza ta' sens (ix-xamm) inqas żviluppat mis-sens tal-ħars, u s-sensazzjoni la tintemm u lanqas ma tibqa' effett tal-qronfla bħala forma naturali partikulari. L-impreċiżjoni tat-tiġrib sensorju («fwiħat»), l-indefinitezza tal-post («pulmun il-ħolqien») u l-infinità ta' l-effett («mingħajr hedu») jissuġġerixxu essenzjalità naturali li hi omnipreżenti, infinita u indefinibbli:

U l-qronfla m'hix qronfla
imma nifs ta' fwiħat mingħajr hedu
titniffes f'pulmun il-ħolqien.

Bħalma ntqal fit-taqsima dwar l-arti fin-natura, poeżiji bħal *Bebbuxu* u *Ġirasol*, jixhdu li hu l-bniedem, aktar milli natura li tidher bla ħsieb, li jista' jitlef id-direzzjoni l-vera. In-natura hija diġà universali. Fil-mod kif twettaq il-bżonnijiet tagħha b'immedjatezza u b'użu għaqli ta' enerġija, hija eqreb l-essenzjali mill-ħsieb uman li barra milli jittratta l-apparenti biss jista' jintilef fil-preokkupazzjonijiet jumija u f'idealiżmu kompletament maqtugħ mir-realtà. Bħal f'*Paradoss*, it-«taħsir» innifsu mhux qerda tan-natura daqskemm bilanċ ladarba n-natura tqis il-waqt ta' kollox. L-impressjoni ġenerali ta' natura li tassimila fiha kulma jseħħ, u ssib mezzi u metodi ta' tkomplija fl-isfond ta' theddida kontinwa ta' tmiem, hija evidenti. Waqt li l-mewt tiċċirkonda l-ħajja, u hija inevitabbli, in-natura hija strateġija li ma tiqafx mill-konfront tagħha mal-qerda. Iż-żewġ temi ma humiex f'kuntradizzjoni daqskemm huma żewġ aspetti ta' qagħda waħda f'bilanċ delikat. Kulma hu ħaj

hu kkundannat għall-mewt u jgħix fil-mewt bħala tmiem inevitabbli. Iżda fl-istess waqt kull bidla, kull ċediment ta' forma għal oħra, hija tkomplija. F'dan is-sens irrealtajiet ta' mewt u ta' ħajja mhux biss jersqu lejn definizzjoni waħda, iżda huma wkoll il-bażi ta' xulxin. Il-ħajja tista' tiġi meqjusa biss f'termini temporali, il-mewt hija possibbiltà ta'riġenerazzjoni.

Għalhekk, waqt li l-mewt tiddetermina t-tul tal-ħajja partikulari, xorta waħda tibqa' teżisti l-forza misterjuża li permezz tal-mewt stess tintiret u tiġma' fiha ħajja ġdida flimkien ma' karatteristiċi essenzjali. Kif hu indikat f'*Ġenetika* dan iseħħ anki fin-natura umana bħala parti mill-ħolqien. L-«ittra bomba/tal-ħin/li tisplodi fik» tiġbor fiha «d-difetti ta' razztek» flimkien mal-fatt li la titwieled trid tmut.

F'dan is-sens il-ħajja ma tevitax il-mewt ta' l-individwu, iżda għallinqas tista' taħdem pjan ta' tkomplija bil-ħin, b'wirt ġenetiku u anki b'kunsiderazzjoni ta' mewt inevitabbli. Hu għalhekk ukoll li n-natura ma tistax issib il-«mistrieħ» (*Passa*). Id-djalettika bejn mewt inevitabbli u natura stratega tesiġi ċaqliq kontinwu. Il-mewt hija d-destin, in-natura hi pjan ta' forza, ħin u manuvri b'elementi partikulari li jobdu l-pjan bla jafu għalfejn:

Imma liema arloġġ jaf l-għasfur
li wasal żmien il-passa
biex bħal ruħ żganċjata
iparti minn dinja għal oħra . . .
ifittex il-mistrieħ
li dejjem joħlom
u qatt ma jsib?

*(Passa)*

F'*Is-Sess tal-Fjuri* l-faxxinu bl-abbundanza, bil-kulur, bir-riħa u b'aspetti oħra ta' natura veġetali u kollha kemm hi sesswali, jinkludi fih il-mistoqsija ċentrali tattema: għalfejn dan il-«kumplott»? Il-mistoqsija hi parti mill-faxxinu għax minnu nnifsu l-istat ta' bniedem meraviljat jitlob spjegazzjoni dwar dak li jaffettwah. Waqt li fis-«serra tropikali» l-ħajja tkompli f'abbundanza bl-«orġja sesswali», il-bniedem hu l-kuxjenza li tista' tidħol tissindika u ssir, minħabba f'hekk, «artist naif». Il-mistoqsija rettorika aktar tikkonferma din il-qagħda ta' natura li twettaq u tgħajjex, u bniedem li jaraha, milli tasal fi tweġiba:

Ja essri veġetali.
Għiduli x'inhu dal-kumplott . . . dan l-istupru bla ħtija
biex jissokta bla waqfien
it-trijonf
taż-żerriegħa tenaċi?

Matul il-poeżija l-għaqda bejn l-imħabba bħala forza vjolenti, u l-imħabba bħala forza għajjiexa, tissuġġerixxi li n-natura ma tinqabadx f'definizzjoni waħda u sempliċi. Dak li fid-dinja umana hu skandlu, jew insulenti, hu sesswalità u fertilità ħielsa fid-dinja naturali. Il-bniedem li jiddefinixxi ma jifhemx il-prattika taddinja naturali li taġixxi. Ir-riflessjoni li tistabbilixxi regoli morali u ċivili hija, f'dan is-sens, l-impożizzjoni ta' razzjonalità fuq dinja li diġà għandha kollox iseħħ bil-loġika tagħha. U, f'linja mal-ħsieb ta' Rousseau, Mizzi jagħti l-prijorità lid-dinja naturali li taf tesebixxi suċċess bl-imġiba selvaġġa tagħha.[3] Ir-resqien lejn kunċetti romantiċi bażiċi hu evidenti. Forsi hu diffiċli li poeta ma jmissx mal-kredu romantiku meta jittratta n-natura, minħabba l-iżvilupp sħiħ tat-tema fil-moviment.

Osservazzjoni sempliċi tal-ħoss tixhed kif Mizzi jgħin iċ-ċaħda tas-suġġeriment ta' skandlu bi ħsejjes rotob (bħal «ħ» u «f») f'alliterazzjoni. Waqt li s-sesswalità bla rażan hija suġġett iktar kontroversjali meta meqjusa fl-imġiba umana, l-istess forza impulsiva u agressiva tissarraf f'qari ewfoniku meta hija d-deskrizzjoni tad-dinja veġetali u ta' l-insetti:

> Logħba karnivaleska din
> li tittenna
> tul il-millennji.
> Hawn m'hawnx skandlu
> għall-moralisti.
> Hawn biss tfarfir ta' friefet idakkru
> u tħannin ta' naħal.
> Hawn serenità ta' fibra veġetali
> tħarħar ħormana
> għat-tkattir.

Il-bilanċ bejn l-effett ewfoniku u l-effett karnivalesk tal-kuluri, bejn it-tul tal-ġrajja («il-millennji») u l-imġiba momentarja tal-friefet u tan-naħal (it-terminu «biss» jissuġġerixxi s-sempliċità ta' din l-imġiba), u bejn is-«serenità» u l-qawwa impulsiva, jenfasizza misteru tremend f'dimensjoni insinifikanti. In-natura għandha kapaċità doppja: il-kapaċità li twettaq miraklu ta' tkomplija u l-kapaċità li dan tagħmlu fiċ-ċokon u bla espressjoni verbali.

*Il-Balluta* tippreżenta l-istess bilanċ f'xena daqstant fantastika. Il-balluta ma tista' tlissen xejn dwar il-ġmiel tal-ħolqien. Minħabba f'hekk hi «miskina» u għandha fiha «dawl qamri» li hu bati kkomparat mal-ħila ta' kuxjenza li tara l-ħolqien u tesprimi ruħha dwaru. Iżda dan ma jfissirx li s-siġra mhix «xewqana għal milja tal-ħajja/li trid u ma tafx». Mill-ġdid il-forma naturali par-

tikulari ma tifhemx in-nisġa kollha tal-ħolqien, iżda tipparteċipa fiha permezz tal-parti tagħha u b'rieda determinata. Il-balluta hi xewqana wkoll «għas-setgħa ta' l-għaġeb/li tifhem, li tħoss u li tħobb». Il-versi jixhdu kif l-impuls biex is-siġra tifrex l-għarfien tagħha, u ġġarrab id-dimensjoni akbar tal-ħolqien bl-imħabba, hu forza intrinsika. Is-senswalità ssuġġerita bil-figura ta' Dafni sservi biex ix-xena sħiħa tirrappreżenta ġibda fiżika lejn il-bqija tal-ħolqien.[4] F'dan kull forma ta' ħajja hi falliment, bħalma Dafni qatt ma toħroġ kompletament missiġra, iżda l-forza nnifisha tiggarantixxi t-tkomplija tal-ħolqien.

In-natura, f'waqtiet bħal dawn, tidher forza interminabbli rrealizzata f'forom li ma jistgħux jittraxxendu l-partikularità u allura t-temporalità tagħhom, anki waqt li jħossu li b'xi mod huma parti minn qawwa universali. Hekk il-balluta hi distinzjoni (siġra) b'nuqqas ta' distinzjoni (forza universali). Fiha tispikka l-forza li ġġegħilha tfittex 'l hinn mil-limiti tal-forma tagħha u li inevitabbilment tispiċċa f'konferma tal-forma tagħha. Hija din id-dilemma, ta'essri li fl-istess waqt hu limitu u universalità, jew forma distinta u forza indefinita, li tagħti l-karatteristika modernista lit-tema romantika. Għax waqt li b'mod ġenerali r-romantiċiżmu ra fin-natura proċess mill-partikulari għall-universali, f'*Il-Balluta*, bħala eżempju, il-proċess isir djalettika inkonkluživa. In-natura sservi ta' spunt għal mistoqsija serja: kif jista' jinżamm proċess tremend b'forom distinti u relattivament żgħar?

Għalkemm il-mistoqsija ma tintweġibx, Mizzi xorta jagħraf fin-natura paradossali u indefinibbli t-tisfija tal-bniedem. Din il-katarsi ma sseħħx mingħajr tbatija. Il-

bniedem li hu qrib in-natura jara fiha djalettika kruċjali bejn qerda u qawmien. In-natura ma teskludix it-tbatija, bħalma tindika l-ewwel poeżija, *Arizona*, iżda ssarraf it-tbatija u l-qerda apparenti f'att produttiv. Minħabba f'hekk il-poeta jitlob għalih l-istess proċess li jidher qerriedi waqt li fil-fatt isaffi u ma jintemmx. Element naturali bħar-riħ, f'*Lir-Riħ*, jiġi evokat b'dan il-għan:

Issokta issa
illimani bi nfiħek,
nixxifni, għakkisni u battalni
kif għenba mifqugħa bil-benna
tixxotta fi żbiba zokkrija
li taħżen f'għelubha
ħlewwiet ta' bla qies.

L-indirizz lir-riħ, li fih jinkorpora xebh ma' element ieħor naturali («għenba»), jixhed id-dipendenza totali ta' Mizzi fuq in-natura fit-trattament tad-djalettika bejn il-qerda u s-setgħa tal-ħajja. L-għażla tat-tiġrib fiżiku tar-riħ, l-aċċettazzjoni tat-tbatija («nixxifni, għakkisni u battalni»), is-suġġeriment aktar bikri li din l-esperjenza se tagħti lill-poeta forma iżjed irraffinata («illimani»), u s-similitudni sħiħa permezz tax-xbiha ta' l-għenba tinbidel fi żbiba, kollha jixhdu x-xewqa biex il-poeta jipparteċipa b'mod sħiħ u fiżiku fil-proċess naturali.

L-istess ċediment f'idejn in-natura jinstab f'eżempji oħrajn, bħal *Għawm*. It-talba biex il-baħar iħobb lill-poeta («Ħobbni ja Baħar!»), ix-xena ta' bniedem li jintelaq fil-baħar, it-talba għat-tisfija («naddafni minn għarqi») u l-aħħar erba' versi li fihom frażijiet bħal «ġuf feddej» u «kollox isib il-livell», jindikaw li taħt id-deskrizzjoni sempliċi ta' baħar li jfissed hemm moħbija l-possibbiltà ta' baħar li jneħħi l-ħajja. Il-ġuf li jsalva hu

treġġigħ lura mill-ħajja daqskemm il-frażi «kollox isib livell» timplika n-nuqqas ta' oriġinalità karatteristika tal-ħajja. It-terminu aħħari («nessej»), jissuġġerixxi ċ-ċediment tal-kuxjenza f'idejn natura tremenda li fiha hemm il-qerda daqskemm ir-riġenerazzjoni. Ir-raqda fil-baħar hija xena li tippreżenta l-ekwilibriju bejn bniedem apparentament bla ħajja u natura li żżomm il-ħajja hi.

L-estrem ta' dan iċ-ċediment hu l-waqt meta Mizzi mhux biss ma jibżax jagħti lilu nnifsu lil proċess akbar ta' ħajja, iżda jagħżel din l-offerta bħala tkomplija tiegħu f'forma naturali u f'dimensjoni oħrajn:

Bħal saċerdot
l-iġbla nitla',
nintrabat
bil-ktajjen ta' l-azzar
u msarni midinba
nagħlifhom ġwież lil munqarek,
ħa nitlaħħam fik
u ninbidel,
nissaffa fil-ħalba bla nikta
fejn jisreġ id-dawl.

*(Ajkla)*

Dlonk
għajnejja qlajt
żewġ boċċi jilmaw
u għalifthomlu . . .
biex 'il fuq nisseqqer mar-russett
b'għajnejja f'għajn ix-xemx
'il fuq mill-orizzont
fejn qatt ma jidlam.

*(Russett)*

NOTI

1. B'mod ġenerali l-poeżija hija forma letterarja konċiża meta mqabbla ma' ġeneri oħrajn. B'riżultat il-poeta jrid jagħti ħafna aspetti ta' argument f'kitba relattivament qasira. Dan jista' jirriżulta fi struttura u f'għażla ta' termini li ma jagħtux tifsira ċara, iżda li huma rikki fl-implikazzjoni. L-istess vers jista' joffri argument bejn tifsiriet opposti, dak li l-proża twettaq matul numru ta' paġni. L-ambigwità fil-poeżija moderna mhix difett iżda żvilupp ta' karatteristika stilistika li tippermetti aktar minn ħsieb wieħed f'salt. Ara R. Fowler (ed.), *A Dictionary of Modern Critical Terms*, London, Routledge and Kegan Paul, 1973, pp. 7–8.
2. Il-panteista jemmen li finalment hemm realtà waħda li fiha l-assolut, jew Alla, hu rrealizzat fi ħlejjaq partikulari jew f'natura. Jemmen ukoll li l-moħħ uman hu parteċipazzjoni f'nisġa universali u jirrifletti din in-nisġa fil-ħsieb. Kull ħlejqa għandha fiha essenza universali. John Scotus Erigena hu eżempju medjevali. Baruch Spinoza hu eżempju mis-seklu sbatax. Ara S.E. Stumpf, *Philosophy – History and Problems*, New York, McGraw-Hill, Inc., 1994, pp. 157–9, 249.
3. Għar-romantiċiżmu ta' Jean-Jacques Rousseau ara P. Edwards (ed.), *The Encyclopedia of Philosophy*, New York, The Macmillan Company and the Free Press, 1967, Vol. 7, pp. 215–20.
4. Dafni talbet li l-forma tagħha tinbidel biex taħrab mill-imħabba ta' Apollo. It-talba tagħha ġiet mismugħa u nbidlet f'siġra. Wieħed għandu jinnota kif waqt li fix-xena mitoloġika Dafni tinbidel f'siġra, fil-poeżija s-siġra tagħmel sforz biex parzjalment tinbidel f'mara jew toħroġ mill-forma naturali tagħha. Ara P. Grimal, *The Dictionary of Classical Mythology*, tradott minn A. R. Maxwell-Hyslop, Oxford, Basil Blackwell Ltd., 1986, p. 128.

# Il-Mument Introspettiv f'Dinja Bierda

ID-DUWALIŻMU

Waħda mill-istqarrijiet l-aktar komuni dwar il-bniedem, minn Freud u Jung 'l hawn, hija li l-persuna mhix magħmula minn unità, minn koerenza jew minn kompletezza. Il-bniedem hu taqbida bejn stati differenti, bejn livelli ta' kuxjenza differenti, u bejn biċċiet ta' persunalitajiet li skond Jung għandhom l-intenzjonijiet tagħhom ħielsa mid-direzzjoni ġenerali li l-individwu jsegwi.[1]

Barra l-moviment psikanalitiku, il-ħassieba eżistenzjalisti, f'dan is-seklu, ukoll ċaħdu l-idea li l-bniedem jista' jiġi definit bħala essri sħiħ. L-idea li l-bniedem hu fframmentat bejn passat li seħħ u futur mimli possibbiltajiet, l-idea li l-individwu hu taqbida għal sens f'dinja assurda, u l-idea li l-uman qiegħed jgħix f'dimensjoni temporali iżda b'għarfien ta' infinità, ilkoll jindikaw kuxjenza li trid tlaħħaq ma' l-opposti.[2] Dawn l-opposti jsiru parti minnha għax il-kuxjenza trid tikkonferma l-eżistenza tagħhom, u tgħixhom, biex tipprova ssib kompromess bejniethom.

Fil-poeżija introspettiva Mizzi jittratta d-diżintegrazzjoni ta' l-unità illużorja b'diversi modi. F'waqtiet, il-faxxinu bil-fatt li l-poeta mhux persunalità waħda, iżda taqbida jew tbandil bejn stati opposti, jispikka. Poeżiji bħal *Arizona, Enigma Variations, Prandium, Awto-Kuxjenza, Moħħ Programmat, Milied 1948, Burdati, Rażan,*

*Puteoli*, *Djalogu*, *Maskla* u *Kultant* huma eżempji ta' kuxjenza li ma tistax tiġi definita b'mod fiss u ċar. F'dawn l-eżempji l-kuxjenza hi ppreżentata bħala proċess binarju li jipproċedi bil-bidla ta' stat għal wieħed oppost.

Din l-iskema ta' opposti ġieli hi megħjuna mis-sottotitli bħal f'*Enigma Variations*, fi *Prandium* u f'*Duwaliżmu*. F'dawn il-każi d-duwalità hija evidenti fil-forma tal-poeżija. Is-sottotitlu jesponi, mad-daqqa ta'għajn, titlu, jew suġġett, li hu sekwenza ta' frammenti.

Fl-eżempji s-sottotitli huma termini li jindikaw mumenti psikiċi. Il-mument jaħkem il-persuna b'mod sħiħ tant li f'dak il-waqt il-jien hu identifikat mat-tendenza partikulari. Huwa meta sottotitlu ġdid jintroduċi stat oppost, jew differenti, li l-qarrej jirrealizza li l-ewwel deskrizzjoni kienet parzjali. B'dal-metodu strutturali Mizzi juri li l-bniedem ma jibdiex minn stat dubjuż, iżda jibda minn stat ċert li hu identifikat mal-persunalità tiegħu. Hu meta sseħħ il-bidla li l-bniedem jagħraf il-pretensjoni tiegħu, ta' persunalità waħda, bħala konvinzjoni falza.

*Enigma Variations* ma tlaqqax iż-żewġ waqtiet, u lanqas ma tgħid, b'mod speċifiku, x'inhuma. Il-qarrej jifhem li dawn jissuġġerixxu burdati, aktarx ta' xewqa u ta' biża', għax id-deskrizzjoni tan-noti mużikali tinfirex f'sensazzjonijiet oħra, u għax is-sensazzjoni titħallat ma' stat psikiku bħall-apprensjoni:

> Foresti jaqbdu u dbieb mgħaddbin jaħarbu.
> Dik mhix ċirasa
> dawk boċċi ħomor tal-velenu.

Bejn iż-żewġ mumenti ta' *Enigma Variations*, ta' *Prandium* u ta' *Duwaliżmu* ma hemmx argument li jikkuntrasta d-differenzi. Parti mill-effett tal-kuntrast ġejja mill-fatt li ż-żewġ stati huma biswit xulxin bla ma hemm

spjegazzjoni kif minn stat il-bniedem jasal f'ieħor. Il-forma poetika tħalli barra l-argument relattiv u tippermetti biss espressjoni dwar l-istat psikiku nnifsu. Dan, wara kollox, hu riflessjoni fidila tal-qagħda umana: il-bniedem mhux offrut argumenti għall-bidliet li jseħħu fih, l-argumenti joħloqhom hu bħala kuxjenza li trid tgħaqqad id-differenzi biex tgħix bl-impressjoni ta' essri unit.

Wara li l-qarrej jagħraf kuntrasti fil-ħoss, fil-vokabularju u fl-immaġni, bejn l-ewwel u t-tieni mument, jew l-ewwel u t-tieni strofa, jirrealizza li ma hemmx sekwenza. B'dal-mod il-poeżija tissuġġerixxi żewġ punti: li l-bniedem hu magħmul minn mumenti li bejniethom ma hemmx transizzjoni gradwali iżda qabża, u li l-bniedem ifittex sens jew rabta waqt dil-bidla biex jipprova jgħix bħala sekwenza li tagħmel sens. Ta' min jinnota li t-tieni punt hu ffurmat fil-qarrej meta jagħraf il-bżonn li ż-żewġ mumenti jiġu rrelatati, u mhux ippreżentat fi kliem.

Dal-punt hu megħjun mill-fatt li ħafna aspetti tekniċi fit-tieni mument huma f'kuntrast dirett ma' aspetti fl-ewwel mument. Il-qarrej jiftakar l-ewwel strofa waqt li jaqra t-tieni permezz tal-kuntrasti, jew jirrealizza kwalitajiet mitlufa billi jagħraf l-oppost li ħa posthom. Eżempji ovvji huma l-kuntrast fil-ħoss konsonantali, l-allużjoni għal tiġrib mużikali differenti, u l-qabża minn termini li jissuġġerixxu delikatezza, bħal «fwieħa ta' mara» (imqar jekk anki fl-ewwel strofa hemm indikazzjoni ta' feriment: «tinfed l-imnifsejn bħal stallett»), għal termini li jissuġġerixxu effett aktar goff: «Kallijiet ħorox joborxu l-medda tas-sinsla».

Kieku l-poeżija tat argument relattiv hi dan kien

ikun wieħed, iżda fil-forma tagħha tippermetti li kull qarrej joħloq hu l-profondità u l-perspettiva ta' l-argument relattiv. Il-forma tal-poeżija tgħin biex ikun hemm diversi realizzazzjonijiet tagħha għax Mizzi hu konxju tal-waqt fejn ma għandux jgħid (il-waqt tal-bidla bejn iż-żewġ mumenti), daqskemm tal-waqtiet fejn għandu (id-deskrizzjoni taż-żewġ mumenti).

Fi *Prandium* iż-żewġ mumenti huma mogħtija b'mod aktar speċifiku: it-trattament tal-ġuħ, jew tan-nuqqas, u tas-sudisfazzjon, jew ta' l-abbundanza. Iżda l-ġid materjali u d-dinja apparenti ma humiex tmiem fihom infushom. Il-konkret u d-deskrizzjoni speċifika jagħtu l-impressjoni li l-ħwejjeġ li l-poeta jitkellem fuqhom huma definiti, iżda l-vagezza li ssegwi tixhed li l-ħwejjeġ konkreti huma biss emblemi ta' misteru universali, u li meta l-attenzjoni teħel fuq il-konkret l-universali hu mitluf. Il-vojt, finalment, hu ta' dimensjoni ħafna akbar min-nuqqas materjali:

Meta jien imsawwem
bħal bebbuxu noħroġ il-qarn ta' Mosè
biex nixtarr il-misteru vjola
tal-Baħħ marsus bħal arzella
li ma jċedi xejn
mill-awra mġawhra
ta' taħt il-wiċċ li jidher.

Hu l-poeta fl-ewwel mument, jiġifieri l-poeta li ma jifhemx bis-sensi («meta s-sensi fjakki jixxuttaw/mill-meraq riffiedi»), li jġarrab l-infinit. Fit-tieni mument, meta l-bżonnijiet materjali huma milħuqa («meta l-ħorġa ta' l-istonku timtela»), il-poeta hu ttrasformat fi prodott («ninxtara u ninbiegħ bir-ratal/bħaċ-ċanga tal-friża») u l-esperjenza spiritwali hi meqjusa «ġenn». Waqt li s-

suġġett jibqa' l-bniedem ifframmentat, jew maqsum bejn stati opposti (nuqqas materjali u sudisfazzjon), il-poeżija tiddefinixxi l-istati mill-ġdid u f'termini spiritwali. In-nuqqas materjali jsir tiġrib ta' l-infinit waqt li s-sudisfazzjon hu t-telfa ta' l-ispirtu. Il-vojt li l-bniedem iġarrab f'dinja materjali jsir vojt universali li jgħarraf lill-bniedem b'misteru ta' l-istess dimensjoni. Is-sudisfazzjon materjali jeqred dan it-tiġrib u jnessi l-għarfien ta' l-infinit li jiġi miegħu. Dan juri li l-bniedem qatt ma jista' jkun sħiħ mhux biss għax hu taqbida bejn stati opposti, iżda għax kull stat għandu definizzjoni materjali u spiritwali kuntrarji u jista' jkun taqbida fih innifsu.

Iż-żewġ stati f'*Duwaliżmu* huma, mill-ġdid, suġġeriment dwar il-kumplessità u l-indefinitezza umani. Il-bniedem jinqabad fid-dinja materjali. Iżda s-sudisfazzjon materjali u t-tneħħija ta' l-inibizzjoni («id-dbieben tat-turmenti») huma wkoll il-qatla ta' l-individwu f'livell ieħor aktar elevat:

> Il-garigori li jwasslu għall-arja u n-nifs
> kaħħluhom bil-lava.

F'dan in-nuqqas ta' l-essenzjali jibda turment ġdid. Il-poeta jagħraf li l-materjaliżmu huwa bżonn wieħed li jeskludi aspett ieħor, il-kwalità spiritwali. Il-ħarba mit-turmenti tisfa f'ansjetà li mhix imtaffija bir-relazzjoni mas-sieħba:

> Il-munqar itaqqab
> il-qoxra tal-kuxjenza.
> L-iskaluni tas-sellum ta' Ġakobb
> sfrundaw taħt saqajja.
> Kif is-sonża tagħlef il-ħġejjeġ
> hekk ħsiebi jagħlef lil għommti.
> Il-werqa tal-bronż li tgħattili l-mistħija

saritli lsien tan-nar.
U ħlomt li ġismek
sar kollu twieqi għomja
u bla wens.
Soddti nbidlet f'qaqoċċa niggieża
u dnubi ma jorqodx.

Iżda din il-waqgħa fid-dnub mhix l-istat aħħari. L-ansjetà ġġib magħha ċ-ċaħda tal-materjali. Il-mument il-ġdid jiġġarrab f'dimensjoni eterna li fiha s-senswalità u l-ġisem jintilfu. Wieħed jirrealizza kif Mizzi jiddefinixxi stat permezz tan-nuqqas ta' karatteristiċi essenzjali fil-bniedem. Id-definizzjoni sseħħ permezz tan-negattiv u tixhed li l-ħlejqa umana ġġarrab esperjenza billi tabbanduna oħrajn. Il-paradoss ċentrali tal-kristjaneżmu, l-idea li biex tintrebaħ il-ħajja trid tiġi miċħuda, hu ttrattat bħala konferma ta' essri li qatt ma jista' jkollu l-esperjenzi li jsawruh (materjali u spiritwali) f'salt.

L-istess forma poetika ta' żewġ mumenti biswit xulxin hi l-qafas ta' poeżiji bla sottotitli. *Arizona* u *Burdati* jservu ta' eżempji. Il-paragun tal-jien ma' element wieħed («deżert») f'*Arizona* hu msaħħaħ bir-ripetizzjoni ta' l-istqarrija: «Jiena d-deżert għatxan ta' l-Arizona». L-istqarrija tintroduċi żewġ waqtiet differenti li jagħtu sinifikat oppost lid-deżert. L-effett hu doppju. Ir-ripetizzjoni tal-paragun tikkonferma essri li għadu l-istess, iżda d-deskrizzjoni, li ssegwi l-paragun, hi differenti. Il-poeżija mhix dwar id-duwalità tal-jien biss. Hija eżerċizzju definittiv li jesponi kif id-definizzjoni tista' tiġbor fiha differenzi sħaħ anki waqt li tibqa' ta' l-istess oġġett. Hija poeżija dwar il-lingwa wkoll, b'mod speċifiku dwar kif il-lingwa tista' tkun simplifikazzjoni definittiva li ma tikxifx varjazzjonijiet effettivi, daqskemm

tista' tkun profonda u tikxef dawn id-differenzi. Il-funzjoni tad-definizzjoni rripetuta u l-ispjegazzjoni li tiġi wara huma differenti. Id-definizzjoni tikkonferma l-istess natura li l-ispjegazzjoni tesebixxi bħala proċess ta' differenzi. In-natura ekwivoka tal-lingwa tispikka meta l-poeta jiddefinixxi lilu nnifsu.

Il-qrubija u l-bidla istantanja bejn iż-żewġ mumenti tinħass aktar fil-poeżija *Burdati* minħabba l-konċiżjoni. Il-poeżija tikkonsisti f'żewġ sentenzi. Il-ħeffa fid-deskrizzjoni tal-burdati, il-burdata impulsiva u ħarxa fuq naħa, u l-burdata kalma u ta' mħabba fuq l-oħra, tirrifletti l-ħeffa li biha jinbidel in-natural uman. Għal darba oħra l-poeżija ma tgħidx aktar milli jmissha, u tista' titqies aktar bħala poeżija li tippreżenta milli li tanalizza.

*Kultant* għandha effett simili għalkemm mhux il-konċiżjoni ta' *Burdati*. It-titlu nnifsu jindika bniedem li hu magħmul minn mument, jew identità li ma tistax tiġi definita għax hi ġabra ta' waqtiet. L-ambivalenza bejn il-ġibda u l-letarġija tinħoloq minħabba li l-bniedem jara lilu nnifsu «fil-ħolma». Il-ħolma tikkonferma l-bżonnijiet tal-bniedem, iżda hija wkoll mera li turi s-sors tal-ħolqien tagħha: il-bniedem stess. Dan joħloq frammentazzjoni immedjata li tiġġenera aktar qsim sakemm il-persuna tagħraf għadd infinit ta' persunalitajiet fiha:

> Imma
> meta fil-ħolma
> nara lili nnifsi
> duplikat għal elf darba
> nitqatel mal-misteru ta' demmi . . .
> xħin nasal fix-xifer ta' l-għadira
> tirkibni letarġija
> u tibred
> il-fwieħa sħuna u qadima

tal-vjola dekadenti
tal-vjola
qed tnin.

Fl-eżempji l-oħrajn iż-żewġ mumenti jingħaqdu fi djalettika waħda flok jibqgħu sseparati. F'dawn il-każi Mizzi jissagrifika l-vantaġġ ta' poeżiji li jħallu vojt bejn iż-żewġ stati għal vantaġġ ieħor: l-effett ta' stqarrijiet li jibqgħu vagi għax jisfumaw l-opposti f'xulxin. L-indefinitezza u l-ambigwità, f'dawn il-waqtiet, huma għanijiet milħuqa permezz ta' stqarrijiet li ma jaslux għal konklużjoni u li jissuġġerixxu li l-essri uman qatt ma jista' jiġi ppreżentat bħala komplut. Fit-taqsima dwar l-identità fi żmien għaddej dan intwera f'relazzjoni maż-żmien. Il-bniedem hu firxa bejn passat li seħħ, preżent attwali u futur ta' possibbiltajiet u ta' bidliet. Iżda anki f'kull mument waħdieni, il-bniedem hu ħlejqa li għandha tendenzi kuntrarji. L-eżempju klassiku tat-tabib Jekyll u s-sur Hyde, tal-bniedem li kapaċi jkun żewġ karattri f'wieħed, jissarraf f'versi li ma joffrux kompromess bejn il-persunalitajiet.

F'*Moħħ Programmat* il-frammentazzjoni ta'l-individwu sseħħ f'aktar minn mod wieħed. Il-poeta jista' jgħix bħala moħħ biss, għax jagħraf il-ħsieb bħala eżistenza apparti. Id-duwaliżmu kartesjan hu l-punt tat-tluq:

Meta mill-ġisem tafli
għad nisfa żganċjat
lil moħħi erfgħuh preservat
f'pulmun li jreddagħni l-ossiġnu.

Il-mewt, għalhekk, tirrisolvi aspett wieħed tad-duwalità. Il-ħelsien mill-ġisem jippermetti flessibbiltà ġdida li biha l-moħħ jista' jġarrab aktar:

Imbagħad eħmżuli
trufijiet ta' xmajjar
idoqqu ġo diska
ibbottiljati, il-ħsus ta' lilhinn
li l-antenna tiegħu dgħajfa
ma felħitx tiżbor
mir-radam
t'Univers mixgħul.

L-istqarrija li «l-ġisem tas-sensi» hu «saborra li ttaqqal/ li tifga, li toħnoq, li tnessi», tikkonferma l-ħelsien mill-paradoss ta' spirtu ġo ġisem. Iżda mill-ġdid, il-firxa tal-moħħ hi «amplitudni» li titwassa' f'«polarità ta' żewġ estremi;/maskil u femminil». Id-diffikultà f'li jiġi ppreżentat l-assolut jew is-sħiħ, meta d-deskrizzjoni hi tar-ruħ umana, hi evidenti. Il-poeta jista' joħlom dwar essenza li nqatgħet mill-ġisem u li tgħaqqad l-opposti, iżda ma jistax jevita r-referenza għall-qagħda binarja meta jesprimi dan f'termini umani. Il-moħħ innifsu hu ppreżentat f'duwalità għax wara kollox hu poeta f'dimensjoni temporali, materjali u limitata li qiegħed jistqarr.

Forsi hu għalhekk li f'waqt ieħor, f'*Rażan*, in-natura umana hi ppreżentata bħala t-«tradiment» tagħha nnifisha. Id-djalogu tal-poeta miegħu nnifsu ma jseħħx. Il-mistħija tifirdu fiż-żewġ persunalitajiet Freudjani, fil-bniedem li jixtieq u fiċ-«ċensur».[3] Il-qrubija bejn iż-żewġ persunalitajiet hija implikata fi tliet versi li jissuġġerixxu li x-xewqa hija l-parti tan-natura umana li toħloq il-mistħija, jew il-persunalità opposta. Fl-istess ħin id-distanza bejn l-espressjoni umana u x-xewqa moħbija tindika li l-bniedem iżomm iż-żewġ persunalitajiet imbiegħda. Is-suġġerimenti opposti joriġinaw mill-istess stqarrija:

Jien nisthi nistqarrha lil nifsi
fi qrara mudlama
ta' riqi.

L-istqarrija poetika tibqa' timrah bejn l-gharfien tan-natura vera tal-bniedem u ċ-ċahda. Il-bniedem isir taqtigha tensjuża bejn nofsiet li ma jsibux kompromess ghax jeżistu bl-oppożizzjoni. Il-bniedem li jaf u jiċhad, li jixtieq u jżomm lura, li hu «alla» u «bodbod moqran», jaghraf kif l-ambivalenza fih hija wirt uman li ma jistax jithassar. Il-holma u ċ-ċahda huma interzjati fl-umanità b'mod li l-individwu ma jistax jaghżel bejn it-tnejn:

Jien nafha u niċhadha.
Nofs joghxa u jixxennaq,
nofs iehor imeri u jitrażżan,
jitqanna.

Iċ-ċinglu ta' razzti jisromni.
Jien bhima,
nofsha alla u nofs bodbod moqran.

Minhabba f'hekk l-istess stqarrija tista' tiġi indirizzata *Lill-Umanità*. L-umanità ma tehtieġx «awtopsji», u ma hemmx bżonn «arkeoloġiji» biex tinstab in-natura taghha. L-umanità hija frott evoluzzjoni ta' stati ta' hajja aktar slavaġ, u riżultat ta' hajja li bdiet minn «mintna mżebbla». Iċ-ċertezza li bl-«awtopsji» se jinstabu «sireni u ċentawri/nofshom bhejjem/u nofshom bnedmin» tixhed il-konvinzjoni f'natura umana fframmentata. Ir-referenza ghall-figuri mitoloġiċi («sireni u ċentawri») tissuġġerixxi li dan l-gharfien hu klassiku u ma jehtieġx stharriġ. Ghal Jung il-kuxjenza individwali tipparteċipa f'inkonxju kollettiv, li jixref f'figuri arketipali.[4] Mizzi juża l-figuri biex jippreżenta l-viżjoni tieghu ta' bniedem li hu maghmul

minn tendenzi opposti li oriġinaw minn proċess evoluttiv, u biex jissuġġerixxi fl-istess waqt il-qedem ta' dil-viżjoni. Il-fatt li dawn il-figuri huma arketipali, li huma figuri simboliċi li l-bniedem jerġa' jirreferi għalihom għax għandhom sinifikat universali, jindika li huma forom li ġew maħluqa bl-esperjenza ta' bosta nies. Poeta, skond Jung, jilħaq l-universali billi jinkludi l-momentarju u l-etern f'figura mitoloġika, għax din tiġbor fiha dak li dejjem seħħ u li se jibqa' jseħħ.[5]

Fil-mument introspettiv id-duwaliżmu mhux dejjem hu ppreżentat bħala sfortuna. F'waqtiet, bħal f'*Solitaire* u f'*Ossiġnu*, l-eżistenza ta' stati differenti hi mistħarrġa minn perspettiva differenti. Barra dawn iż-żewġ eżempji, bosta poeżiji oħra jissuġġerixxu li l-frammentazzjoni hi sofferenza neċessarja jekk mhux pożittiva. *Arizona* turi kif l-ispirazzjoni poetika toriġina minn stat ta' nixfa. F'*Burraxka* l-paċi hi «sabiħa» wara l-ansjetà. *L-Aħħar Ħolqa* tixhed kif għal Mizzi l-estasi hija frott iċ-ċaħda. L-ansjetà f'*Malaise* tissieħeb ma' viżjoni profetika tal-«ġrajjiet/mhux miktuba». F'*Paradoss* il-falliment innifsu hu korrezzjoni («Nemesis») u «bilanċ li jrieġi kollox». F'*Radikaliżmu* n-neċessità tal-paradoss hi espressa b'mod denotattiv:

Biex tibni trid twaqqa' l-qadim
u xxenxel sal-qiegħ is-sisien.
Il-qawwa tar-riġla fil-blat.
Biex taħdem tgħawwiġ fil-ħadid
trid taħraq u ssaffi fin-nar.
Biex tiżra' trid taqleb l-uċuħ.
Biex tlaqqam trid taqsam iz-zokk.
Biex tpinġi trid tbajjad il-wiċċ.
Biex twelled trid tara l-uġigħ.

F'*Solitaire* is-solitudni mhix esperjenza negattiva biss. Waqt li l-uġigħ mhux innegat, Mizzi jara wkoll, fis-solitudni, l-opportunità biex il-bniedem jirdoppja l-persunalità tiegħu u biex ikollu mument intimu miegħu nnifsu («ħa xxomm/l-għaraq balzmi/ taħt drieghek»). Il-waqt mhux ħela ta' ħin għax il-bniedem «minnu nnifsu jitqarar». Hu mument ta' tisfija li ma sseħħx qabel ma l-bniedem jinqasam f'żewġ suriet permezz tas-solitudni. L-apprezzament tal-ħajja jsegwi stat li beda bil-«ġenn ta' waħdek». It-turment jisfa f'katarsi u f'faxxinu ġdid bil-ħajja.

*Ossiġnu* wkoll tibda bil-qtigħ il-qalb u b'nuqqas ta' fidi. Iżda dawn joffru opportunità biex il-poeta jixrob «nifs/'il ġewwa/sa l-ibgħad truf» tar-ruħ. Il-fatt li «jiġu waqtiet/li l-bniedem jinsa kif jieħu n-nifs» jirriżulta f'apprezzament ġdid tal-ħajja. In-nifs normali hu assoċjat ma' kontinwità li mhix apprezzata. Meta n-nifs jonqos, jew meta, b'implikazzjoni, tinqered it-tama, hu rrealizzat il-bżonn ta' nifs qawwi, jew ta' fiduċja u apprezzament tal-ħajja. Din l-iskema ta' opposti li jirriġeneraw lil xulxin u li permezz tagħhom ikompli l-proċess sħiħ tal-ħajja, tersaq qrib id-djalettika Hegeljana, bejn it-teżi u l-antiteżi, li tisfa f'sinteżi.[6]

Is-suġġeriment li n-natura umana mhix waħda u lesta, iżda hi sistema binarja li tipproċedi billi toxxilla bejn l-opposti, hija parti minn viżjoni sħiħa ta' poeta li jara n-natura universali fl-istess dawl. Waqt li s-sinteżi mhux dejjem tinstab, Mizzi xorta jżomm twemmin fl-idea li kollox jagħmel parti minn struttura universali li għadha qiegħda ssir u mhix lesta.

F'*Ossiġnu* n-nuqqas ta' tama, implikat f'nuqqas ta' nifs, hu stedina għal bidu ġdid, għal laqgħa mġedda man-

natura u mal-ħajja. L-inkontru jsolvi t-«taqtigħa» ġewwiena u jpoġġi lill-bniedem fi stat ogħla ta' apprezzament bħalma l-konfront bejn it-teżi u l-antiteżi f'Hegel twassal għal żvilupp, jew għal livell ogħla ta' għajxien, fis-sinteżi:

Għalhekk iftaħ it-twieqi
fuq il-wileġ fejn is-sagħtar ifuħ
u dewweb demmek fl-ossiġnu
ħa' jinħaraq sadid
bl-enerġija tal-ħajja.

Fil-pulmun f'bewsa intima
jiltaqa' d-demm ma' l-ossiġnu.
Titkebbes il-fjamma
tlebleb bla tikkonsma
li ddawwal bla tmiem.

Ħalli
tirkbek is-sakra qaddisa
ta' l-ossiġnu
li jkebbes il-globuli
ta' demmek . . .
ħa' jvenven sinfonija
li ssolvi t-taqtigħa
bejn tensjoni u mistrieħ.

F'*Milied 1948* is-sinteżi bejn il-bniedem li jemmen u l-bniedem li jrid jara l-provi biex jemmen ma tintlaħaqx. Il-poeta jistqarr li ma jafx liema minn dawn il-persuni hija hu. F'dal-każ id-duwaliżmu jsir possibbiltà ta' stati aktar milli stati attwali. L-eżempji ta' qabel jenfasizzaw frammentazzjoni attwali ladarba l-jien hu definit darbtejn jew aktar. Iżda *Milied 1948* ma tagħtix żewġ definizzjonijiet. Minflok tħalli possibbiltajiet ta' stati ta' ruħ jiġu apprezzati f'salt u f'ton ta' mistoqsija:

Fejn jien fil-presepju?
Xabbatur irid jara biex jemmen . . . jien
jew ir-ragħaj mimli fidi
qed iraxxax raddiena ta' dwal
minn ġol-fifra.

Il-poeżija sħiħa hija msejsa fuq il-memorja, iżda hija stqarrija dwar il-qagħda preżenti tal-poeta. Il-fatt li l-poeżija tinkludi medda ta' żmien, flimkien mal-fatt li l-presepju, u b'implikazzjoni t-twemmin tat-tfulija, jisfaw f'dubju, jindikaw li l-bniedem jikber minn twemmin għal mistoqsija. Barra minn hekk waqt li fit-tfulija l-attenzjoni hi fuq il-presepju, fl-adult hi fuq il-jien fil-presepju, jew fuq post l-individwu f'kultura sħiħa bbażata fuq twemmin nisrani. Mill-ġdid dan jixhed proċess minn persunalità bi twemmin lest u komuni għal konfront serju mal-jien, u juri kuxjenza li tagħżel bejn il-parti tagħha li tikkonforma u l-parti li trid tfittex il-verità għaliha.

Trattament simili jinstab f'*Puteoli*. L-istqarrija dwar nofs ħajja mitlufa («ġa għerqet nofsha») tisfuma, ftit, ftit, f'mistoqsija dwar il-ħajja u l-mewt. Iżda l-mistoqsija mhix dwar x'hemm wara l-mewt daqskemm dwar l-istat attwali ta' bniedem li diġà tilef nofs ħajtu. Il-poeta jħoss li qiegħed jipparteċipa fi bdil kontinwu. Waqt li jara din il-bidla sseħħ jibqa' ma jistax jagħżel bejn iż-żewġ possibbiltajiet: il-possibbiltà li hu forma ta' ħajja li se tinbidel għal ġo forma oħra, u l-possibbiltà li flok bidla minn forma għal oħra hemm telfien:

Għandu qiegħ dan il-ħondoq
ta' dejjem . . . ?
Dan difa ta' fosdqa mixgħula
bil-farfett tax-xemx?
Jew dlam għammieq li minnu
twelid anqas hemm?

Frammentazzjoni u duwaliżmu espressi f'daqstant modi jixhdu li għal Mizzi l-bniedem jibqa' konfront ġewwieni u kontinwu bejn ilħna, persunalitajiet jew stati differenti. Anki jekk il-konfront ma jseħħx, bħalma hu l-każ fl-aħħar żewġ eżempji, Mizzi xorta juri li l-karatteristika ewlenija ta' ħlejqa li taħseb hi li tgħix possibbiltajiet varji fl-istess waqt. Fil-kuntest reliġjuż, fejn it-twemmin jagħti s-sens ta' bniedem sħiħ li hu protett minn essri assolut, it-telfien ta' l-individwu f'possibbiltajiet differenti jibqa' jseħħ.

L-inevitabbiltà tal-frammentazzjoni ġewwiena hi espressa f'poeżiji bħal *DéjàVu*, *Awto-Kuxjenza*, *Djalogu* u *Maskla*. Il-preżenza ta' l-individwu f'kull parti ta' l-istorja umana, f'kull tiġrib u f'kull burdata f'*DéjàVu* tindika li l-individwu hu memorja akkumulata. Hu biċċiet ta' umanità li ltaqgħu fil-preżent permezz ta' l-eżistenza tiegħu. Il-kwantità ta' esperjenzi msemmija tissuġġerixxi li ma hemmx konfini għall-individwu, bħalma għal Jung l-inkonxju kollettiv jindika li ma hemmx fruntiera ċara fejn tispiċċa l-umanità u jibda l-individwu. Il-kunċett ta' individwu, f'Mizzi, jsir vag ħafna. Il-poeżiji jagħmlu d-definizzjoni ta' l-individwu diffiċli ladarba dan ma jibqax bniedem wieħed, iżda jsir sforz biex ħafna persunalitajiet, żmenijiet, esperjenzi u tendenzi jsibu kompromess.

Il-bniedem ta' Mizzi hu taqbida għal unità iżda mhux unità. Il-fatt li anki fl-espressjoni tiegħu ma jkunx qiegħed jitkellem hu (*Djalogu*) jindika li l-individwu ma jistax jistrieħ fuq it-twemmin li leħnu hu esklużivament tiegħu u allura jimmarka eżistenza waħda. Hu għalhekk li f'*Awto-Kuxjenza* l-jien irid joħroġ mill-individwu biex jgħaqqad il-passat u l-ħolm. Ix-xbiha hi miżerabbli. Il-bniedem hu ħlejqa li trid tgħaqqad lilha nnifisha l-ħin kollu f'eżistenza

li wara kollox xorta tintilef fil-passat:

Meta norqod
il-jien joħroġ minni,
u jintasab bil-qiegħda ma' ġenbi
jaħdem is-suf ta' ħolmti ta' lbieraħ
bl-ilwien tat-tifkira li taret.
Għax l-imgħoddi tiegħi mhux jien.

*Maskla* sservi ta' konklużjoni għal din it-taqsima. Hija poeżija li b'diversi implikazzjonijiet tesebixxi l-jien bħala fluss minn stat għal ieħor. Il-jien hu dejjem inkomplet għax il-burdati li jsawruh huma inkongruwenti. L-espressjoni tal-wiċċ ma tixhed xejn għax hi maskla, u tista' tkun daħk jew biki «f'ħin wieħed». Dawn l-espressjonijiet tal-wiċċ jirrappreżentaw «il-kriżi sotterranja/tarruħ», u waqt li l-biki hu espressjoni ta' kriżi d-daħk mhux. Id-deskrizzjoni turi firda bejn l-espressjoni u l-ġewwieni. Id-daħka nnifisha, imbagħad, «fiha tkerriha» u hija «bħal melħ fil-ferita». B'dal-mod anki l-espressjoni nnifisha (id-daħka) tinkludi fiha l-kuntrarju. Finalment, l-uġigħ espress fid-daħka «ifejjaq u jtuq».

Wieħed jinnota kif Mizzi jimxi b'mod ritmiku u regulari minn tifsira għall-kuntrarju tagħha, jew għal tifsira oħra. L-effett hu ta' definizzjoni li flok tintrabat ma' suġġett tissuġġerixxi l-ħin kollu li għad jonqos aspetti oħra tiegħu. Dan jagħti l-impressjoni li l-kliem ma jistax jagħti konfini lill-jien, jista' biss isegwi proċess ta' referenzi li ma jiqafx.

Jung jgħid li f'kundizzjoni skiżofrenika l-kumplessi li jsawru l-ego jemanċipaw ruħhom mill-ħakma konxja ta' l-individwu.[7] Isiru viżjonijiet u jitkellmu f'ilħna sseparati, jew isiru personifikazzjonijiet. Il-poeżija ta' Mizzi tippreżenta l-kunċett fil-prattika. F'linja mal-ħsieb ta'

Jung, Mizzi jindika li l-idea ta' kuxjenza unita hi xewqa aktar milli realtà. B'konsegwenza l-introspezzjoni ssir konferma ta' skiżofrenija li l-bniedem ta' kuljum jipprova jaħbi minnu nnifsu. L-eżempji analizzati juru li Mizzi ma joqgħodx lura milli jammetti l-iskiżofrenija fih u milli josservaha. Dan ma jfissirx li l-qagħda ma tisfax f'ansjetà, ifisser li l-poeta huwa determinat li jibqa' awtentiku fl-espressjoni tiegħu, imqar jekk dan jirrikjedi d-diżintegrazzjoni tiegħu bħala essri komplut.

«IX-XEJN TA' XEJNI»

L-eżistenzjaliżmu, b'ħassieba bħal Jean-Paul Sartre, Martin Heidegger u Karl Jaspers, elabora t-tema tax-xejn billi wera kif il-bniedem joħloq istituzzjonijiet, tradizzjoni, twemmin u lingwaġġ stabbilit biex jagħti l-impressjoni li hemm bażi għall-eżistenza tiegħu.[8] Fil-fatt l-eżistenza umana hi bla bażi u ma tistax tiġi msejsa fuq ċertezzi, skond l-eżistenzjalisti ewlenin. Hija eżistenza msejsa fuq ix-xejn u sseħħ bid-deċiżjonijiet momentarji ta' l-individwu.

Dan l-argument jidher f'Mizzi meta minn tiftixa għal persunalità waħda, li tisfa f'duwaliżmu, jgħaddi għal tiftixa għall-essenza ġewwiena, li tisfa fix-xejn. F'*Min Jien?* it-turment eżistenzjali ta' ħlejqa li ssofri t-tmermir tagħha nnifisha hu espress f'lingwaġġ konkret li jiddeskrivi diżintegrazzjoni materjali. It-«taħlil» tal-poeta hu bħal «imgħarraq (li)/fl-oċjan jitnażża'/mil-laħam imtiekel», jew bħal ħlejqa mejta titmermer «ġod-deżerti/bir-raspa tar-ramel». Dan it-«taħlil» hu mġarrab mill-bniedem li fittex fil-fond («issonda») «għas-sigriet ta' l-għarfien». It-tiftixa għall-essenza ta' l-eżistenza tisfa fi bniedem «ferut» u ma tikxef xejn. L-eżistenza tibqa' mixja lejn futur mhux magħruf:

U issa għarwien jinsab
illuppjat
fuq ix-xtut tal-memorji
ferut
ifittex lilu nnifsu
fil-qari
tal-pala ta' idejh.

*Min Jien?* tinsab fl-aħħar taqsima ta' *Poeżiji*, iżda hija stqarrija dwar l-essenzjali li għadu ma nstabx. Il-waqt tagħha, fih innifsu, hu ironiku għax ifisser li d-diversi poeżiji li ġew qabel huma reazzjonijiet ta' essri li ma jistax jiddefinixxi lilu nnifsu, anki waqt li jitkellem dwar ħwejjeġ oħra. It-tema tal-vojt intrinsiku li l-bniedem isofri diġà tinstab f' *Vojt*, waħda mill-ewwel poeżiji. L-indikazzjoni hi li l-ħarsa introspettiva, waqt żmien twil ta' esperjenzi varji, baqgħet tissarraf f'konfront max-xejn. Il-poeta li ġarrab, li kiteb u li wasal f'xi forma ta' kompromess f'temi oħrajn, hu l-kuxjenza li baqgħet tfittex u ma sabitx lilha nnifisha.

F' *Vojt* iċ-ċokon tal-bniedem hu f'ambjent li għall-ewwel jidher biered. Il-«bikkerin bil-ġinn kiesaħ» jagħti l-impressjoni ta' stat biered, suġġeriment li hu żviluppat bid-dehra tal-«muntanji (li minnhom) niżlin ix-xmajjar tas-silġ». Mizzi jagħti xeni differenti, iżda jżomm bejniethom aspett komuni: is-silġ fit-tazza u fuq il-muntanji. B'hekk jirnexxilu jżid max-xena li tiġi qabel tifsiriet assoċjati max-xena li tiġi wara. Waqt li r-rabta bejn ix-xeni tibqa' minħabba l-fattur komuni, id-differenza bejniethom tippermetti li s-sens jiġi elaborat.

Ix-xena tas-silġ li mill-muntanji jinżel ifittex «vulkani moħbija» hija żieda fuq ix-xena bierda ta' bikkerin li fih għandu l-ġinn bis-silġ. Iżda l-qarrej jifhem

ukoll li l-ġinn (bis-silġ) jista' jixxebbah mal-vulkani li sejilqgħu fihom «xmajjar tas-silġ». L-elaborazzjoni permezz ta' xeni differenti tindika sens profond li baqa' l-istess; is-sens ta' elementi kuntrarji (kesħa u sħana) li jridu jiltaqgħu.

Il-vers «għaraq kiesaħ fuq ġbini» jintroduċi lill-poeta fis-sinifikat li nbena sa issa, waqt li jħalli l-istess djalettika bejn temperaturi opposti. L-għaraq, ikkawżat missħana, jsir kiesaħ. Il-qarrej jirrealizza li l-bażi immaġinattiva tal-poeżija hi dejjem l-istess: l-inkontru bejn issħana u l-kesħa. Huwa f'dal-waqt li l-poeżija tittratta b'mod sħiħ it-tema ċentrali: il-fatt li l-bniedem hu ħlejqa solitarja («warda waħda waħdiena») li tfittex fl-etern (f'kobor biered u vojt), sħana li għalkemm tweġġa' xorta hi mixtieqa («nixxennaq l-irdieden t'oranġjo/tas-sħana li tikwi»). Ix-xebh bejn is-sħana u l-ħajja, u bejn il-kesħa u l-kobor etern, jew il-vojt, isir aktar ċar lejn tmiem il-poeżija. Ix-xewqa aħħarija hi preferenza għas-sħana mqar jekk din «ittemm», b'allużjoni għall-paradoss tal-bniedem li jgħix u fil-proċess joqrob lejn tmiem. Ix-xejn hu inevitabbli għax il-bniedem hu diġà mitluf f'vojt universali, u għax il-ħajja nnifisha hi kundanna ta' tmiem:

> Jien nibki
> ix-xejn ta' xejni
> nixxennaq il-forġa li tikwi u ttemm.

F'*Reqqa ta' Qalb* il-bniedem hu meqjus sforz kontinwu «kontra l-kurrent» waqt li l-«ħtija» u t-«tixjin» huma inevitabbli. L-ansjetà li jissuġġerixxi t-titlu hi l-effett ta' ħajja li fiha kull sforz għal sens u għal għajxien dejjiemi jfalli. Il-bniedem hu sforz kontinwu għalxejn. Idejh jimtlew «bl-infafet u l-bżieżaq» fl-impenn tiegħu biex jagħti ordni u permanenza lil ħajtu, iżda l-futur ma

jwegħidx suċċess. It-tmiem hu «tidwib» f'xejn li diġà jiddefinixxi lill-bniedem ħaj:

> Mhux bnazzi twiegħed
> ix-xemx fil-għodwa
> mfisqija fil-vjola,
> imma żlieġa ta' dmugħ il-għajnejn,
> ta' stqarrija ta' ħtija
> ta' tixjin,
> ta' tidwib
> fix-xejn ta' xejnna.

Minħabba l-fatt li l-bniedem hu l-ħolqien kontinwu ta' l-eżistenza tiegħu nnifsu flok essenza li tinstab, Mizzi jissuġġerixxi li t-tiftixa għall-jien tirriżulta biss fis-sejba ta' proċess ta' esperjenzi bla identità li tippossedihom. Poeżija bħal *Daħka* tista' sservi ta' eżempju, għax f'espressjoni qasira tagħti reazzjoni umana bla ma tibni eżistenza ċerta warajha. Il-ħjiel li hemm xi ħadd jeżisti jiġi mill-impressjoni li tħalli l-ħajja fl-għajnejn imbexxqa ta' poeta jidħak. Ix-xebh mal-pittura ta' Cezanne jindika li l-ħajja hi impressjoni momentarja ta' «tiżliġ u dbabar ta' kulur kif tidher/xena mad-daqqa t'għajn». Kemm il-ħajja, kif ukoll il-bniedem li japprezzaha, huma bħal espressjoni vojta li sseħħ fix-xejn:

> Stħajjilt il-ħajja
> bħal daħka fiergħa f'ħalq belhan li tidwi
> ġo swali vojta.

Il-punt hu li x-xejn jista' jinħoloq biss minn kuxjenza li tippretendi s-sens jew dak li tixtieq. Jean-Paul Sartre isostni li x-xejn inħoloq mill-bniedem li, meta ma sabx dak li xtaq, ifforma l-idea tan-nuqqas.[9] F'*Biża'* n-«nuqqas» hu relattiv għax-«xewqat», u l-biża' tinħoloq meta l-bniedem jagħraf li d-dinja hi indifferenti għall-

bżonnijiet tiegħu. Il-qagħda ta' ruħ iżolata f'dinja li ma tixtieqx u ma tippretendix, għax ma taħsibx, tissarraf f'ansjetà.

F' waqtiet Mizzi javviċina l-istess tema billi jippreżenta l-ħajja bħala proċess ripetittiv u indefinit. Is-sens, f'eżempji bħal *Ħnejjiet* u *Taqtir is-Skiet*, hu ta' tkomplija li sempliċiment isseħħ bla oriġini jew tmiem ċari. Il-ħajja tal-poeta, fi *Ħnejjiet*, hi «akwedott» li jitwieled mill-ilma u li jestendi ruħu bla skop. L-individwu hu essri momentarju li jirkeb ritmu naturali għal waqt, sakemm dan ir-ritmu jibqa' sejjer mingħajru:

> U għada l-ħnejjiet
> bla ma rrid jaħarbuli
> bħal tisfira ta' tren
> maħtufa fil-ġiri.

L-għaġla tal-ħajja, il-fatt li l-individwu aktar jobdi istint ġenerali milli hu ħieles, u l-fatt li l-ħajja tiġi mislufa, huma mistoqsija dwar is-sinifikat ta' l-individwu fi proċess universali. L-istess parteċipazzjoni f'ritmu u f'forza akbar minnu tista' tagħmel lill-individwu eżistenza bla tifsira.

F' *Taqtir is-Skiet* is-skiet li «jqattar» f'għerien u fi swali, jew in-nuqqas ta' ħoss li hu ppreżentat f'postijiet vojta, jimmarka l-ħin għaddej. Il-fatt li s-skiet hu ppreżentat bħala qtar joħloq il-kuntrast ta' skiet f'ritmu ta' ħoss. Il-kuntradizzjoni hija effettiva għax tagħti l-impressjoni li fejn hemm sensazzjoni, bħas-smigħ, din tista' tkun tiġrib tax-xejn innifsu. L-implikazzjoni hija li x-xejn jiġġarrab bil-parteċipazzjoni tas-sensi u mhux meta ma nġarrbu xejn. It-tema ewlenija tar-ritmu tingħaqad mat-tema eżistenzjalista tax-xejn. Is-suġġeriment hu li l-ħajja hija sforz ritmiku u fiżiku bla oriġini u bla għan. L-effett

fiżiku «ġol-ġbejna/ħemdiena tal-moħħ» jindika li l-involviment uman f'ħajja bla għan jisfa f'turment:

Sinkopati s-sekondi
jittappnu
rbattuti f'taħbithom . . .
imsiemer
ġol-ġbejna
ħemdiena tal-moħħ.

U qisu
bħalkieku fl-għadira ta' ħolma
l-imgħoddi
il-preżent
u l-ġejjien
qed jeżistu flimkien,
simultanji
bħal binarji . . .
minn imkien
u għal imkien.

F'dan id-dawl jinftiehem aktar għalfejn poeżiji bħal *Awto-Kuxjenza*, *Djalogu* u *Identità* jippreżentaw il-jien bħala essri li ma jistax jikkoinċidi ma' l-essenza tiegħu stess. F'*Awto-Kuxjenza* l-imgħoddi mhux tal-jien. Il-bniedem hu essri estiż fiż-żmien u kull mument hu qtugħ immedjat minn mumenti passati, tant li l-għajxien fil-preżent ifisser nuqqas ta' preżenza fil-passat, jew xejn x'imkien ieħor. L-eżistenza, b'dal-mod, hi dejjem sofferenza ta' vojt jew ta' nuqqas, anki jekk in-nuqqas hu ta' passat li niftakruh bħala tagħna.

Fi *Djalogu* l-argument dwar evoluzzjoni sħiħa li tesprimi ruħha permezz ta' l-individwu jimplika li l-individwu hu realizzazzjoni momentarja li essenzjalment ma hi xejn. Il-poeżija titkellem dwar proċess (evoluttiv) u mhux dwar preżenza. F'*Identità* tinstab il-

konklużjoni inevitabbli ta' dil-viżjoni. Il-poeta jfittex l-identità tiegħu fil-mera, jew ifittex l-essenza b'mod konkret u apparenti. Bħal f' *Taqtir is-Skiet*, it-tiġrib fiżiku mhux konferma ta' ħajja li għandha essenza. Il-bniedem jista' jara lilu nnifsu fil-mera, bħalma jista' jgħix ħajja kollha kemm hi senswali, u xorta jħoss li l-identità tiegħu u l-ħajja huma intrinsikament vojta. F'dal-mument hu evidenti li Mizzi mhux ifittex preżenza fiżika, jew għallinqas li l-preżenza fiżika mhix xhieda ta' eżistenza għalih. L-identità, il-preżenza ġewwiena li tagħmel lill-bniedem eżistenti bħala individwu, la hi fiżika u lanqas tinstab:

Lil xbiheti riflessa fil-mera
staqsejt min jien.

Tiħux lala!
Anqas biss ma għandek dritt li tħektek
fuq il-bieb tal-misteru.

Il-kawża ta' l-ansjetà eżistenzjalista ġejja mill-fatt li l-bniedem irid jgħix ħajja b'responsabbiltà bla ma jaf min għexha. Is-sens ta' vojt, għalhekk, hu inkorporat fl-għajxien u ma jfissirx nuqqas ta' ħajja. It-tiftixa xjentifika għal preżenza essenzjali tisfa f'falliment għax waqt li quddiem ix-xjenzjat hemm ħajja, il-ġisem waħdu joffri biss tagħrif materjali. Ir-ruħ, il-preżenza essenzjali mfittxa, tibqa' ma tinstabx:

Int xadin marbut fuq irħama,
libsin ġagaga jduru miegħek
l-uċuħ imqita bil-ħġieġa għarriexa
ma' ħbub għajnejhom.
La jlestu minnek jiżbarazzawlek imsarnek,
iħituk fuq fuq u jixħtuk
ma' l-iskart.

Fi *Flokk tas-Suf* diversi aspetti ta' l-eżistenza umana

huma mistħarrġa bl-istess viżjoni eżistenzjalista. Il-flokk tas-suf, minsuġ mill-omm, hu s-simbolu ta' eżistenza li ma tistax tinqabad fi kliem għax hi proċess ta' żarmar mhux stat fiss. Il-flokk tas-suf hu xkiel, bħal «għanqbuta (li)/tisrom ġo fiha/l-insett». Għalkemm l-omm ma kellhiex l-għan li toħloq din ir-restrizzjoni, it-twelid ifisser saram u ansjetà f'eżistenza li hi proċess ta' qerda. L-omm twelled falliment għax iġġib fid-dinja individwu u proċess immedjat ta' diġenerazzjoni. Il-ħlejqa umana ssir tiġrib kontinwu ta' żarmar aktar milli preżenza:

Minn dal-flokk li nsiġtli,
ja ommi
dikment waqa' pont . . .
iżżarrtet ħajta
li bdiet tinħatt u tinħatt.

L-ANSJETÀ

Fil-viżjoni eżistenzjalista l-bniedem ansjuż hu aktar awtentiku għax jagħraf il-qagħda vera tiegħu, jew għax jaffronta l-paradossi ta' l-eżistenza tiegħu. Il-persuna li ma ssofrix qiegħda tgħix f'ħolma, f'tama fiergħa jew f'«fidi ħażina».[10] Diversi poeżiji li jittrattaw it-tema taxxejn huma wkoll espressjonijiet ta' ansjetà. Il-biża' u t-turment ma humiex evitati minn Mizzi. F'waqtiet huma ppreżentati bħala karatteristika ewlenija ta' l-eżistenza. Hekk f'*Biża'* l-ansjetà ssir «faħma taħraq» li toħnoq il-gerżuma. Fi *Tħassib* «il-ġuħ li jgħawwar fi stonku vojt» u d-dubju f'essri assolut li jista' jagħti xi sens lill-ħajja huma rrelatati. F'*Malaise* l-għarfien ta' l-eżistenza bħala proċess ta' ħajja u mewt jissarraf f'ansjetà u f'effetti fiżiċi negattivi. Il-preludju għall-ħarsa «ġo ħondoq mudlam», li tagħti għarfien profetiku, hu turment fiżiku u

mentali. Is-suġġeriment kontinwu hu li l-viżjoni profonda, il-kapaċità ta' ħlejqa li tara aktar, hi akkumpanjata b'ansjetà:

> Waqtiet bħal deni rqiq jirkibni,
> imsarni jaħarqu bil-weġgħa
> t'għanjiet qed jissajru ġol-ġuf.
> U ġo demmi tnabar kotrana daqs il-weraq
> li jperpru ġor-riefnu tal-bosk
> jitriegħdu.
> Tpespis mitfi ta' miljuni ta' ħlejjaq,
> għasafar, ħut u bhejjem.

Il-fehma umana, li f'waqtiet ikollha intuwizzjoni ta' l-ordni tal-ħolqien, tinqasam bejn faxxinu u biża', jew bejn gost bl-għarfien ġdid u ansjetà. Il-waqt isir affaxxinanti u delikat fl-istess ħin. L-ansjetà nnifisha tindika aspetti paradossali ta' l-eżistenza umana. Fuq naħa tixhed li hemm ħlejqa li teżisti b'mod fiżiku u konxju, għax it-turment li jippreżenta Mizzi hu psikiku u somatiku fl-istess waqt. Fuq in-naħa l-oħra tixhed id-dubju dwar is-sinifikat ta' l-eżistenza umana. L-ansjetà hi prova ta' essri li jeżisti (għax isofri) daqskemm hi prova tal-problematika ta' l-eżistenza tiegħu.

Dal-paradoss jagħmel id-distinzjoni bejn l-uġigħ u l-apprezzament tal-ħajja insinifikanti. F'*Emikranja* t-ton rassenjat li jilgħab bejn iċ-ċiniżmu u l-aċċettazzjoni ta' l-uġigħ, flimkien ma' termini bħal «nixxaħxħu» u «kumdità», jindikaw li t-turment kontinwu ma jiġix definit b'mod faċli. Ix-xebh mad-doxxa u l-frażi «għal darba oħra» juru li hu turment regulari. Implikazzjoni aktar sottili hi li l-uġigħ isaffi u għaldaqstant hu bżonn. Iżda mbagħad terminu bħal «radjoattiv» iżomm is-sinifikat ċentrali ta' sofferenza li ftit ftit teqred. Ir-referenzi għad-«dmija primordjali», għall-«ħmura msemmna» u għall-

«protoplażma» jindikaw effett li għalkemm ġewwieni ma jistax jissejjaħ individwali. Finalment il-ħtija eżistenzjalista hija ppreżentata bħala l-kwalità li tiġġenera l-istat ansjuż. Hija l-ħtija ta' ħlejqa li trid taġixxi f'ħajja li ħlok raġuni toffri biss il-kastig:

Il-lejla nixxaħxħu taħt doxxa t'uġigħ
bl-imxat joborxu bl-imgħażel
iċ-ċelluli griżi tal-moħħ.
Il-lejla bil-kumdità nassistu
għar-reċta għal darba oħra;
tifqigħa ta' dmija primordjali,
splużjoni ta' ħmura msemmna,
protoplażma b'seba' idejn
traxxax demm radjoattiv tal-ħtija
fuq min ħtija m'għandux.

*Hġieġ* tikkonkretizza s-sofferenza f'xena li ssir metafora estiża: «Qed negħreq ġo baħar ta' ħġieġ».L-isfond ta' dubju reliġjuż u ta' possibbiltà ta' salvazzjoni jerġa' jindika l-istat kuntradittorju li l-individwu jiġġenera. It-tama hija l-punt tat-tluq («nistenna l-idejn jitnewluli»),iżda s-saqajn ħafjin «mixjin fuq il-mewġ priżmatiku/ta' baħar Ġenażaret» jissuġġerixxu wkoll sofferenza kontinwa. Id-djalettika bejn it-tama u d-dubju tiżvolġi f'xena li tippreżenta lill-poeta maqbud fit-trasparenza bla ma jista' jara l-ideali li jfittex:

Jifgani dal-ħġieġ.
Dal-baħar ta' ħġieġ jesponini
għarwien priġunier
bla nista' nittawwal
għal dawl l-għodwiet vjola.
Ħafjin is-saqajn
mixjin fuq il-mewġ priżmatiku
ta' baħar Ġenażaret.

It-tiftixa tal-poeta għad-dawl ta' «l-għodwiet vjola» tisfa fl-espożizzjoni tiegħu bħala «priġunier». Il-fidi ssir taqbida kontinwa li fiha l-individwu jisfa «għarwien». Mizzi jinqeda b'simbolu ċentrali (ħġieġ) biex jassoċja flimkien is-sens ta' tiftixa għall-ideali, is-sens ta' illużjoni («distorzjoni»), is-sens ta' trasparenza li permezz tagħha l-fittiex isir l-oġġett studjat u s-sinifikat rikorrenti ta' sofferenza.

*Il-Brimba* hi wieħed mill-aħjar eżempji ta' l-ansjetà eżistenzjalista. It-talba biex il-poeta jintbagħat «fejn jintemmu l-ilmijiet» tikxef kif f'mumenti s-sofferenza tista' tkun insapportabbli, anki jekk tibqa' bla rabta ma' kawża ċara. Ix-xena ta' turment kontinwu, is-suġġeriment li l-bniedem jinqabad u jeħel fil-ħajja aktar milli jgħixha, u l-implikazzjoni li l-eżistenza hi forma ta' marda («saqajha mniġġsin») huma lkoll aspetti ta' xena waħda allegorika:

> Mitluq fuq l-imluħa tal-laqx priżmatiku,
> fuq it-tranja mbennen ibagħtuni
> xi mkien 'il bogħod, 'il bogħod
> fejn nistkenn minn dil-brimba
> mdendla mas-saqaf bil-ħajta t'għanqbuta
> dil-brimba b'saqajha mniġġsin,
> b'saqajha twal, twal qishom lastku
> tielgħa u nieżla ttabbagħli
> ir-rita ta' moħħi,
> ir-rita ta' moħħi 'nfantili.

NOTI

1. Ara N. Symington, *The Analytic Experience – Lectures from the Tavistock*, London, Free Association Books, 1986, p. 46.

2. Minħabba dawn il-paradossi l-eżistenzjaliżmu ċaħad il-filosofija tradizzjonali,jew il-ħsieb sistematiku u skematiku. L-eżistenza toffri problematika li ma tiġix ittrattata b'mod adekwat f'sistemi ta' raġunament stabbiliti fuq skemi loġiċi. Ara S. E. Stumpf, *Philosophy – History and Problems*, New York, McGraw-Hill Inc., 1994, p. 483.
3. Ara N. Symington, *op. cit.*, pp. 136–7.
4. L-inkonxju kollettiv hu magħmul minn aspirazzjonijiet u ġibdiet li huma ġenerali u li ntirtu minn ġenerazzjoni umana għal oħra. Il-figuri arketipali huma simboli li jirrikorru matul l-istorja umana u li jirrappreżentaw dawn l-aspirazzjonijiet u l-ġibdiet. *Ibid.*, p. 100.
5. Ara A. Preminger (ed.), *Princeton Encyclopedia of Poetry and Poetics*, New Jersey, The Macmillan Press Ltd., 1965, pp. 48–9.
6. Skond Hegel il-qofol ta' l-univers hu proċess djalettiku bejn it-teżi u l-antiteżi li jirriżulta fis-sinteżi. It-teżi hi stat ewlieni li waħdu ma joffri l-ebda żvilupp. L-antiteżi hi stat kuntrarju li joħloq konfront ma' l-ewwel stat. Il-kompromess bejn dawn iż-żewġ stati hu s-sinteżi li hi forma ta' żvilupp. Ara S. E. Stumpf, *op. cit.*, pp. 331–2.
7. Ara N. Symington, *op. cit.*, pp. 218–9.
8. Għall-kuntrarju l-bniedem awtentiku jibda mix-xejn u joħloq hu stess il-valuri u l-immaġni tiegħu nnifsu. Ara J. Macquarrie, *Existentialism – An Introduction, Guide and Assessment*, New York, Corpus Instrumentorum, Inc., 1972, pp. 206–9.
9. Ara S. E. Stumpf, *op. cit.*, pp. 513–5.
10. Il-«fidi ħażina» fil-ħsieb ta'Sartre, hija twemmin falz fl-idea li hemm xi valuri, ideali jew prinċipji assoluti li l-bniedem irid jimxi fuqhom. Hija t-twemmin li hemm essenza li hi mogħtija qabel l-eżistenza, jew li hemm kodiċi ta' mġiba u verità li l-bniedem għandu jsegwi. Ara D. E. Roberts, *Existentialism and Religious Belief*, New York, Oxford University Press, 1957, p. 221.

# Il-Qari ta' Poeżija

Bħalma hemm mod kif tikteb li jissarraf f'poeżija, hemm mod kif taqra li jissarraf fil-qari tal-poeżija. Il-kritika li tittratta l-poeta jew it-test letterarju biss, tista' tagħti l-impressjoni li l-poeżija hija forma u kontenut ippreżentati lil qarrej li ma jonqsu jagħmel xejn, ħlief jaqra. Iżda din l-impressjoni tinjora n-neċessità ta' l-apprezzament letterarju, jew tistenna dan l-apprezzament waqt li ma tiffukax fuq min jagħmlu. Naturalment hemm viżjoni komprensiva li tqis l-analiżi testwali u s-suġġerimenti dwar kif jinqara t-test bħala l-istess ħaġa. Hu x'inhu l-każ, is-siwi ta' l-involviment tal-qarrej fil-kritika hu ugwali għas-siwi ta' analiżi li tqis il-kumplessità sħiħa tal-kitba artistika. Kitba artistika tinvolvi tip ta' awtur, tip ta' test u tip ta' qarrej. L-awtur hu l-fattur intenzjonali għalkemm l-intenzjoni tiegħu mhux bilfors tifforma dak li xtaq. It-test hu l-prodott, iżda l-prodott ma jistax ikun definit bħala tali bla apprezzament. L-apprezzament u d-definizzjoni tal-prodott huma reazzjonijiet f'qarrejja.

Poeżija tista' tkun quddiem qarrej u ma tinqarax bħala poeżija. L-iżvilupp fl-edukazzjoni, li ġab miegħu għadd dejjem jiżdied ta' tipi ta' qarrejja (qarrejja tax-xjenza, tal-letteratura, tal-filosofija, fost oħrajn), ħoloq ukoll il-problema ta' ħafna qari bla għarfien tal-fakultà adatta għalih. Dan għax id-demokratizzazzjoni tal-qari permezz tat-tagħlim kellha tkun akkumpanjata b'dis-

tinzjoni bejn tipi ta' qari jew b'tagħlim dwar kif taqra f'oqsma differenti. Ma tistax taqra poeżija bħalma taqra aħbar f'ġurnal. Mill-aħbar trid informazzjoni iżda mill-poeżija tistenna effett differenti. Ma tistax taqra poeżija bħalma taqra rapport xjentifiku, anki jekk il-poeżija tinqeda b'vokabularju xjentifiku. Fir-rapport qiegħed tfittex konklużjoni teoretika waqt li fil-poeżija l-qarrej jissudisfa ruħu bi ħwejjeġ oħra. Waqt li għall-ġurnal il-fakultà li tispikka hi l-kurżità, u għar-rapport xjentifiku napplikaw il-bżonn naturali tagħna ta' prova, jew ta' verifikazzjoni, fil-qari tal-poeżija l-funzjoni ta' dawn il-fakultajiet tonqos u tiżdied il-ħidma ta' oħrajn.

Hemm bżonn tal-qarrej ideali tal-letteratura, li mhux persuna daqskemm hu ġabra ta' indikazzjonijiet li persuni differenti jistgħu jadottaw sa gradi diversi. Bħalma hemm poeti li huma meqjusa aħjar minn oħrajn, hemm qarrejja tal-poeżija li huma aktar kapaċi minn oħrajn fir-realizzazzjoni tal-poeżija. Kultant poeta ma jingħarafx mill-ewwel, fl-aqwa ħila tiegħu, għax il-poeżija ma tkunx moqrija bl-attenzjoni adatta. Il-kritika evolviet billi qieset liema teknika letterarja kienet aktar effettiva minn oħrajn, u billi indikat dan l-effett. Iżda l-kritika tista' tinqata' mid-dinja tal-letteratura jekk ma tibqax tagħraf li dan l-effett ġie attwat f'qarrej, u għandu jingħata lill-qarrejja biex il-qari nnifsu jevolvi.

Kultant ngħidu li poeta hu diffiċli u ma ngħidux li l-qari kien faċli wisq. Il-poeżija tinkorpora l-proċess sħiħ minn awtur, għal test, sa qarrej. Il-kritika, fid-diversi skejjel tagħha, għandha tendenza tiffoka fuq wieħed minn dawn u tenfasizza lilu. Iżda kritika aktar komprensiva tista' tittratta l-proċess sħiħ u tqis ir-relattività bejn intenzjoni, prodott u reazzjoni. Bħal kull xorta ta'

studju relattiv, dan mhux faċli. Lanqas ma hu għalkollox ċar jekk il-proċess iseħħx f'din is-sekwenza, għax skejjel ta' kritika partikulari jippreżentaw il-prodott bħala t-tielet stadju: intenzjoni, qari, prodott.

L-għan ta' din it-taqsima mhux li l-qarrej ta' Achille Mizzi jiġi ristrett għal skema waħda ta' qari, iżda li b'mod ġenerali l-poeżija tingħaraf bħala l-attivazzjoni ta' aspetti tal-ħsieb, jew li b'mod speċifiku jidher kif il-poeżija moderna titlob ċertu tip ta' qari. L-istudent ma għandux iqis is-suġġerimenti li jsegwu bħala tmiem fihom infushom, imma aktar bħala introduzzjoni prattika għall-qari tal-poeżija. It-test letterarju jibqa' miftuħ għal diversi realizzazzjonijiet ta' diversi qarrejja, u jista' jitqies bħala prodott li qatt ma hu lest. Il-qarrej individwali ma għandux jistrieħ fuq il-qari ta' ħaddieħor, anki jekk l-ieħor ikun kritiku. L-istudent tal-letteratura għandu jkun kapaċi jaqra l-poeżija, mhux jimmemorizza n-noti dwarha u dwar poeta. Id-differenza bejn iż-żewġ każi hi ovvja. Fl-ewwel każ l-istudent għandu l-muftieħ għall-poeżija, waqt li fit-tieni każ għandu ħila li tippossiedi poeta wieħed biss.

## QABEL IL-QARI TAL-POEŻIJA

Hemm aspetti bażiċi tal-preparazzjoni għall-qari tal-poeżija, u dawn jistgħu jissemmew anki bla ma tkun magħżula l-poeżija. L-ewwelnett il-qarrej se jġarrab xi forma ta' viżjoni jew fehma. Dawn rari jkunu viżjoni ċara jew messaġġ litterali. U rari aktar li jkunu sseparati mill-emozzjoni u s-sentiment tal-poeta. Fil-fatt il-messaġġ ta' poeżija tant ikun imħallat ma' burdata, ma' sentiment jew, ġieli, ma' kunflitt interjuri, li ma jkollux

in-natura tal-messaġġi li aħna nagħtu lil xulxin fil-ħajja ta' kuljum. Il-messaġġ jista' jkun impressjoni li l-kliem iħalli fil-qarrej; jista' jkun burdata, ansjetà jew xi effett ieħor li jintlaħaq mhux bit-tifsira tal-kliem iżda bl-arranġament tal-kliem, ġieli b'nuqqas ta' kliem fil-pożizzjoni adatta. Anki meta l-messaġġ hu kkostitwit minn tifsiriet lessikali, il-kliem magħżul rari jagħti tifsira biss. Il-grad safejn test isir poetiku jikkorrispondi mal-grad safejn il-kliem jimmodifika t-tifsira komuni tiegħu. Il-qarrej aktar avvanzat mhux kuntent bit-tifsir verbali iżda jfittex dettalji ifjen li juru *kif* ġie applikat, elaborat, jew b'xi mod ieħor mittiefes, dan it-tifsir ovvju u ewlieni.

Il-poeżija hi għażla ta' kliem qabel ma hi arranġament tiegħu. Hu siewi li l-qarrej jinnota, ma' l-ewwel jew mat-tieni qari, liema reġistru qiegħed jintuża. Kull kelma għandha diversi assoċjazzjonijiet iżda l-qarrej jista' jagħraf liema minn dawn huma validi għall-poeżija billi jqis il-kuntest sħiħ u jelimina t-tifsiriet assoċjati li donnhom ma għandhomx rilevanza. Hawn spiss iseħħ l-iżball li assoċjazzjonijiet rilevanti jiġu injorati u oħrajn bla siwi jiġu interpretati. Il-ħila fl-għażla adatta tat-tifsiriet assoċjati tiġi biż-żmien u bil-qari.

Ħafna drabi huma implikazzjonijiet sottili, aspetti moħbija fix-xena li l-kelma titlob bħala sfond għaliha, u anki t-ton li l-kelma ngħadet fih, li jgħinu biex it-tifsira lessikali tisfuma f'tifsir ieħor. Il-qarrej għandu jagħraf ikejjel id-distanza bejn id-denotazzjoni, jew it-tifsir litterali, u l-konnotazzjoni, jew it-tifsir implikat ta' l-istess kliem. Waqt il-qari ta' poeżija hu eżerċizzju bażiku li l-qarrej iqis id-differenza bejn il-kelma fil-poeżija u l-istess kelma fit-taħdit komuni.

Huwa diffiċli ħafna li poeżija ma tinkludix il-metafora, is-simbolu, l-allegorija jew xi forma ta' paragun. Għal ħafna dan hu l-aspett ċentrali tal-poeżija. Il-poeta jfittex xbihat u espressjonijiet li jitbiegħdu mit-trattament dirett tat-tema, iżda li jagħtu viżjoni aktar profonda tagħha. Il-poeżija tinkludi sforz kontinwu biex is-suġġett jissarraf f'esperjenza umana. Xbihat allegoriċi u metafori jistgħu jsarrfu argument f'tiġrib prattiku li l-qarrej mill-ewwel jifhem. Is-simboli jirrappreżentaw tifsira billi jinkorporawha f'emblema li jkollha firxa semantika wiesgħa. Is-similitudni, jew il-paragun sempliċi, tqabbel karatteristiċi ta' element ma' dawk ta' ieħor. F'kull każ il-fehma tal-qarrej tiġi posposta u mbagħad elaborata. Il-poeżija mhix twila jew qasira daqskemm hi mbiegħda jew viċina tal-fehma, jew tal-viżjoni, li l-poeta jixtieq joħloq fil-qarrej. Dan hu t-tul jew il-qosor ta' ħin li tieħu l-poeżija biex tinqara bħala poeżija. Il-qarrej għandu javviċina poeżija bl-għarfien li s-sens li finalment jispiċċa bih se jkun pospost u elaborat.

Barra mill-figuri tat-taħdit, mill-vokabularju u mit-tema ġenerali, il-poeżija hi magħmula wkoll minn skema ta' ħsejjes. L-assonanza u d-dissonanza; ir-rima; l-arranġament metriku, jew ritmiku; ir-ripetizzjoni u d-diwi, u diversi eżempji oħrajn jixhdu li l-poeta jipprova jikkontrolla l-ħsejjes li jagħmel il-qarrej waqt il-qari. Dan l-aspett tal-poeżija ma għandux tifsira iżda jiddetermina l-qawwa u l-modifikazzjoni tat-tifsira. Għandu s-setgħa jpoġġi lill-qarrej f'burdata mqar billi jikkontrolla n-nifs u l-grad ta' sforz biex il-qari jseħħ. Il-valur ta' dan l-aspett tal-poeżija hu għoli għax il-ħoss tal-poeżija jista' jiġi rrealizzat b'mod inkonxju mill-qarrej. Għax hu aspett konkret u immedjat tal-qari tal-

poeżija, il-ħoss jista' jidher innoċenti u newtrali. Bil-ħoss il-poeta għandu s-setgħa jinstiga attitudni fil-qarrej u jaħbi l-oriġini ta' din l-instigazzjoni. Il-qarrej jista' jkun ippreparat għall-effetti bażiċi tal-ħoss billi jfaddal parti mill-attenzjoni għal dawk il-partijiet fil-poeżija fejn il-ħeffa tal-qari tinbidel, fejn hemm ripetizzjoni ta' ħoss jew fejn il-grad ta' sforz biex ilissen il-kliem jinbidel. Għandu jistaqsi għalfejn dawn l-effetti jseħħu f'ċertu partijiet mill-poeżija u mhux f'oħrajn, u għandu jistenna korrelazzjoni bejn l-arranġament tal-ħoss u s-sens.

Finalment poeżija hi effett wieħed u hu inutli li l-qarrej jagħraf aspetti minnha biex iħallihom sejbiet isseparati. Il-qarrej ideali qatt ma jabbanduna l-poeżija sħiħa biex jiġbor dettal, iżda jagħraf jiġbor dettalji ġodda permezz tal-poeżija sħiħa. Għax il-qari tal-poeżija hu proċess ripetittiv li jagħni l-istess esperjenza ta' qari b'sottilezzi misjuba tard, mhux proċess lineari li jgħaddi minn sejba għal oħra. L-aħjar ħjiel għal x'għandu jiġi mfittex fil-poeżija hu l-poeżija nnifisha. L-aħħar parir introduttiv hu li l-qarrej iħalli l-poeżija sħiħa, jew li jsib fejn jidħol l-effett individwali f'mekkaniżmu sħiħ. L-effett meħud separatament hu teknika, iżda meqjus f'postu jsir organu vitali tat-test. Il-qarrej irid jaqra poeżija, mhux teknika.

## EŻEMPJU PRATTIKU: IL-POEŻIJA *TRAB*

*Ma jbaqbaqx feroċi*
*t-trab*
*mhux bħal-lava li ċċaqċaq l-iskorċa.*
*It-trab għabra fina . . .*

*persistenti t-trab*
*u fitt.*
*Mhux jibla' u jikkonsma*
*imma jiksi bl-istrati . . .*
*tħaddina muta siekta bil-lajma.*

*Lil missieri bala' t-trab,*
*lil ommi għad jibla',*
*lil marti, 'l uliedi, lil ħija . . .*

*Lil Ċinzja u lil Nadja li żejnu t-triq*
*bi ġmielhom.*

*Lil Wenzu, lil Vestru, lil Nestru*
*jiċċajta u jiddieħaq.*

*Fuqhom ukoll it-trab*
*bħal ġuf nessej* għad jingħalaq*
*biex joftomhom minn ħsejjes u lwien.*

*Lili għad jibla' t-trab,*
*lil kull m'għandi u kulma jkolli*
*bħal kefen aħħari.*
*Lilna lkoll bħal fossili ngastati*
*fil-wisa' u fiż-żmien*
*nistennew jekk hemm, il-qawmien,*
*bħaż-żrieragħ ġo l-art . . .*
*irxiexa nistennew*
*li taħjina . . .*
*minn fomm it-trombi ħabbara*
*nistennew,*
*jekk hemm,*
*qawmien.*

## *1.0 Impressjonijiet Ewlenin sa Xbiha Ċentrali*

L-ewwel qari tal-poeżija dejjem ikun nieqes minn diversi dettalji effettivi. Għalhekk il-qarrej ma għandux jinħasad jekk ma' dan il-qari jkollu biss biċċiet minn impress-

jonijiet sħaħ li ma jkunx jista' jgħaqqad. Impressjonijiet parzjali mill-qari ewlieni ta' *Trab* jistgħu jkunu: it-trab hu «persistenti» anki jekk hu element bla forza; it-trab qered u għad jeqred lil bosta nies; it-trab għad jeqred lill-poeta; u l-bniedem jittama fil-qawmien wara l-mewt. Id-diversi impressjonijiet jistgħu jingħaqdu f'sens ġenerali billi l-qarrej jerġa' jaqra l-poeżija u joqgħod attent għal fattur komuni. Fl-ewwel strofa t-trab «jiksi» u ma jiblax; fit-tliet strofi li jsegwu t-trab jibla' jew se jibla' lil bosta nies; fl-aħħar strofa t-trab «għad jibla'» lill-poeta u l-bnedmin kollha jistennew il-qawmien. Fil-parti l-kbira ta' dawn l-impressjonijiet parzjali t-trab hu assoċjat ma' qerda perpetwa li ġġiegħel lill-bniedem jittama f'qawmien. Waqt li l-qarrej iressaq l-ewwel impressjonijiet lejn xulxin biex isib sekwenza loġika, jew għall-inqas xi aspett li jgħaqqadhom, jirrealizza li l-fattur komuni hu l-mewt. Dan wasal għalih billi niżżel l-impressjonijiet ewlenin f'lista u rripeta l-qari sakemm sab liema implikazzjoni terġa' tixref, jew billi qies liema element jew tiġrib joqgħod flok il-kelma ċentrali «trab». Barra minn hekk il-qarrej seta' qabbel is-sekwenza loġika li sab bejn l-ewwel impressjonijiet (minn trab qerriedi u «persistenti» sa tama f'qawmien) ma' sekwenza simili u sinifikanti fil-ħajja tal-bniedem (il-mewt inevitabbli u t-tama f'ħajja oħra). Il-mewt hi inevitabbli bħalma t-trab hu «persistenti»; il-mewt tiġi bil-lajma iżda teqred bħalma t-trab jinżel bilmod iżda «jibla'»; il-mewt ma tagħmilx distinzjonijiet bħalma t-trab «għad jibla'» lil kulħadd. Meta l-qarrej jirrealizza li anki fid-dettal il-korrispondenza bejn l-impressjonijiet ewlenin u l-fattur komuni li sab hu tibqa', ikollu konferma tal-validità tas-sejba tiegħu.

Differenza essenzjali bejn qari ieħor u l-qari tal-poeżija diġà ħarġet. Il-qari tal-poeżija jirrikjedi, speċjalment meta l-poeżija hi simbolika ħafna, is-sejba tas-suġġett waqt li l-għan f'kitba oħra hu li s-suġġett jidher b'mod ċar u immedjat. Il-qarrej tal-poeżija jrid jinvestiga l-impressjonijiet ewlenin li jingħatawlu biex isib l-istess traċċi tematiċi, waqt li l-qarrej f'oqsma oħra ta' studju ma jirrikjedix dan l-isforz inizjali.

*1.1* Sa issa kulma għamel il-qarrej hu li ġabar ix-xbihat jew l-ideat primarji u wasal għat-tema. Bla ma jibda janalizza l-għażla tal-kliem, it-teknika metaforika u l-ħsejjes, iżda billi joqgħod attent għal dettal dejjem ifjen fix-xbihat, il-qarrej jista' jikkwalifika aktar it-tema. Għalhekk il-qari li jmiss għandu jiffoka fuq dettal fl-immaġinazzjoni biss. Hu siewi li qabel kull qari l-qarrej ikun jaf x'se jfittex. Kultant il-qari ta' qabel jindikalu liema kwalitajiet isegwu fil-bini tal-poeżija, għax waqt li jżommu marbut ma' aspett ġenerali (bħax-xbihat), jindika wkoll liema grad ta' dettal imiss.

Il-qarrej l-ewwel jagħraf x'ma jagħmilx it-trab («ma jbaqbaqx feroċi») u bħal xiex mhux («mhux bħal-lava li ċċaqċaq l-iskorċa»). Ta' min jinnota li l-bidu tal-poeżija hu fin-negattiv u li l-qarrej irid iwarrab karatteristiċi partikulari min-natura tat-trab aktar milli jiddefinixxih b'karatteristiċi ppreżentati. L-impressjoni li tingħata wara hi definittiva: it-trab hu «għabra fina», «persistenti» u «fitt»; tliet kwalitajiet li fil-fatt huma aspetti rrelatati. Il-qarrej jista' jifhimhom bħala kawża u effett ta' xulxin: ladarba t-trab hu «għabra fina» bilfors hu «persistenti», u għax hu hekk hu «fitt».

L-aħħar perijodu fl-ewwel strofa jagħti n-negattiv

u d-deskrizzjoni definittiva ta' l-effett tat-trab f'salt. It-trab ma jiblax u ma jikkonsmax, iżda «jiksi bl-istrati». Il-qarrej attent jagħraf li waqt li hemm differenza bejn l-azzjoni nnegata («jibla'», «jikkonsma») u l-verb «jiksi», l-effett aħħari tat-tnejn (il-mewt) hu l-istess. Id-differenza hi bejn modi kif il-qerda sseħħ u mhux bejn il-qerda u l-għajxien. Barra minn hekk «jiksi bl-istrati» hija kwalifika tax-xbiha ta' trab «persistenti» u «fitt», u tagħti l-impressjoni ta' xi element li jsofri l-azzjoni tat-trab. L-element affettwat (in-nies) hu ttrattat fl-istrofi li jsegwu. L-aħħar vers jissuġġerixxi li t-trab għandu firxa permezz tan-nom «tħaddina». Finalment, il-frażi avverbjali «bil-lajma» tippreżenta dettal ġdid fl-azzjoni sħiħa.

Waqt dan il-qari ta' l-ewwel strofa l-qarrej għandu jirrealizza x'tip ta' perspettiva qiegħda tinħoloq fih, x'tip u xi grad ta' attenzjoni qiegħed jitlob il-poeta, u kif jingħaqdu l-biċċiet ta' l-ewwel xbiha allegorika. Bħala eżempju l-qarrej seta' fehem li t-test iġiegħlu jibdel perspettiva negattiva għal waħda pożittiva: il-qarrej ma jaċċettax kwalitajiet u jaċċetta oħrajn rigward it-trab, għalkemm il-perspettivi huma differenza falza rigward l-effett. Il-qarrej għall-ewwel jistenna differenza (bejn it-trab u tipi oħra ta' qerda), iżda b'aktar reqqa jagħraf li ma hemmx. Il-bidla fil-perspettiva min-negattiv għall-pożittiv, li fil-fatt mhix bidla sinifikanti, tiġi nnewtralizzata b'mod aktar deċiżiv permezz tal-kuntradizzjoni li tiġi fit-tielet strofa (it-trab wara kollox «jibla'»).

Il-grad ta' attenzjoni mitlub mill-poeta hu għoli għax id-dettalji verbali, aġġettivali u avverbjali huma fini. Permezz tal-logħob bil-perspettiva u tad-dettalji l-biċċiet

jistgħu jingħaqdu f'idea koerenti: it-trab mhux qerda goffa bħalma jirriżultaw fiha diżastri oħra (bħall-iżbruffar ta' vulkan, issuġġerit bil-frażi «lava li ċċaqċaq l-iskorċa»), it-trab hu qerda lajmana li sseħħ fis-skiet. Hu faċli, minn din ix-xbiha allegorika, li wieħed jasal għal interpretazzjoni: it-trab hu simbolu ta' qerda li sseħħ bilmod, kullimkien u bla waqfien. Bħalma għall-ewwel il-qarrej jagħmel differenza falza bejn it-trab u forom oħra ta' qerda, il-bniedem jista' jagħmel differenza bejn il-ħajja u l-mewt aċċidentali, iżda l-ħajja nnifisha hi mewt lajmana. L-interpretazzjoni mhix xi għan li l-qarrej irid jilħaq billi jinsa d-dettalji li wassluh għaliha. Hi biss konċiżjoni u arranġament ta' dawn id-dettalji meħudin f'salt.

*1.2* It-tliet strofi li jsegwu jikkuntradixxu dak li ġie ppreżentat fl-ewwel xbiha. It-trab issa hu element li «bala'» u li «għad jibla'». Ir-ripetizzjoni tal-prepożizzjoni «lil», il-firxa tal-vittmi minn qraba sa karattri magħrufa, u d-dettal dwar l-imġiba u l-apparenza ta' wħud minnhom, kollha flimkien jenfasizzaw il-fatt li t-trab jeqred lil kulħadd b'mod vjolenti. Ir-ripetizzjoni tal-prepożizzjoni tikkonferma l-omnipreżenza, l-indifferenza u l-persistenza tat-trab.

Ix-xbiha fl-ewwel strofa hija f'kuntrast max-xbiha tat-tieni strofa (jekk din tista' tiġi mmaġinata). L-ewwel strofa tiddeskrivi kwalitajiet reali tat-trab, u tinnega kwalitajiet li verament ma jinstabux fit-trab għalkemm jistgħu jiġu applikati fuqu b'mod metaforiku. Id-deskrizzjoni fl-ewwel strofa hi allegorika iżda mhix metaforika bħat-tieni xbiha fit-tliet strofi li jsegwu. Hawn it-trab jibla', jew hu meqjus permezz ta' azzjoni ta' annimal

selvaġġ li jeqred. Il-poeta jdgħajjef l-importanza tal-mod kif isseħħ il-qerda billi jikkuntradixxi x-xbiha ewlenija. Għalkemm fiż-żewġ xbihat hemm enfasi fuq il-mod kif it-trab jeqred, il-qarrej jirrealizza, permezz tal-kuntradizzjoni, li din l-enfasi tagħti postha lill-effett li hu komuni bejn iż-żewġ każi.

*1.3* Il-ħames strofa toffri xbiha dettaljata fi tliet versi. It-trab «għad jingħalaq» fuq in-nies imsemmija qabel «bħal ġuf nessej». Din l-azzjoni tifred lill-mejjet «minn ħsejjes u lwien», jew mis-sensazzjoni fiżika. Minħabba li l-ewwel vers ta' din l-istrofa jirreferi għan-nies li ssemmew fit-tliet strofi ta' qabel, il-qarrej jista' jkollu l-impressjoni li l-ħames strofa hi ripetizzjoni li tenfasizza dak li diġà ngħad. Iżda l-istrofa tagħti dettalji ġodda permezz ta' xbiha ta' ġuf, li fil-fatt iżomm il-ħajja, anki jekk hu «nessej». It-terminu ta' l-aġent «nessej» jindika li l-ġuf mhux qerda assoluta iżda hu firda mid-dimensjoni materjali jew mill-ħajja kif nafuha, dettal li hu kkonfermat bl-aħħar vers fl-istrofa (il-verb «joftomhom» jindika firda aktar milli qerda).

Il-qarrej għandu jirrealizza li permezz ta' xbiha li għall-ewwel tidher inkongruwenti, ix-xbiha ta' ġuf bħala xebh mat-trab jew mal-mewt, il-poeta wasal fil-kunċett paradossali u kristjan ta' mewt li hi ħajja. Il-ġuf jissuġġerixxi bidu ġdid u jagħti l-impressjoni li t-trab mhux qerda iżda metamorfosi. Din l-impressjoni ma ngħatatx fix-xbihat ta' qabel.

*1.4* Finalment l-aħħar strofa tintroduċi l-aktar xbiha preokkupanti għall-poeta. It-trab, jew il-qerda li wara kollox hi metamorfosi, għad jibla' lilu: «Lili għad jibla'

t-trab». Mill-ġdid hi enfasizzata l-impressjoni ta' tħaddina li tiġbor kollox fiha. «Bħal kefen aħħari» t-trab għad jibla' mhux lill-poeta biss, iżda lil kulma għandu. L-ewwel persuna singular issir imbagħad plural («lilna lkoll») biex il-qerda tal-poeta titpoġġa f'dimensjoni kollettiva.

Minn hawn 'il quddiem ix-xbiha tat-trab mhix żviluppata aktar, u minflokha l-poeżija tisfuma fi trattament ta' stennija kundizzjonali: «nistennew jekk hemm, il-qawmien». Ix-xebh maż-żrieragħ li jistennew ix-xita jippermetti l-impressjoni li fil-mejjet dejjem hemm il-possibbiltà ta' metamorfosi għall-ħajja, u l-impressjoni li dil-possibbiltà hi ddeterminata minn fattur esterjuri (ix-xita). Il-qarrej jirrealizza li b'din ix-xbiha allegorika l-mewt u l-ħajja jinżammu f'bilanċ. Dan jirrifletti l-istat tal-bniedem li jibża' li l-mewt hi t-tmiem ta' kollox u jemmen f'ħajja oħra fl-istess waqt. Għalkemm ix-xbiha ta' l-«irxiexa» hi rripetuta, u t-tama tidher se tegħleb id-dubju fl-aħħar sitt versi, it-tmiem hu diwi tad-dubju dwar il-qawmien u dan jerġa' jħalli lill-qarrej bejn il-fidi u d-dubju aktar milli jagħtih għażla.

*1.5* Il-qarrej hawn jista' jieqaf u jara x'ġabar permezz tal-qari tax-xbihat. Dan jissarraf f'kontenut siewi kemm-il darba l-qarrej kien flessibbli biżżejjed fl-immaġinazzjoni u ffoka fuq xbihat aktar milli fuq kliem u teknika; ħalla d-dettalji jaħdmu fih sakemm ix-xbihat saru xbiha waħda ġenerali li tħalli barra ċerti aspetti u tenfasizza oħrajn; u sab fattur komuni f'dawn l-aspetti biex jifforma tema jew sinifikat.

Permezz ta' dal-proċess ix-xbihat ewlenin li jiġu f'moħħ il-qarrej jissarrfu f'sinifikat ċentrali li jistab-

bilixxi limitu għall-interpretazzjoni. Ngħidu aħna, il-qarrej diġà stabbilixxa li t-trab hu assoċjat man-negattiv, li azzjoni enfasizzata tat-trab hi l-inżul persistenti, li din l-azzjoni tinvolvi lill-poeta u lil nies li jaf. Mela l-qarrej ma jistax jimmaġina trab qiegħed itir, trab ileqq fix-xemx, trab li hu mqanqal minħabba xi ċaqliq, jew trab li ma għandux relazzjoni mal-ħajja tal-poeta u ta' niesu. Dan l-eżerċizzju hu validu ħafna. Meta poeta jagħti element (trab), il-qarrej għandu jara, bir-reqqa, liema aspetti tax-xbiha rilevanti (għax kull element għandu xena sħiħa bħala sfond li fih jagħmel sens) huma aċċettati, enfasizzati jew imwarrba. B'hekk il-qarrej jibni xbiha ċentrali li sservi ta' sinifikat u ta' limitu.

Il-qari tal-poeżija hu differenti minn qari ieħor għax ħafna drabi l-poeżija tirrikjedi flessibbiltà u firxa immaġinattiva li qari ieħor ma jirrikjedix. L-istudent tal-letteratura spiss isib ruħu jipprova jimmemorizza xbihat, impressjonijiet u dettalji fantastiċi li jisfumaw f'ideat. Liema xbiha ċentrali tixref mill-għaqda tad-diversi impressjonijiet fi *Trab*? Konklużjoni tentattiva tista' tkun din: trab (mewt) nieżel bilmod li apparentament mhux vjolenti jew qerriedi, iżda hu fitt biss, huwa fil-fatt forma ta' qerda kostanti li tiġġarrab minn kulħadd. Din il-qerda tista' tkun tmiem assolut daqskemm tista' tkun il-bidu ta' ħajja oħra. Il-bniedem ma jista' jagħmel xejn ħlief jiddubita, jittama u jistenna.

## *2.0 Il-Vokabularju*

Il-kliem u x-xbihat maħluqa permezz tiegħu għandhom ikunu ħaġa waħda fil-qari tal-poeżija. Iżda meta l-kliem jiġi analizzat għalih, bħala eżerċizzju inizjali li jagħni

l-qari finali tal-poeżija, il-qarrej jista' jiġbor ħjiel ġdid, dwar ix-xbihat, mill-għażla lessikali u mill-arranġament tas-sekwenza tal-kliem fil-poeżija. Mod faċli kif il-kliem jiġi kkategorizzat hu segwit billi l-qarrej jifforma kategoriji skond il-funzjoni grammatikali tat-termini. Fl-analiżi li ssegwi ma tniżżlux it-termini kollha li jappartienu għall-kategoriji, iżda l-parti l-kbira, u rilevanti, tagħhom.

*2.1* Verbi fi *Trab* huma: «(ma) jbaqbaqx», «iċċaqċaq», «(mhux) jibla'», «(mhux) jikkonsma», «jiksi», «bala'» «(għad) jibla'», «żejnu», «jiċċajta», «jiddieħaq», «(għad) jingħalaq», «(biex) joftomhom», «(għad) jibla'», «nistennew», «(jekk) hemm», «nistennew», «taħjina», «nistennew», «(jekk) hemm». Wieħed jinnota li wħud mit-termini, bħal «hemm», ma humiex verbi iżda għandhom funzjoni verbali. Flimkien ma' dawn il-verbi hemm għadd ieħor ta' verbi li huma implikati iżda li fil-fatt ma jinqrawx. Hekk fil-vers «It-trab għabra fina» hemm is-sens ta' «hu» (pronom personali b'funzjoni verbali) mifhum. Eżempju aktar rilevanti hu l-mod kif it-tielet u r-raba' strofi jimplikaw ripetizzjoni tal-futur «għad jibla'»:

(Għad jibla') lil Ċinzja u lil Nadja li żejnu t-triq
bi ġmielhom.

(Għad jibla') lil Wenzu, lil Vestru, lil Nestru
jiċċajta u jiddieħaq.

Huwa utli li l-qarrej jirrealizza liema termini huma nieqsa mill-versi iżda jridu jiġu mifhuma bilfors biex il-versi jagħmlu sens. L-effett ta' dal-kliem li ma jidherx xorta jseħħ. L-ommissjoni ta' kliem li s-sens tiegħu

hu preżenti tindika li l-poeżija għandha aktar kliem milli attwalment jidher. Il-konċiżjoni u l-ommissjoni, f'dal-każ, isiru mezz kif tinħoloq diskrepanza bejn it-tul viżwali tal-poeżija u t-tul vera tagħha, bejn it-tul tal-qari bħala eżerċizzju fiżiku u t-tul tal-qari bħala eżerċizzju mentali.

Il-verbi huma l-azzjoni fil-poeżija u jekk jiġu meqjusa fis-sekwenza li ngħatatilhom mill-poeta, il-qarrej ikollu idea ta' modifikazzjoni, bidla sħiħa jew nuqqas ta' bidla fl-azzjoni. Fil-każ ta' *Trab* ir-riduzzjoni ta' l-attenzjoni għas-sekwenza tal-verbi tinforma lill-qarrej bi skema. Il-verbi jixhdu funzjoni verbali li tibda min-negattiv, tgħaddi għal deskrizzjoni dwar x'jagħmel it-trab, tgħaddi għal azzjoni pjaċevoli tan-nies, tkompli b'sens ta' għeluq u ta' firda, u ttemm f'sens ta' stennija u fil-kundizzjonali.

| Negattiv | Deskrizzjoni pożittiva | Azzjoni pjaċevoli | Għeluq u firda | Stennija u l-kundizzjonali |
|---|---|---|---|---|
| ma jbaqbaqx | jiksi | żejnu | għad jingħalaq | nistennew |
| mhux (bħal-lava li ċċaqċaq) | bala' | jiċċajta | joftomhom | jekk hemm |
| | għad jibla' | jiddieħaq | | nistennew |
| mhux jibla' | | | | nistennew |
| mhux jikkonsma | | | | jekk hemm |

Il-vokabularju li ma jidherx, iżda li hu implikat, iżid termini oħra f'dawn il-kategoriji. L-azzjoni implikata u rilevanti hija «għad jibla'» u din iżżid il-kontenut tat-tieni kategorija. Iżda l-parteċipju u l-

verb «għad jibla'» ma jiġux fit-tieni fażi ta' l-azzjoni. Minflok jingħadu u huma mifhuma f'diversi partijiet tal-poeżija u f'dan is-sens huma l-eċċezzjoni fl-iskema regulari li tidher hawn fuq. Is-sens ta' «għad jibla'» hu rripetut, bi kliem attwali u b'implikazzjoni, sakemm l-azzjoni fit-tieni kategorija ssir ewlenija u mifruxa fuq il-poeżija sħiħa. Eżempju ovvju hu l-bidu ta' l-aħħar strofa:

> Lili għad jibla' t-trab,
> lil kull m'għandi u kulma jkolli
> bħal kefen aħħari.

Għalkemm l-ewwel kategorija tidher aktar qawwija minħabba l-għadd ta' verbi fin-negattiv, is-sejba ta' aktar verbi implikati tat-tieni kategorija turi liema hu s-sens verbali ewlieni. Bħalma fix-xbihat it-trab ma jidherx vjolenti iżda fil-fatt hu, it-terminu li jissuġġerixxi qerda vjolenti («jibla'») ma jidherx il-ħin kollu iżda fil-fatt hu prevalenti.

Il-fatt li t-tielet mument (kategorija) hu kkostitwit minn verbi li jindikaw azzjoni pjaċevoli ma jibdilx l-effett tal-prevalenza tat-tieni kategorija. Wara kollox, ir-raba' kategorija terġa' tixhed azzjoni li teqred is-sinifikat tal-kategorija ta' qabel: in-nies li jiżżejnu, jiċċajtaw u jiddieħqu jisfaw mifrudin mid-dimensjoni li dan kollu seħħ fiha. Fl-aħħar fażi ta' azzjoni l-verbi jibdlu s-suġġett (minn trab għall-ewwel persuna fil-plural «aħna») u s-sens ta' qerda. Dan is-sens jinbidel f'sens ta' tama («nistennew») u ta' dubju («jekk hemm»). Il-verb «taħjina» li jiġi f'dil-parti tal-poeżija, jew fil-ħames perijodu ta' azzjoni, hu eċċezzjoni u aktar jispikka l-isfond kundizzjonali milli s-sens ta' ħajja.

B'attenzjoni ffukata biss fuq il-vokabularju, u ris-

tretta għall-verbi, il-qarrej jista' jelicita aspett wieħed tal-poeżija u jara kif jaħdem għalih. Naturalment, dan ma jistax jibqa' sseparat bħala parti minn effett sħiħ. Ir-restrizzjoni tal-qarrej għandha tkun miżura li tgħinu jillimita l-attenzjoni tiegħu għal aspett wieħed tal-poeżija, iżda ma għandhiex tostakulah meta jfittex korrispondenza bejn l-aspetti studjati separatament. Bħala eżempju tista' tittieħed il-bidla minn verbi b'suġġett biss għal verbi li magħhom hu marbut oġġett ukoll.

Fl-ewwel parti tal-poeżija l-verbi fin-negattiv għandhom is-suġġett (trab) biss. Fil-parti nofsana, fejn iseħħ il-kuntrast permezz tal-verb «bala'», aktar tispikka r-rabta ma' u l-effett fuq l-oġġett. L-inklużjoni ta' l-oġġett («lil missieri», «lil ommi», «lil marti», eċċ.) fi skema ripetittiva tindika bidla fl-enfasi mill-aġent ta' l-azzjoni (is-suġġett «trab») għall-pazjent (l-oġġett, jew min isofri l-azzjoni). Waqt li f'din l-analiżi l-verb jibqa' ċentrali, il-qarrej qiegħed iqis ukoll il-kuntest immedjat biex jara l-azzjoni verbali hix enfasizzata bħala sforz ta' suġġett jew sofferenza ta' oġġett. Fil-fatt il-bidla fl-enfasi tikkorrispondi mal-bidla fix-xena minn trab li jiksi «bil-lajma» għal trab li hu element qerriedi u vjolenti.

Eżempju ieħor ta' korrispondenza hu rrealizzat meta wieħed iqis il-bidla bejn preżent, passat u futur li hemm fil-poeżija. Fl-ewwel kategorija n-negattiv hu fil-preżent, bħalma hu l-ewwel verb fit-tieni kategorija, u meta l-verb jiżdied oġġett miegħu, il-preżent jinbidel f'passat («bala'»). Il-passat jinbidel immedjatament f'futur («għad jibla'») bl-istess verb u r-ripetizzjoni tagħti l-predominanza lill-futur. Il-verb waħdieni fil-passat mhux biss jikkuntradixxi dak li ngħad qabel, iżda hu aktar qawwi għax jindika fatt li seħħ. Il-preżent (bħal «jiksi») juri

azzjoni kontinwa li għadha mhix mitmuma iżda l-passat jixhed azzjoni mitmuma u fatt storiku. Wieħed jifhem l-importanza tal-verb waħdieni tal-passat meta jagħraf li l-poeta jagħżel l-istess tifsira verbali għall-predominanza tal-futur. Il-poeta qiegħed japplika ċ-ċertezza tal-passat għall-futur u qiegħed jibża' minn dak li inevitabbilment se jseħħ lilu. Waqt li l-preżent għadu qed jiddefinixxi l-azzjoni tat-trab ( «jiksi»), u jagħmel dan wara sensiela ta' verbi fin-negattiv li jindikaw definizzjoni li qed tiġi ffurmata, il-passat («bala'») hu ġrajja ċerta. Dan jikkorrispondi mas-suġġeriment li ħareġ mix-xbihat dwar kif il-bniedem ma jafx li qed isseħħ mewt kontinwa għax ma jistax jiddefinixxi l-ħajja bħala mewt, iżda fil-fatt hu dejjem riesaq lejn tmiem (jew metamorfosi) inevitabbli.

Permezz ta' din l-analiżi bażika l-qarrej jagħraf li l-verb ma jservix biss it-tul tas-sentenza, jew tal-vers. Il-verbi jistgħu jiġu miġbura fi skema, skond x'tippermetti l-poeżija, u jista' jiġi meqjus kif l-iskema toffri perspettivi ġodda fuq ix-xbihat. Eżempju wieħed kien is-suġġeriment li x-xbiha ta' trab li jibla' hi aktar qawwija mix-xbiha ta' trab nieżel bil-lajma, minħabba l-intensifikazzjoni tat-tieni kategorija bit-termini mifhuma «għad jibla'». Din il-funzjoni verbali hi moħbija minħabba li t-termini ma jidhrux kull fejn jinftiehmu. Il-qari tal-poeżija hu differenti minn qari ieħor għax il-poeżija tagħti tifsira u taħbi l-mod kif ingħatat. Testi li ma humiex letterarji huma aktar trasparenti u joffru inqas sfida biex il-qarrej jara l-mekkanika komunikattiva tagħhom.

Waqt li t-test f'oqsma oħra ta' studju jirrikjedi li l-qari jibqa' għaddej biex l-informazzjoni fil-qarrej tiżdied,

il-poeżija trawwem żewġ tendenzi: a) it-tendenza li l-qarrej ikompli jaqra, megħjuna mill-konċiżjoni, mir-ritmu, mir-rima u minn diversi fatturi oħra; b) it-tendenza li jieqaf biex jiġbor sens li donnu hu akbar mit-tifsir tal-kliem, jew elaborazzjoni li hija aktar dettaljata mill-ewwel xeni li jiġu f'moħħu. Dan il-pjaċir doppju, ta' ħeffa u profondità, jispikka għax iqarreb lejn xulxin l-impulsi kuntrarji ta' ġbir ta' informazzjoni aktar profonda u għaġla li tirrikjedi li din il-profondità tittieħed f'ħin qasir.

*2.2* Nomi komuni u persunali fi *Trab* huma: «trab», «lava», «skorċa», «għabra», «strati», «tħaddina», «missier(i)», «omm(i)», «mar(ti)», «ulied(i)», «ħi(ja)», «Ċinzja», «Nadja», «triq», «Wenzu», «Vestru», «Nestru», «ġuf», «ħsejjes», «ilwien», «kefen», «fossili», «wisa'», «żmien», «qawmien», «żrieragħ», «art», «irxiexa», u «trombi». Din il-lista ma tinkludix ir-ripetizzjoni li hemm ta' uħud min-nomi, bħalma tagħmel il-lista tal-verbi. Iżda r-rikorrenza tan-nom «trab» hija evidenti ma' l-ewwel qari tal-poeżija. Ħlief għan-nom «trab» ir-ripetizzjoni fil-kategorija ġenerali tan-nomi mhix mifruxa jew effettiva daqskemm hi fil-verbi. Dan jixhed punt siewi: l-aspetti tal-poeżija mhux bilfors jiġu analizzati fi skema li ġiet stabbilita minn aspetti oħrajn. F'kull każ il-qarrej għandu jkollu metodu ta' analiżi ipotetiku (bħall-arranġament tan-nomi f'kategoriji kif sar bil-verbi), iżda dan il-metodu għandu jiġi mmodifikat jew totalment mibdul jekk il-poeżija tissuġġerixxi skema, jew aspetti ta' importanza, differenti.

Wieħed jinnota li anki fil-każ tan-nomi hemm ħjiel ta' kategoriji ta' sens. Ir-ripetizzjoni ta' «trab», u n-

nom «għabra» jagħtu l-impressjoni ewlenija ta' element «persistenti». Nomi bħal «strati», «tħaddina», «ġuf», «kefen» u «fossili» jiffurmaw kategorija li tindika kontenitur jew forma ta' għata. Is-sensiela ta' nomi familjari (bħal «missier(i)», «omm(i)»), segwita minn sensiela ta' nomi propriji, jinvolvu lill-bniedem bħala l-vittma li hi «ngastat(a)». Nomi bħal «żrieragħ», «irxiexa» u «qawmien» huma assoċjati ma' bidu ġdid. L-għażla tan-nomi tixhed erba' punti ta' konċentrazzjoni: it-trab li hu omnipreżenti; element li jaqbad, ikeffen jew jgħatti; ammont ta' nies involuti; u l-qawmien.

L-għażla tan-nomi tpoġġi t-tema fl-ambitu tat-tiġrib senswali u materjali għax nomi bħal «trab», «għabra» u «fossili», flimkien mad-definitezza fl-għażla tan-nomi persunali, ma jippermettux li l-argument dwar il-mewt jibqa' astratt, iżda jniżżluh għal-livell tat-tiġrib uman f'dinja konkreta. Huwa fl-aħħar strofa li n-nomi jsiru aktar astratti u li l-qarrej iġarrab firxa aktar vaga tas-sens b'termini bħal «wisa'», «żmien» u «qawmien». Iżda anki hawn nomi bħal «żrieragħ» u «art» joffru rabta mat-tiġrib sempliċi u materjali tal-bniedem. B'mod ġenerali jista' jingħad li waqt li l-qarrej qiegħed jifhem tema astratta u misterjuża (il-mewt u l-possibbiltà ta' qawmien għal ħajja oħra), xorta jitħalla fid-dinja tiegħu ta' kuljum permezz ta' għażla ta' nomi konkreti fil-parti l-kbira tal-każi. Dan jixhed kif ħafna min-nomi huma ċifri.

Barra minn hekk in-nomi «wisa'» u «żmien» jitilfu parti min-natura astratta tagħhom minħabba t-terminu metaforiku «ingastati». Il-paragun bejn oġġett imdaħħal f'ieħor biex jeħel f'post, issuġġerit mit-terminu metaforiku, u l-bniedem maqbud «fil-wisa' u fiż-żmien»

joħloq qari ambigwu li jlaħħaq kemm ma' l-astratt kif ukoll mal-konkret.

Wieħed jinnota wkoll id-differenza bejn in-nomi ewlenin li għandhom funzjoni simbolika jew konnotattiva, u dawk ewlenin li għandhom sens aktar denotattiv (anki jekk dan is-sens jibqagħlu grad ta' implikazzjoni).

| *Simboliċi/Konnotattivi* | *Aktar Denotattivi* |
|---|---|
| trab | missier(i) |
| għabra | omm(i) |
| strati | mar(ti) |
| tħaddina | ulied(i) |
| ġuf | ħi(ja) |
| kefen | Ċinzja |
| fossili | Nadja |
| żrieragħ | Wenzu |
| irxiexa | Vestru |
| | Nestru |

Il-poeta qiegħed ikun inqas simboliku, aktar persunali u speċifiku meta jsemmi l-vittmi tal-mewt, iżda l-mewt innifisha hi ppreżentata u deskritta f'għadd ta' nomi aktar konnotattivi. Dan jikkorrispondi max-xbiha li momentarjament taħbi l-effett qerriedi tat-trab, u tippreżentah bħala element li hu persistenti biss. Minn kull lat il-poeta jitkellem dwar il-mewt u jaħbi t-trattament tagħha b'teknika. Bħalma aktar jidher l-effett tat-trab milli l-azzjoni tiegħu, aktar jinħass l-effett tal-mewt milli l-preżenza kontinwa tagħha. L-effett, in-nies li għad jinqerdu, ma jibqax simboliżmu li jaħbi s-sens iżda jsir terminoloġija aktar denotattiva. It-transizzjoni fix-xbihat minn aġent li ma jidherx għal effett qerriedi hi akkumpanjata b'għażla ta' nomi li tvarja mis-simboliku sad-denotattiv.

*2.3* Għalkemm hemm prepożizzjonijiet oħra dawn ma għandhomx l-importanza tal-prepożizzjoni «lil». Ir-ripetizzjoni anaforika tagħha quddiem persuni varji għandha żewġ effetti fuq is-sens: tindika li l-mewt għad tiġi fuq kulħadd, iżda tħalli l-impressjoni li l-mewt tolqot lill-bniedem individwalment. Frażi bħal «Lilna lkoll» tippreżenta tiġrib kollettiv, iżda r-ripetizzjoni ta' «lil» quddiem diversi individwi tagħmilha traġedja individwali. Il-firxa li tinħoloq permezz tal-prepożizzjoni sseħħ fuq oġġetti wkoll: «lil kull m'għandi». Barra minn hekk il-prepożizzjoni tintuża għal estensjoni lejn il-futur: «lil kulma jkolli». Mingħajr din ir-ripetizzjoni x-xbiha tat-trab nieżel ma kinetx tkun mifruxa biżżejjed biex il-qarrej jassoċja t-trab mal-mewt u l-qerda ta' ħwejjeġ materjali. Ir-rikorrenza tal-prepożizzjoni tagħti l-qies ta' l-effett ta' l-azzjoni. Waqt li fuq naħa l-prepożizzjoni tikkonferma l-istess azzjoni, fuq l-oħra tapplika din l-azzjoni bla distinzjoni kategorika: fuq nies differenti, fuq oġġetti, u fi żmien differenti.

*2.4* Meta l-qarrej janalizza l-għażla tal-kliem b'reqqa jifhem li l-kategoriji li jista' jifforma, it-termini li jidħlu f'kull kategorija, il-pożizzjoni tat-termini fil-poeżija, l-effett li l-kategoriji jħallu fuq xulxin, u diversi fatturi oħra jirrikjedu aktar dewmien u sforz milli stenna li se jaħli. Aktarx li jagħraf ukoll li l-kategoriji li fforma setgħu ġew mibnija mod ieħor, jew li kategoriji ġenerali (bħall-aġġettivi u l-avverbji fi *Trab*) tħallew kompletament barra. Il-fatt hu li diversi possibbiltajiet ta' arranġament analitiku jibqgħu jiġu f'moħħ il-qarrej. Poeżija rari hi eżawrita bi ġbir partikulari u arranġament individwali tal-materjal li hi magħmula minnu.

Il-poeżija hi poeżija għax tippermetti grad ta' flessibbiltà (li ma għandux jiġi abbużat) fl-għażla ta' aspetti minnha, fl-interpretazzjoni ta' dawn l-aspetti u fil-mod kif jiġu rrelatati flimkien.

*3.0 Metafori u Similitudnijiet*

Il-poeżija sħiħa tista' titqies bħala metafora jew bħala allegorija. Il-metafori partikulari f'partijiet tal-poeżija huma paraguni fi ħdan paragun akbar li hu l-poeżija sħiħa. Il-fattur ewlieni li jeliċita l-poeżija minn forom oħra ta' kitba, u qari, hu t-trasferenza ta' karatteristiċi ta' oġġett (bħal «trab») fuq ieħor (mewt). Figuri u aspetti stilistiċi oħra li huma rrelatati, bħas-simbolu, is-sineddoke, il-metonomija, l-analoġija u aktar, huma effettivi għax isegwu l-mekkanika u l-prinċipju tal-metafora.

*3.1* Fi *Trab* il-metafori ewlenin jiddeskrivu n-natura tat-trab li mbagħad hu metafora tal-mewt. It-terminu «fitt» bħala eżempju, iġiegħel lill-qarrej jittrasferixxi fuq it-trab l-imġiba ta' forma ta' ħajja li ma teħlisx minnha malajr. It-terminu jġiegħel lill-qarrej jiftakar f'esperjenzi li kellu u li fihom użah. Eżempji ovvji huma: insett li jibqa' ġej anki meta wieħed jevitah jew ikeċċih; u bniedem li l-persistenza tiegħu tissarraf f'kumpanija li ddejjaq lil ħaddieħor. It-terminu jista' jindika wkoll bniedem li jagħmel kollox bir-reqqa. Jista' jagħti t-tifsira tax-xogħol innifsu ta' dan il-bniedem għax frażi bħal «xogħol fitt» tindika xogħol li sar b'impenn u bi preċiżjoni. Finalment «fitt» tista' tindika xogħol (bħal ta' l-insiġ) li jkun sfiq u jkollu disinn elaborat. Wieħed jinnota li fil-kuntest tal-poeżija, l-aktar f'sekwenza għat-terminu «persistenti», il-karat-

teristiċi li jiġu mislufa l-ewwel huma ta' forma ta' ħajja li ddejjaq. Iżda s-sens ta' xi ħaġa sfiqa jista' jservi ta' elaborazzjoni għall-qarrej li jkun jaf din it-tifsira wkoll. L-elaborazzjoni hi msaħħa mix-xbiha ta' «għabra fina». It-terminu «fitt» jista' jservi kemm ta' metafora li tanima lit-trab u tagħmlu persistenza intenzjonali, kif ukoll ta' metafora li ssellfu l-kwalità ta' oġġett ieħor inanimat biex f'dal-każ tkun indikata n-natura sfiqa tiegħu.

Il-qarrej jirrealizza kif waqt il-qari tal-metafora jrid il-ħin kollu jsib ħwejjeġ li mhux bilfors ikunu fil-poeżija, u li jekk ikunu ma jservux is-sens bħala oġġetti sħaħ iżda billi jisilfu aspetti minnhom. Il-metafora tieħu lill-qarrej 'l hinn min-natura ta' dak li qiegħed jaqra dwaru biex tispjegah aħjar b'aspetti li, għalkemm ma humiex tiegħu, xorta waħda joqogħdulu. Il-binja metaforika sservi ta' firxa assoċjattiva li ma tħallix lill-qarrej fl-ambitu li jinsab fih l-element li jaqra dwaru.

| Sinifikat Moħbi | Metafora Estiża/ Xbiha Ċentrali | Metafori oħra li jelaboraw ix-xbiha ċentrali. |
|---|---|---|
| Mewt | Trab | |
| | jinżel kullimkien | |
| | persistenti | |
| | fitt | Bniedem/insett |
| | jibla' | li jdejqek bil-persistenza tiegħu. |
| | | Xogħol sfiq. |

Il-metafora toffri qari interessanti għax telabora x-xbiha ewlenija billi tieħu aspetti minn tiġrib ieħor u tapplikahom fuqha. Ix-xbiha ewlenija, f'dal-każ ta' trab

nieżel, hi l-ewwel konċentrazzjoni ta' l-attenzjoni tal-qarrej li jibqa' jqisha bħala ċ-ċentru tat-tifsir. Waqt li x-xbiha ċentrali hi diġà metafora tal-mewt, u mill-bidu tal-poeżija diġà seħħet l-ewwel qabża metaforika, il-poeżija tibqa' tiffoka fuq din ix-xbiha flok fuq il-mewt innifisha. L-aġġettiv «fitt» jieħu lill-qarrej f'xeni oħrajn momentarjament, u minħabba li l-poeżija terġa' tkompli fuq ix-xbiha tat-trab wara l-użu ta' l-aġġettiv, il-firxa assoċjattiva terġa' tingħalaq, b'sinifikat miżjud fuq id-dehra ċentrali.

Il-metafora «għad jibla'» tixħet il-kwalitajiet ta' essri animat fuq it-trab. Mill-ġdid it-trab hu animat, għalkemm din id-darba l-karatteristika ewlenija hi l-qerda vjolenti flok il-persistenza. Minħabba li t-termini «għad jibla'» huma mifhuma f'għadd ta' versi, kif intwera, din il-metafora hi estiża. Din il-metafora titlob sforz immaġinattiv akbar għax il-paragun hu aktar remot. It-trab, meqjus forma ta' ħajja li tibla', ma għandux dehra daqskemm sinifikat għax hu diffiċli timmaġina l-azzjoni annimaleska bħala karatteristika tat-trab. Din id-diffikultà hi kkumpensata bir-ripetizzjoni (attwali u mifhuma) tal-metafora.

Fil-metafora estiża maħluqa permezz tat-terminu «trab» hemm diversi kwalitajiet. Hu utli, waqt il-qari tal-poeżija, li l-qarrej jagħraf liema minn dawn qegħdin jiġu enfasizzati u jifhem għalfejn. Minħabba li sa issa l-qarrej ta' *Trab* diġà analizza x-xbihat u l-vokabularju, hu aktar faċli jagħraf il-predominanza ta' l-aħħar kwalità (jiġifieri ta' trab li jibla') fil-binja metaforika. Dan għax ir-rikorrenza ta' l-istess xbiha, u l-istess kliem, f'analiżi aktar bikrija tikxef żvilupp ta' metafora partikulari fuq oħrajn.

*3.2* Barra l-metafori hemm għadd ta' similitudnijiet matul il-poeżija. Is-similitudni «bħal-lava li ċċaqċaq l-iskorċa» hi inkorporata fin-negattiv u x-xebh jinftiehem biex il-qarrej ma jqabbilx it-trab ma' l-element deskritt (lava). «Bħal ġuf nessej għad jingħalaq» u «bħal kefen aħħari», joffru xebh bejn it-trab u elementi li jagħlqu l-ħajja fihom. «Bħal fossili ngastati/fil-wisa' u fiż-żmien» u «bħaż-żrieragħ ġo l-art. . .» ixebbhu lill-bniedem ma' rikordju ta' ħajja u possibbiltà ta' ħajja rispettivament.

Is-similitudni tgħaqqad f'salt l-elaborazzjoni u l-immaġinazzjoni. Bħall-metafora tieħu l-element deskritt jew elaborat 'l hinn mill-kuntest tiegħu biex tqabblu ma' oġġett ieħor f'xena oħra. Waqt li jrid ikun hemm xi fattur komuni bejn l-elementi mxebbha l-qarrej irid japprezza oġġett permezz ta' tiġrib li għall-ewwel jista' jidher imbiegħed. F'dan is-sens il-poeżija tipposponi l-perċezzjoni anki bis-similitudni.

Ħlief għall-ewwel waħda, is-similitudnijiet fil-poeżija huma kkonċentrati fl-aħħar strofa bi ftit spazju bejniethom. Minħabba f'hekk l-aħħar strofa tispikka bħala strofa ta' xebh. Is-similitudnijiet f'din l-istrofa għandhom aspett komuni: kollha jippreżentaw element li fih jagħlaq il-ħajja. Ix-xbihat tas-similitudnijiet ma humiex l-istess («ġuf», «kefen», «fossili», «żrieragħ»), iżda kollha jissuġġerixxu l-istess tifsira ta' element li fih jagħlaq il-ħajja. F'dan is-sens huma ripetizzjoni mingħajr ma jirripetu l-istess xbiha. Din il-konċentrazzjoni tas-similitudnijiet tieħu post il-metafora tat-trab li tonqos fl-aħħar strofa. Is-similitudni, speċjalment meta użata ħafna fi spazju żgħir, tagħti l-impressjoni li dak li jitkellem dwaru l-poeta jinstab f'diversi ħwejjeġ jew aspetti oħra tad-dinja. L-effett iġiegħel lill-qarrej jemmen li

l-proċess li jaqra dwaru jinstab kullimkien. Għalhekk ir-ripetizzjoni tas-similitudni tagħti l-impressjoni li l-proċess imxebbah hu universali.

*4.0 Il-Poeżija bħala Arranġament ta' Ħoss*

Il-ħsejjes tal-poeżija, flimkien ma' aspetti bħar-ritmu, jiddeterminaw l-isforz fiżiku li l-individwu jrid jagħmel waqt il-qari. Dan l-isforz hu rrelatat mas-sens għax meta mmanipulat mill-ħila tal-poeta jista' jpoġġi lill-qarrej f'burdata partikulari. Il-poeta jista' jikkontrolla n-nifs tal-qarrej bil-metrika, u jista' jħaffef jew itaqqal il-qari bl-ewfonija jew bil-kakofonija. Jista' jagħti skema ta' qbil bejn il-kliem permezz tar-rima u jista' jġiegħel lill-qarrej iġarrab xbiha senswalment permezz ta' l-onomatopea. Dawn l-eżempji bażiċi jindikaw li l-ħoss hu imitazzjoni tas-sens u manipulazzjoni tal-burdata tal-qarrej.

Kull bniedem għandu reazzjonijiet fiżiċi attivati miċ-ċirkustanza, jew mill-burdata, li jinstab fiha. Poeta jista' jikkontrolla wħud minn dawn ir-reazzjonijiet (ngħidu aħna n-nifs, l-għaġla fil-kliem, il-volum ta' ħoss) sa ċerti gradi, u b'hekk jista' joħloq, parzjalment, l-effett li s-soltu jinħoloq biċ-ċirkustanza. B'dal-mod poeta jmur mill-ewwel għall-effett reattiv. Imbagħad hu pass spontanju biex il-qarrej jikkwalifika t-tema moqrija skond ir-reazzjoni maħluqa fih.

*4.1* Il-qarrej jinnota d-differenza fil-ħoss bejn versi bħal «ma jbaqbaqx feroċi» u «mhux bħal-lava li ċċaqċaq l-iskorċa», u versi bħal «it-trab għabra fina» u «tħaddina muta siekta bil-lajma». L-ewwel żewġ versi ma jistgħux jinqraw b'ġentilezza. Il-qarrej ma jistax jevita l-konċen-

trazzjoni fuq il-ħoss konsonantali minħabba l-alliterazzjoni (bil-«b», il-«q» u ċ-«ċ»). Barra minn hekk l-onomatopea permezz tat-termini «jbaqbaqx» u «ċċaqċaq» tnaqqas l-attenzjoni fuq it-tifsira u tapplikaha fuq is-smigħ tal-ħoss attwali tal-lava. Ukoll, il-qawwa ta' l-aċċent fuq l-ewwel sillaba ta' dan il-kliem, flimkien mal-ħoss konsonantali «q» li tispiċċa bih is-sillaba fiż-żewġ każi, iġiegħlu lill-qarrej iżomm in-nifs għal waqt qasir bejn l-ewwel u t-tieni sillaba tant li l-kliem jinqara fi skossi. Ir-ritmu ovvju taż-żewġ versi jagħti l-impressjoni ta' forza li ma tinżammx, jew, permezz ta' l-amfibrakkju, ta' konċentrazzjoni ta' forza. L-amfibrakkju, jew il-pied magħmul minn tliet sillabi li minnhom tan-nofs biss hi aċċentata, hu meqjus bħala pied li jissuġġerixxi ġbir u konċentrazzjoni ta' forza fil-prosodija klassika.

| Mă jbāqbā̆qx | fĕrōċĭ |
|---|---|
| amfibrakkju (bakkju) | amfibrakkju |

| mhŭx | bħăl-lāvă | lĭ ċċāqċaq̄̆ | l-iškōrċă |
|---|---|---|---|
| anakrusi | amfibrakkju | amfibrakkju (bakkju) | amfibrakkju |

Il-fatt li «jbaqbaqx» u «ċċaqċaq» jistgħu jinqraw bħala spondew, u jistgħu joħolqu pied bakkiku, mat-terminu li jiġi qabilhom, jista' jissuġġerixxi wkoll forza bla rażan. Kemm l-amfibrakkju kif ukoll il-bakkju jissuġġerixxu forza u huma akkumpanjament xieraq għas-sens ta' forza

naturali li hi kkonċentrata u li ma tinżammx. Naturalment wieħed jista' jaqsam il-versi f'piedi iżgħar u jqis uħud mis-sillabi żejda, iżda dan ma jservix is-sens li f'dal-każ jissuġġerixxi liema pied hu l-aktar adatt.

Għall-kuntrarju ta' dawn il-karatteristiċi t-tieni żewġ versi jispikkaw minħabba t-tul vokaliku. Dan jixraq lis-sens ta' azzjoni ġentili fix-xbiha ta' trab nieżel bil-lajma. Il-qari bilfors isir lajman minħabba l-użu frekwenti tal-vokali «a» mtawla. Dettal interessanti hu l-pied ta' l-aħħar vers ta' l-ewwel strofa.

| tħăd | dīnă | mūtă | sīektă | bĭl- | lājmă |
|---|---|---|---|---|---|
| anakrusi | trokew | trokew | trokew | | trokew |

Il-persistenza ta' l-istess pied tqawwi l-impressjoni ġenerali li jagħti t-trokew ta' xi ħaġa nieżla, jew ta' waqgħa. Fil-prosodija klassika t-trokew ġie meqjus bħala l-pied nieżel b'kuntrast mal-ġjambu li hu pied tiela'. Mill-ġdid, il-qarrej għandu jinnota l-effett tal-qawwa rranġata tal-ħoss permezz tal-pied, u għandu jagħraf ir-relazzjoni ovvja bejn il-pied magħżul u x-xbiha ta' trab nieżel.

*4.2* Aspett ieħor ta' l-arranġament tal-ħoss hu r-rima. Id-diwi tas-suffiss possessiv «-i» fit-tieni strofa jgħin il-qrubija li l-poeta jenfasizza bejn il-kliem «missieri», «ommi» «marti», «uliedi». Il-fattur komuni, jiġifieri li l-persuni indikati huma kollha qrib ħafna tal-poeta, hu akkumpanjat minn ripetizzjoni ta' l-istess tmiem minħabba l-forma morfoloġika ġenerali. Dan hu każ fejn il-poeta jinqeda b'aspett partikulari ta' lingwa, is-suffiss tal-possessiv, biex jirrelata s-sens u l-ħoss f'ripetizzjoni

regulari. Ir-rima interna fit-tielet strofa għandha skema li tħaffef il-qari għax tagħti eku f'intervalli iqsar sakemm id-diwi jieqaf bil-kelma «ħija». L-impressjoni hi li l-azzjoni tat-trab li «jibla'» tibda bilmod iżda ssir aktar mgħaġġla waqt li teqred lin-nies:

Lil missieri bala' t-trab
lil ommi għad jibla'
lil marti, 'l uliedi, lil ħija.

Il-marki jindikaw l-eku. Wieħed jista' jara kif fit-tieni vers hemm sillaba inqas bejn il-bidu tal-vers u s-sillaba li tidwi l-ħoss. Fit-tielet vers dan l-għadd ta' sillabi hu miżmum fil-bidu, iżda wara żewġ sillabi l-ħoss hu rrealizzat mill-ġdid u jagħti l-impressjoni ta' frekwenza li se tiżdied, impressjoni miċħuda bit-tmiem tal-vers. L-eku «-i» hu megħjun mill-fatt li quddiemu, donnu bi preparazzjoni għalih, dejjem hemm aċċent qawwi.

Rima oħra li tissuġġerixxi l-istess ħeffa fil-qerda hi bejn l-ismijiet persunali tan-nies li l-poeta jaf. Il-fatt li fil-poeżija r-rima tintuża b'mod ġenerali għan-nies (qraba jew ħbieb) jindika kif l-użu tagħha mhux koinċidenza. Il-qarrej għandu jifhem li rikorrenza bħal din, li sseħħ fejn hemm termini li jistgħu jinġabru f'kategorija għalihom, għandha effett marbut mas-sens. Mistoqsija interessanti hi: għalfejn, wara l-lajma li ħoloq bil-vokali «a», il-poeta jrid iħaffef il-qari permezz tar-rima interna? Wieħed jista' jinnota wkoll ir-regularità fin-numru ta' sillabi bejn l-eku, u fl-aċċent:

Lil Ċinzja u lil Nadja li żejnu t-triq
bi ġmielhom.

Lil Wenzu, lil Vestru, lil Nestru
jiċċajta u jiddieħaq.

Jekk jitqies ukoll l-eku maħluq permezz tal-prepożizzjoni «lil», wieħed jagħraf li t-tielet vers hu fil-fatt ripetizzjoni ta' l-istess sekwenza vokalika (i-e-u). Din ir-regolarità fir-rima takkumpanja l-implikazzjoni li kulħadd hu l-istess quddiem il-mewt. Iż-żieda tad-dettal dwar l-aħħar persuna («jiċċajta u jiddieħaq») hi ironika wara sens u ħoss li jillivellaw lit-tliet individwi għall-istess tiġrib u trattament.

*5.0 Konklużjoni*

Il-poeżija hi ġabra ta' reazzjonijiet bejn aspetti stilistiċi differenti li jiġu attivati mill-qarrej attent. Hija aktar effettiva milli jissuġġerixxi t-tul tagħha għax ma tippermettix qari lineari biss, iżda tinstiga l-ħin kollu kunflitt, konsolidazzjoni u elaborazzjoni bejn l-aspetti differenti tagħha. Anki b'eżempji limitati, bħalma tqiesu fil-każ ta' *Trab*, il-poeżija tixhed in-neċessità tal-qarrej li qiegħed ifittex effetti aktar milli argument, esperjenza aktar milli kontenut lest, u involviment impenjat fil-bini ta' struttura aktar milli informazzjoni. Hemm sens wieħed li jfiehem kif poeżija tinforma: il-poeżija hija forma ta' kontenut li tinbena b'reazzjoni f'qarrej; il-poeżija tinforma lill-qarrej billi tagħtih forma ġewwiena jew billi tifforma l-perċezzjoni u l-intuwizzjoni tiegħu. Dan tagħmlu meta l-qarrej ikun jaf il-bażiku tat-teknika letterarja, u jibda jagħraf kif aspetti tekniċi biswit xulxin jinfluwenzaw lil xulxin. Il-qarrej aktar avvanzat jagħraf il-funzjoni tat-teknika fil-kuntest partikulari tagħha, u jġarrab l-influwenza reċiproka bejnha u aspetti tekniċi oħra. F'dan is-sens il-poeta jkun ta riċetta formattiva: għadd ta' possibbiltajiet strutturali li jimmotivaw lill-qarrej biex jgħaqqadhom. Hu f'dan is-sens li l-qarrej jibni l-poeżija billi jaqraha.

## Indiċi tal-Poeżiji kkwotati


Adam, 44
Aeterna Mens, 117
Agunija, 79
Agħtuni Karta Bajda, 29
Ajkla, 131
Alter Ego, 31
Arizona, 101, 130, 133, 138, 143
Ars Artium, 103
Awto-Kuxjenza, 46, 133, 147, 154
Awtobijografija ta' «Bniedem 2000 A.D.», 5, 6

Bebbuxu, 111, 112, 125
Bettieħa, 124
Bewsa, 27
Bidla, 15
Biża', 152, 156
Brimba, 114
Burdati, 133, 138, 139
Burraxka, 101, 122, 143

Daħka, 152
Déjà Vu, 147
Depożizzjoni, 10
Dinjiet Mitlufa, 104, 119
Djalogu, 41, 134, 147, 154
Dlam, 63
Duwaliżmu, 134, 137

Edukazzjoni, 45
El Poema Sin Musica, 24
Emikranja, 9, 157
Enigma Variations, 133, 134
Enthousiastes, 110
Epitaffju, 91
Exodus, 69

Fil-Mewt ta' Ħija Ċali, 94
Fi Sptar, 77, 78
Fission, 55
Fl-Aħħar, 109
Flokk tas-Suf, 155
Frater, 14, 18, 49

Ġenetika, 3, 126
Ġenn il-Poeta, 49
Ġirasol, 111, 125
Ġudizzju, 8
Għalija, 107
Għanja, 27
Għanqud, 23
Għatx, 115
Għawm, 130

Ħaġar Qim, 51, 55
Ħaxix, 123
Ħġieġ, 4, 158
Ħnejjiet, 153
Ħolm, 49, 67, 105
Ħolma, 49, 114

Id-Dawl, 9, 61, 63
Il-Balluta, 128, 129
Il-Bajda Żerriegħa, 40
Il-Brimba, 159
Il-Ġiraffa, 112
Il-Ħsieb tal-Mewt, 97
Il-Kantiku tad-Demm, 43, 60, 121
Identità, 154
Individwalità, 45, 83, 154
Inġiniera Ġenetiċi, 3, 4, 8
In Vitro, 8
Ir-Ras, 74, 78
Ir-Riħ, 75, 78
Irxoxt, 21
Ispirazzjoni, 103
Is-Sess tal-Fjuri, 127
It-Tmiem, 85
Iż-Żifna, 25, 68
Iz-Zija Rożina, 96

Katavri, 22

Kennierja, 3
Kont Żagħżugħ . . ., 27, 28
Korda, 106
Kultant, 134, 139

L-Aħħar Holqa, 48, 60, 143
La Noche Oscura, 71, 115
Laqgħa, 48
Leit Motif, 105
Les Fleurs Du Mal, 24
L-Għanja ta' Mara, 24
L-Għanja tal-Hajja, 37, 119
L-Għanja Tiegħi, 112
Lil Alla Falz, 65
Lil Binti Tarbija, 32
Lill-Madonna Gotika, 16, 17, 18, 24, 31
Lill-Umanità, 142
Lil Marti, 31
Lil Ulied Uliedi, 20
Lir-Riħ, 130
Lola, 33, 34

Malaise, 41, 42, 143, 156
Manikin, 34
Masculum et Feminam Creavit Eos, 25, 27, 30
Maskla, 134, 147, 148
Milied 1948, 133, 145
Min Jien?, 149, 150
Moħħ Programmat, 24, 27, 133, 140
Moribond, 80
Mortalità, 84
Motu Perpetwu, 38

Naħla, 29
Namur, 24, 28
Niket, 50
Novembru 1976, 92, 93

Olympus, 4
On the Rocks, 33
Ossiġnu, 143, 144

Paradoss, 87, 125, 143
Pari Passu, 86
Passa, 126
Poeti, 110
Prandium, 133, 134, 136
Puteoli, 134, 146

Qawmien, 122
Qronfla, 124
Quddiem il-Mera, 57

Radikaliżmu, 143
Rażan, 133, 141
Reqqa ta' Qalb, 78, 151
Russett, 131

Sahra, 50, 55, 67
Simetrija, 89
Solitaire, 143, 144

Tango, 82, 83
Taqtir is-Skiet, 153, 155
Telfien, 80, 82
Tħassib, 68, 156
Tibżax, 87
Trab, 97, 98, 165–192 *passim*
Traxxendenza, 60, 70

. . . u Kull Kewkba Xemx . . ., 108
Vespri, 19
Vesuvius – Fujiyama, 7
Vjaġġi Spazjali, 56
Vojt, 150

Waqt Mixgħul, 106
Wara Hamsa u Għoxrin sena, 24
Warda, 53, 55
Wens, 58, 109

Xitwa, 78
Xjenza, 7, 2
Xufftejn, 49, 50, 67

Żunżan, 110
Żwieġ '70, 33